IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2024
C(2024) 3948 final

ANNEX

**ANNESS**

***tal-***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**L-approvazzjoni tal-kontenut tal-abbozz għal**
**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**
**Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għat-Trasport fuq l-art u multimodali**

MT MT

# ANNESS

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport fuq l-art u multimodali

## ABBOZZ

### WERREJ

1. Introduzzjoni ..... 3

1.1 Il-kuntest ġenerali ..... 3

1.2 L-għan ta' dawn il-Linji Gwida ..... 6

1.2.1 Is-settur ferrovjarju ..... 9

1.2.2 Is-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni ..... 12

1.2.3 Is-settur tat-trasport multimodali ..... 13

2. Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet ..... 15

2.1 Kamp ta' applikazzjoni ..... 15

2.2 Definizzjonijiet ..... 18

2.3 L-istruttura tal-Linji Gwida ..... 23

3. Miżuri mhux soġġetti għal notifika ..... 23

4. Għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport ..... 24

4.1 Kundizzjonijiet ġenerali ta' kompatibbiltà ..... 24

4.1.1 Kundizzjonijiet ewlenin ta' kompatibbiltà ..... 25

4.1.2 Konformità ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni ..... 28

4.1.3 Akkumulazzjoni ..... 28

4.1.4 Trasparenza ..... 28

4.2 Kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għal kategoriji speċifiċi ta' għajnuna għall-koordinament tat-trasport ..... 30

4.2.1 Għajnuna operatorja ..... 30

4.2.2 Għajnuna għall-investiment ..... 37

5. Għajnuna li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fis-settur tal-merkanzija bil-ferrovija ..... 56

5.1 Dispożizzjonijiet ġenerali ..... 56

5.2 Servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali ..... 57

5.3 Il-ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens ..... 59

5.4 It-tul tal-perjodu ta' inkarigu ..... 59

5.5 Konformità mad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea u d-Direttiva dwar it-Trasparenza ........ 59
5.6 Konformità mar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku ........ 59
5.7 Nuqqas ta' diskriminazzjoni ........ 60
5.8 L-ammont tal-kumpens ........ 60
5.9 Rekwiżiti addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-UE ........ 61
5.10 Trasparenza ........ 61
5.11 Kundizzjonijiet u obbligi marbuta mad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ........ 61
6. Flussi finanzjarji f'impriżi ferrovjarji integrati vertikalment ........ 61
7. Pjan ta' evalwazzjoni *ex post* ........ 63
8. Ir-rappurtar u l-monitoraġġ ........ 65
9. Applikazzjoni ........ 65
10. Reviżjoni ........ 66
Anness I ........ 67
Anness II ........ 70

## 1. INTRODUZZJONI

### 1.1 Il-kuntest ġenerali

1. Il-ħolqien ta' suq komuni tat-trasport huwa mira li ilha għal żmien twil tal-Unjoni Ewropea (UE), promoss mil-liberalizzazzjoni. B'mod partikolari, fl-UE, is-servizzi tat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni ġew liberalizzati bis-sħiħ mis-snin 90 ([1]) u s-servizzi tat-trasport ferrovjarju wkoll ġew liberalizzati gradwalment matul dawn l-aħħar deċennji ([2]).

2. Bejn l-2001 u l-2016, il-koleġiżlaturi tal-Unjoni adottaw erba' pakketti leġiżlattivi dwar is-servizzi tat-trasport ferrovjarju bl-għan li gradwalment jiftħu s-swieq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju għall-kompetizzjoni, kemm għat-trasport tal-merkanzija kif ukoll għat-trasport tal-passiġġieri. Is-suq tal-merkanzija bil-ferrovija nfetaħ għall-kompetizzjoni fil-15 ta' Marzu 2003 fuq in-network trans-Ewropew tal-merkanzija bil-ferrovija ([3]), fl-1 ta' Jannar 2006 għall-merkanzija internazzjonali fuq in-network kollu fil-livell Ewropew ([4]) u fl-1 ta' Jannar 2007 għall-kabotaġġ tal-merkanzija bil-ferrovija ([5]). Is-suq tal-passiġġieri tal-ferrovija nfetaħ għall-kompetizzjoni fl-2010 għat-trasport internazzjonali ([6])biss u mbagħad kompletament fl-2019, wara l-adozzjoni tar-"raba' pakkett ([7])ferrovjarju" maħsub biex tkun kompluta ż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea stabbilita bid-Direttiva 2012/34/UE (id-"Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea")([8]). Ir-raba' pakkett ferrovjarju daħħal diversi miżuri inkluż id-dritt ġenerali għall-impriżi ferrovjarji([9]) stabbiliti fi Stat Membru wieħed li joperaw kull tip ta' servizzi ta' trasport

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3921/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom dawk it-trasportaturi li mhumiex residenti jistgħu jittrasportaw merkanzija jew passiġġieri permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni ġewwa Stat Membru (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 1), applikabbli mill-5 ta' Jannar 1992, jibni fuq il-prinċipji ġenerali ta' trattament ugwali u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li permezz tagħhom trasportaturi mhux residenti jenħtieġ li jitħallew iwettqu s-servizzi tat-trasport nazzjonali ("kabotaġġ") f'passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3921/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom dawk it-trasportaturi li mhumiex residenti jistgħu jittrasportaw merkanzija jew passiġġieri permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni ġewwa Stat Membru (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 1), applikabbli mit-2 ta' Awwissu 1996, introduċa regoli komuni li jirregolaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għall-passaġġi fuq l-ilma interni internazzjonali.

([2]) L-ewwel inizjattiva leġiżlattiva fil-bidu tas-snin 90 irriżultat fl-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferroviji tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25) li l-Istati Membri kellhom jittrasponu sal-1 ta' Jannar 1993.

([3]) L-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 1).

([4]) L-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferroviji tal-Komunità (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 164).

([5]) Ara n-nota (4) f'qiegħ il-paġna.

([6]) Id-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 44) fetħet il-kompetizzjoni għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-ferrovija, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

([7]) Ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju huwa sett ta' sitt testijiet leġiżlattivi mfassla biex ikun komplut is-suq uniku għas-servizzi ferrovjarji. Ara https://ec.europa.eu/transport/modes/rail/packages/2013_en.

([8]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, tal-14 ta' Diċembru 2012, p. 32) li tikkonsolida u tħassar b'effett mis-17 ta' Ġunju 2015 id-Direttiva 91/440/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2001/12/KE u d-Direttiva 2004/51/KE, u d-Direttiva 2007/58/KE b'effett mis-17 ta' Ġunju 2015.

([9]) Kif definit fl-Artikolu 3(1)(1) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea, ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

ta' passiġġieri fl-Unjoni Ewropea (b'xi limitazzjonijiet) ([10]) u l-prinċipju ta' sejħiet għall-offerti mandatorji ta' kuntratti għal servizz pubbliku ferrovjarji ([11]).

3. Il-ftuħ tas-suq ferrovjarju jirrikjedi kundizzjonijiet ekwi, b'mod partikolari bejn l-impriżi privati u pubbliċi, biex iwassal għal kompetizzjoni effettiva. Meta l-operaturi stabbiliti ferrovjarji jkunu integrati vertikalment u huma proprjetà pubblika, ir-rifinanzjament intragrupp b'kundizzjonijiet mhux tas-suq jista' jfixkel il-kompetizzjoni, anke minħabba li dan jiskoraġġixxi d-dħul fis-suq. Għalhekk, il-qafas legali li jirregola t-tranżazzjonijiet finanzjarji f'kumpaniji pubbliċi u integrati vertikalment fis-settur ferrovjarju jrid jiġi rrispettat u infurzat kif xieraq.

4. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu żgurati kundizzjonijiet kompetittivi ġusti għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni bejn modi differenti tat-trasport, filwaqt li jitqiesu l-livelli differenti ta' aspetti esterni (pożittivi u negattivi) tal-modi differenti tat-trasport ([12]). Settur tat-trasport sostenibbli huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-konnettività madwar l-Ewropa, titrawwem il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'konformità mal-Artikoli 170 u 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") u biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE.

5. Fil-White Paper tagħha tal-2011 dwar it-trasport ([13]), il-Kummissjoni stabbiliet mira ta' tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet tat-trasport bejn l-2008 u l-2030 ([14]), u tnaqqis ta' mill-anqas 60 % bejn l-1990 u l-2050. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2016 intitolata *Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi* ([15]) l-Kummissjoni pproponiet miżuri biex taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport Ewropew. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ippreżentat mill-Kummissjoni fl-2019 ([16]) kellu l-għan li jittrasforma lill-UE f'soċjetà ġusta u prosperuża b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2050 ([17]). Għal dak l-għan, il-Kummissjoni stabbiliet il-mira li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-anqas 55 % sal-2030 apparagun tal-livelli tal-1990 ([18]).

---

([10]) Id-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 1) tat lill-impriżi ferrovjarji aċċess għan-networks ferrovjarji nazzjonali mill-1 ta' Jannar 2019 fil-ħin għall-iskeda operattiva li tibda fl-14 ta' Diċembru 2020.

([11]) Ir-Regolament (UE) 2016/2338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 22) introduċa l-obbligu li jingħataw kuntratti għal servizz pubbliku b'mod kompetittiv mit-3 ta' Diċembru 2019, b'perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fl-24 ta' Diċembru 2023.

([12]) Il-politika komuni tat-trasport trid issegwi wkoll l-objettivi ambjentali stabbiliti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"). L-Artikolu 11 tat-Trattat jistipula li "Il-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jinkoraġixxu żvilupp sostenibbli".

([13]) *Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti*, COM(2011) 144 finali, 28.3.2011, il-punt 6.

([14]) Bl-esklużjoni tat-trasport marittimu internazzjonali, li għalih fittxet tnaqqis ta' 40 % fl-emissjonijiet bejn l-2005 u l-2050.

([15]) COM(2016) 501 final, 20.7.2016.

([16]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew*, COM(2019) 640 final, 11.12.2019.

([17]) Ara n-nota (16) f'qiegħ il-paġna.

([18]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 - Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna*, COM(2020) 562 final, 17.9.2020.

6. F'Diċembru 2020, wara l-pubblikazzjoni tal-Evalwazzjoni tal-White Paper Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti ([19]), il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tagħha – "SSMS" ([20]). Din l-istrateġija stabbiliet pjan direzzjonali biex it-trasport Ewropew jitqiegħed fit-triq it-tajba għal futur sostenibbli u intelliġenti, abbażi tas-sejbiet tal-White Paper tal-2011 dwar it-trasport. Ix-xenarji li jservu ta' bażi għall-istrateġija, li jirriflettu dawk li jappoġġjaw il-pjan dwar il-mira klimatika għall-2030, juru li l-kombinazzjoni tal-miżuri ta' politika proposti tista' twassal għal tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tas-settur tat-trasport sal-2050. Il-pakkett ta' proposti leġiżlattivi "lesti għall-mira ta' 55 %" ([21]) huwa maħsub biex jappoġġja l-ilħuq ta' dawk il-miri billi jippromwovi, fost l-oħrajn, forom aktar nodfa tat-trasport u ta' fjuwils tat-trasport biex l-UE titqiegħed fit-triq it-tajba lejn in-newtralità klimatika sal-2050 ([22]).

7. L-għan tal-UE li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 ma jistax jintlaħaq mingħajr trasformazzjoni ekoloġika u diġitali fundamentali tal-modi kollha tas-settur tat-trasport Ewropew.

8. Is-settur tat-trasport huwa responsabbli għal madwar kwart tal-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra prodotti mill-attività tal-bniedem fl-UE u huwa wieħed mill-kawżi ewlenin tat-tniġġis tal-arja. It-trasport joħloq ukoll aspetti esterni negattivi oħra (bħat-tniġġis akustiku, l-inċidenti u l-konġestjoni) li mhumiex ikkunsidrati biżżejjed fl-ispejjeż tal-utenti tat-trasport eż. b'mod partikolari għat-trasport bit-triq u bl-ajru. Għalhekk, hemm bżonn azzjoni deċiżiva biex aktar traffiku jinbidel f'forom ta' trasport aktar sostenibbli u biex jiġi ottimizzat ir-rendiment tal-ktajjen loġistiċi multimodali ([23]). L-ekoloġizzazzjoni tas-settur tat-trasport hija appoġġjata minn diversi inizjattivi regolatorji, b'mod partikolari inizjattivi li għandhom l-għan li joħolqu network komprensiv Trans-Ewropew tat-Trasport ([24]), li jiffaċilitaw it-trasport ([25]) fuq passaġġi tal-ilma interni u li jirrevedu d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat ([26]). Biex jintlaħqu dawk il-miri ta' ekoloġizzazzjoni, huma meħtieġa investimenti kbar. Il-politika tal-kompetizzjoni, speċjalment ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, għandhom rwol importanti sabiex l-UE tkun tista' tissodisfa l-objettivi ta' politika tagħha tal-Patt Ekoloġiku meta s-suq waħdu ma jkollux biżżejjed mezzi jew inċentivi biex jintlaħqu dawk l-objettivi (ara l-punt 13) peress li jiggwidaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-fallimenti rilevanti

([19]) SWD (2020) 0410 final, 10.12.2020.

([20]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "*Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur*", COM(2020) 789 final, 9.12.2020.

([21]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *"Lesti għall-Mira ta' 55 %": Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika,* COM(2021) 550 final, 14.7.2021.

([22]) It-Taqsima 2.2.2. tal-Komunikazzjoni msemmija fin-nota (21) f'qiegħ il-paġna .

([23]) Ara n-nota (20) f'qiegħ il-paġna.

([24]) Il-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport (il-"politika TEN-T") hija bbażata fuq ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Linji Gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1). Dan ir-regolament bħalissa qed jiġi rivedut sabiex in-network isir aktar sikur, aktar sostenibbli, aktar rapidu u aktar konvenjenti għall-utenti tiegħu.

([25]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *NAIADES III: It-tisħiħ tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni Ewropej li jibqa' validu fil-futur,* (COM(2021) 324 final, 24.6.2021).

([26]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

tas-suq, filwaqt li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pubbliku ma jaffettwax bla bżonn il-funzjonament tas-suq intern.

9. L-iżgurar tal-moviment mingħajr interruzzjoni tal-merkanzija u tal-passiġġieri bejn in-networks u l-modi tat-trasport nazzjonali ("l-interoperabbiltà") huwa objettiv ġenerali tal-politika tat-trasport tal-UE, li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi ewlenin tal-UE ([27]). It-trasport sar globali fid-daqs, kemm f'termini tan-networks użati mill-passiġġieri u għall-merkanzija, li qed isiru dejjem aktar transfruntiera, kif ukoll f'termini tal-modi tat-trasport involuti, peress li l-vjaġġi aktar qed jgħaqqdu soluzzjonijiet differenti ta' trasport. Madankollu, il-konnessjoni tan-networks u l-modi tat-trasport madwar l-Unjoni Ewropea għadha mxekkla minn ostakli regolatorji u tekniċi. Hemm bżonn ta' investimenti kbar fl-interoperabbiltà biex tkun kompluta ż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport u biex iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE jkunu jistgħu jieħdu l-benefiċċji kollha minn żona tat-trasport interkonnessa. Huma meħtieġa wkoll investimenti sostanzjali għall-varar ta' infrastrutturi diġitali, b'mod partikolari kopertura mingħajr interruzzjonijiet b'infrastruttura ta' konnettività tal-5G tul il-kurituri ewlenin tat-trasport fl-Ewropa, li jappoġġjaw firxa wiesgħa ta' servizzi u livelli ogħla ta' awtomatizzazzjoni f'applikazzjonijiet differenti ta' mobbiltà ([28]). Dan huwa objettiv importanti tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti (SSMS, Sustainable and Smart Mobility Strategy) għal trasformazzjoni diġitali ta' suċċess tal-Unjoni Ewropea sal-2030.

### 1.2 L-għan ta' dawn il-Linji Gwida

10. Sabiex jiġi evitat li l-għajnuna mill-Istat twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni fis-suq intern u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, l-Artikolu 107(1) tat-Trattat jistabbilixxi l-prinċipju li l-għajnuna mill-Istat hija pprojbita. Bħala eċċezzjoni, fis-settur tat-trasport fuq l-art ([29]), l-Artikolu 93 tat-Trattat jistipula li l-għajnuna għall-koordinament tat-trasport fuq l-art u għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku hija kompatibbli mat-Trattati.

11. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 93 tat-Trattat jirrikonoxxi li l-għajnuna għat-trasport hija kompatibbli mat-Trattat biss f'każijiet speċifiċi li ma jolqtux ħażin l-interessi ġenerali tal-UE ([30]).

12. Fir-rigward tal-għajnuna għall-koordinament tat-trasport fuq l-art, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' "koordinament tat-trasport" użat fl-Artikolu 93 tat-Trattat għandu sinifikat li jmur lil hinn mis-sempliċi fatt li jiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika. Jimplika

([27]) Dawn jinkludu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u l-kompetittività u s-sikurezza tan-networks Ewropej tat-trasport.

([28]) Kif indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-5G tal-2016 (COM(2021) 118) u l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, li jistabbilixxi l-bażi għall-istabbiliment ta' proġett multinazzjonali għal implimentazzjoni Pan-Ewropea tal-kurituri tal-5G (id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali). L-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits (ir-Regolament (UE) 2024/1309 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża tal-implimentazzjoni tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-gigabits, li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (ĠU L, 2024/1309, 8.5.2024) japplika għal talbiet raġonevoli għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika magħmula biex jiġu introdotti elementi tan-Networks b'Kapaċità Għolja Ħafna.

([29]) Skont l-Artikolu 100 tat-Trattat, Titolu VI "It-Trasport" tat-Trattat japplika fil-prinċipju biss għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u fuq passaġġi tal-ilma interni. Dawn it-tliet tipi ta' trasport ġeneralment jissejħu "trasport fuq l-art", b'kuntrast mat-trasport bil-baħar u bl-ajru.

([30]) Is-sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Ottubru 1978, *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju*, 156/77, EU:C:1978:180, il-punt 10.

intervent tal-awtoritajiet pubbliċi li jimmira lejn l-iggwidar tal-iżvilupp tas-settur tat-trasport fl-interess komuni.

13. Diversi fallimenti tas-suq jistgħu jiġġustifikaw l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi fis-settur tat-trasport fuq l-art. L-ewwel nett, is-settur tat-trasport jinvolvi esternalitajiet negattivi kbar, pereżempju l-konġestjoni jew it-tniġġis. Dawn l-esternalitajiet huma diffiċli biex ikunu kkunsidrati fis-sistemi tal-ipprezzar ta' aċċess għall-infrastruttura tat-trasport. Bħala riżultat ta' dan, jista' jkun hemm disparitajiet fil-prezzijiet bejn il-modi differenti tat-trasport, li jistgħu jiġu kkoreġuti permezz ta' appoġġ pubbliku għal dawk il-modi tat-trasport li jwasslu għal anqas spejjeż esterni. It-tieni, is-settur tat-trasport jista' jesperjenza diffikultajiet ta' koordinament fis-sens ekonomiku tat-terminu, pereżempju bl-adozzjoni ta' standard ta' interoperabbiltà komuni għal-linji tal-ferroviji, jew fil-konnessjonijiet bejn networks differenti tat-trasport. It-tielet, is-settur tat-trasport ibati wkoll minn żvantaġġi ta' min jaġixxi l-ewwel li jipprevjenu l-iżvilupp ta' dawk il-modi tat-trasport li għandhom l-anqas ammont ta' spejjeż esterni iżda li ma jattirawx investimenti suffiċjenti minħabba li l-investiment f'dawk il-modi tat-trasport ma jkunx profittabbli biżżejjed. Fl-aħħar nett, ċerti operaturi fis-settur tat-trasport jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet biex jaċċessaw il-finanzjament minħabba l-pożizzjoni tagħhom fis-suq li ma tagħtihomx informazzjoni suffiċjenti.

14. Fir-rigward tal-għajnuna għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ([31]) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom is-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u b'mezzi oħra bbażati fuq il-binarji (it-tramm, il-metrò) u bit-triq (ix-xarabank) (u permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 għal dawk is-servizzi ([32])) jistgħu jiġu organizzati u ffinanzjati mit-2 ta' Diċembru 2009 ([33]). Fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ppreveda perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin mit-3 ta' Diċembru 2009 li taħtu r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ([34]) baqa' applikabbli għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija. Għalhekk, il-kompatibbiltà tal-għajnuna mħallsa mit-3 ta' Diċembru 2012 għall-forniment tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, bit-triq u fuq passaġġi tal-ilma interni ġiet ivvalutata mill-Kummissjoni direttament skont l-Artikolu 93 tat-Trattat ([35]) s'issa.

15. Skont l-Artikolu 93 tat-Trattat f'ċerti każijiet huwa possibbli għall-Istati Membri li jimponu obbligi speċifiċi biex jiżguraw il-forniment tas-servizzi tat-trasport adegwati. Il-politiki tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 5 jisħqu fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi adegwati tat-trasport dekarbonizzat. Peress li l-istat tal-provvista fis-settur tat-trasport u tal-ħtiġijiet tal-Unjoni juru li jista' jkun hemm nuqqas ta' servizzi

([31]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

([32]) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, ara n-nota (31) f'qiegħ il-paġna.

([33]) Il-kundizzjonijiet jinkludu d-definizzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku, l-ambitu tal-kuntratti għal servizzi pubbliċi, il-proċedura għall-għoti ta' tali kuntratti u l-kalkolu tal-kumpens imħallas lill-operaturi tat-trasport pubbliku. Jekk ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, il-kumpens jitqies kompatibbli mas-suq intern u eżentat mill-ħtieġa ta' notifika minn qabel lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

([34]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69, tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU, Edizzjoni Speċjali bl-Ingliż, 1969(I), p. 276), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1893/91, tal-20 ta' Ġunju 1991 (ĠU L 169, 26 ta' Ġunju 1969, p. 1).

([35]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2023 fil-każ SA.32953, l-Italja, *Miżuri ta' għajnuna mill-Istat favur Trenitalia SpA* (għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU).

kummerċjalment vijabbli fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija jistgħu jkunu fl-interess tas-soċjetà kollha ([36]), filwaqt li huwa mifhum li l-Istati Membri kkonċernati jeħtiġilhom, fi kwalunkwe każ, jistabbilixxu li għandhom karatteristiċi speċjali meta mqabbla ma' dawk tas-servizzi tal-merkanzija kummerċjali jekk tali servizzi jeżistu fis-suq ([37]). Il-Kummissjoni tosserva li s-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mhux dejjem jistgħu jiġu operati fuq bażi kummerċjali u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jistgħu jirrikjedu appoġġ finanzjarju pubbliku fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-konnettività tal-utenti tat-trasport tagħhom u l-appoġġ li jista' jkun meħtieġ, jekk ikun hemm. Madankollu, qabel ma tiġi kkunsidrata l-implimentazzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu minn kollox biex jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' qafas regolatorju u ekonomiku favorevoli għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija li hemm domanda għalihom, li għandhom jiġu pprovduti fuq bażi kummerċjali. L-adegwatezza tas-servizzi tat-trasport trid tiġi vvalutata skont l-istat tal-provvista u d-domanda fis-settur tat-trasport u l-ħtiġijiet tal-komunità. Fl-istess ħin, il-kumpens finanzjarju għal dawk l-obbligi jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonijiet li jimminimizzaw id-distorsjonijiet tas-suq intern. Għalhekk, hemm bżonn ċarezza dwar il-kundizzjonijiet li taħthom il-kumpens għal servizz pubbliku għandu jitqies bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.

16. Il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji adottati mill-Kummissjoni fl-2008 dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji ([38]) (il-"Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008") ikkodifikaw il-prattika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat għall-impriżi ferrovjarji. Il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 kienu jinkludu wkoll inċentivi sabiex jiżdied is-sehem tat-trasport ferrovjarju. Il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 kellhom l-għan li jakkumpanjaw il-liberalizzazzjoni tas-settur ferrovjarju u li jlestu s-suq ferrovjarju uniku Ewropew b'interoperabbiltà sħiħa. Il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 ma għandhomx data ta' skadenza, iżda l-Kontroll tal-Idoneità mwettaq mill-Kummissjoni fl-2020 ([39]) ikkonkluda li l-Linji Gwida tal-2008 kellhom bżonn jiġu riveduti biex jirriflettu l-prattika ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni żviluppata fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat ivvalutata direttament skont l-Artikolu 93 tat-Trattat, l-iżviluppi tas-suq u l-objettivi ta' politika segwiti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

17. Permezz tal-ħruġ ta' dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni: (i) tissostitwixxi l-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, (ii) tikkodifika l-prattika ta' deċiżjonijiet tagħha fl-applikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għall-koordinament tat-trasport skont l-Artikolu 93 tat-Trattat (mhux biss għat-trasport ferrovjarju iżda wkoll għall-passaġġi fuq l-ilma interni u għat-trasport multimodali), (iii) tipprovdi gwida dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għas-servizzi tat-trasport pubbliku tal-merkanzija bil-ferrovija, (iv)

([36]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4), il-punt 50.

([37]) Ara l-Linji Gwida interpretattivi tal-Kummissjoni li jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU C 92, 29.3.2014, p. 1), il-punt 2.1.3.

([38]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – *Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji* (ĠU C 184, 22.7.2008, p. 13).

([39]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2020, *Fitness Check of the 2012 State aid modernisation package, railways guidelines and short-term export credit insurance (Il-Kontroll tal-Idoneità tal-pakkett ta' modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tal-2012, il-linji gwida ferrovjarji u l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq terminu qasir),* SWD(2020)257 final.

ittenni r-regoli applikabbli għall-impriżi ferrovjarji integrati vertikalment, u (v) tiċċara l-obbligi ta' rapportar għall-Istati Membri.

18. L-għan ta' din ir-reviżjoni huwa li tgħin biex tinkiseb it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika segwita mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-setturi ferrovjarji, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-trasport multimodali. Dawn il-Linji Gwida u r-Regolament tal-Kummissjoni li għadu kif ġie adottat li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 93, 107 u 108 tat-Trattat (imsejjaħ ir-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kopertura tat-Trasport ("REKT")) ([40]) huma mfassla biex jistimulaw forom sostenibbli ta' trasport billi jiggwidaw l-azzjoni tal-Istati Membri lejn it-tipi ta' għajnuna li potenzjalment huma anqs distortivi fis-settur tat-trasport fuq l-art.

### 1.2.1 *Is-settur ferrovjarju*

19. Is-settur ferrovjarju huwa ta' importanza strateġika għall-UE. It-trasport ferrovjarju jġorr madwar 1,6 biljun tunnellata ta' merkanzija u 9 biljun passiġġier kull sena fl-UE u huwa kontributur importanti għat-taħlita ta' trasport fuq l-art tal-UE ([41]), billi jipprovdi trasport nadif u livell għoli ta' effiċjenza f'termini ta'għadd ta' passiġġieri ttrasportati għal kull vjaġġ ta' vettura. Minħabba l-valur tiegħu bħala l-aktar mod tat-trasport motorizzat sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, it-trasport ferrovjarju huwa kruċjali sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Madankollu, kif ikkonfermat minn studju kkummissjonat mill-Kummissjoni fid-dawl tar-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 ([42]), is-settur ferrovjarju għadu jbati minn diversi żvantaġġi li s-suq ma hjunx jista' jilħaq l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Mhux biss l-għadd u l-kapaċità attwali tal-faċilitajiet ferrovjarji ma jkunux jistgħu jappoġġjaw iż-żieda mixtieqa fit-traffiku, iżda n-network ferrovjarju madwar l-UE għadu fil-biċċa l-kbira inadegwat minħabba n-nuqqas ta' konnessjonijiet bejn it-terminali tat-trasport u n-nuqqas ta' koordinament bejn is-sistemi tat-trasport ferrovjarju ta' Stati Membri differenti. Barra minn hekk, porzjon sinifikanti tal-flotta tal-materjal fuq ir-roti tal-UE qed joqrob lejn tmiem il-ħajja utli tiegħu, u t-tiġdid tiegħu ma jistax jitqies bħala fatt peress li impriżi ferrovjarji iżgħar jaf ma jkunux jistgħu jsostnu l-investiment finanzjarju meħtieġ mingħajr appoġġ pubbliku.

20. Kif enfasizzat mill-Kontroll tal-Idoneità mwettaq mill-Kummissjoni fl-2020 ([43]), diversi aspetti tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 ma għadhomx jgħoddu u *de facto* ma għadhomx jiġu applikati. Pereżempju, il-kundizzjonijiet dwar il-kanċellazzjoni tad-dejn storiku marbut direttament mal-attività tat-trasport ferrovjarju ma għadhomx jgħoddu ([44]),

---

([40]) [*Ir-referenza għandha tiddaħħal ladarba tiġi adottata*]

([41]) Fl-2019, qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, il-volumi ta' traffiku tal-passiġġieri tal-UE laħqu l-414-il biljun passiġġier-kilometru minn total ta' madwar 6 triljun passiġġier-kilometru ta' trasport fuq l-art. Biex jiġi evitat it-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19, il-pajjiżi ħadu miżuri restrittivi f'Marzu 2020 li kellhom impatt sinifikanti fuq it-trasport tal-passiġġieri tal-ferrovija. Minkejja rkupru stabbli tal-volumi tat-traffiku, meta mqabbel mal-2019, fl-2021 l-għadd ta' passiġġieri tal-ferrovija fl-Istati Membri kien għadu 37 % anqas milli fl-2019. Fl-2018, il-volumi ta' traffiku tal-merkanzija tal-UE laħqu l-400 biljun tunnellata-kilometru minn total ta' 2.5 triljuni tat-trasport fuq l-art. Ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 ukoll kellhom impatt sinifikanti fuq it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, għalkemm f'livell aktar baxx milli fuq it-trasport tal-passiġġieri tal-ferrovija. Fl-2021, il-volumi ta' traffiku tal-UE kważi laħqu l-ogħla livell tal-2018, bi 399 biljun tunnellata-kilometru (Sors: Eurostat).

([42]) L-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji [E.CA Economics et al. (2022)].

([43]) Ara n-nota (39) f'qiegħ il-paġna.

([44]) Il-Kapitolu 4 tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, ara n-nota (38) f'qiegħ il-paġna. Il-punt 56 tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 jikkonċerna għajnuna li sservi ta' kumpens għal djun definiti b'mod ċar u

kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi għar-ristrutturar tal-fergħat tal-merkanzija tal-impriżi ferrovjarji, li kienu applikabbli biss sal-1 ta' Jannar 2010 ([45]), u t-taqsima dwar l-abolizzjoni tal-garanziji mhux limitati tal-Istat ([46]). Dawn il-Linji Gwida ma għadhomx jinkludu dawk l-elementi.

21. Bl-istess mod, il-kriterji ta' kompatibbiltà għall-għajnuna għax-xiri u għat-tiġdid tal-materjal fuq ir-roti stabbiliti fil-Linji Gwida Ferrovjarji tal-2008 ([47]) għamlu kontroreferenza għal linji gwida oħra dwar l-għajnuna mill-Istat li skadew jew li sadanittant ġew sostitwiti ([48]). Dawn il-Linji Gwida jħassru dawk il-kundizzjonijiet u jistabbilixxu kundizzjonijiet ġodda li jirregolaw l-għajnuna għall-akkwist ta' materjal fuq ir-roti biex jiġi ffaċilitat it-tqegħid fis-suq u/jew l-espansjoni ta' atturi ġodda (ara t-Taqsima 4.2.2.3). Fit-tfassil tal-kundizzjonijiet il-ġodda, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-flotta tal-materjal fuq ir-roti hija ġeneralment qrib jew diġà lil hinn mill-ħajja utli mistennija tagħha ([49]), li n-nuqqas ta' standardizzazzjoni teknika fl-Istati Membri jipprevjeni li l-materjali fuq ir-roti jiġu skambjati madwar l-Istati Membri ([50]), u li l-impriżi ferrovjarji żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") u entranti ġodda għandhom diffikultajiet biex iġeddu jew iżidu l-flotot tagħhom minħabba l-ispejjeż għoljin ta' investiment għall-akkwist tal-materjali fuq ir-roti u d-diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzi ([51]).

22. Fir-rigward tal-għajnuna għall-koordinament tat-trasport, dawn il-Linji Gwida jġibu n-novitajiet deskritti fil-punti minn 23 sa 26.

23. Bħala kuntrast mal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, dawn il-Linji Gwida japplikaw mhux biss għall-impriżi ferrovjarji iżda wkoll għal operaturi ferrovjarji oħra ([52]). Dawn japplikaw ukoll għal impriżi li joperaw min-naħa tad-domanda tas-settur tat-trasport ferrovjarju, jiġifieri organizzaturi tat-trasport (eż. kumpaniji tal-loġistika,

---

individwalizzati, imġarrba qabel il-15 ta' Marzu 2001 jew id-data sussegwenti tal-adeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat fl-Unjoni Ewropea.

([45]) Il-Kapitolu 5 tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, ara n-nota (38) f'qiegħ il-paġna.

([46]) Il-Kapitolu 7 tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, ara n-nota (38) f'qiegħ il-paġna. Skont il-punt 4.1 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10), fil-prinċipju, garanziji mhux limitati huma inkompatibbli mat-Trattat. Dan japplika għas-setturi ekonomiċi kollha inkluż is-settur tat-trasport.

([47]) Il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, ara n-nota (38) f'qiegħ il-paġna.

([48]) Jiġifieri, *il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà* (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2), *il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent* (ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1), *il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu 2007–2013* (ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna tal-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33); u r-Regolament (KEE) Nru 1191/69 (imsemmi fin-nota (34) f'qiegħ il-paġna), li l-ebda waħda jew wieħed minnhom mhi jew mhu fis-seħħ.

([49]) Għalkemm hemm differenzi bejn l-Istati Membri, bir-rata attwali ta' tiġdid (kif osservat f'dawn l-aħħar 10 snin), id-daqs tal-flotta tal-materjali fuq ir-roti fl-UE, b'mod partikolari l-ferroviji tal-passiġġieri, se jonqos fl-10 snin li ġejjin.

([50]) In-nuqqas ta' standardizzazzjoni teknika huwa r-riżultat ta' differenzi fl-infrastruttura ferrovjarja fi Stati Membri differenti f'termini ta' sistemi tas-sinjalazzjoni, l-elettrifikazzjoni u sistemi ta' vultaġġ u gauge (li f'ċerti Stati Membri, eż. Spanja, il-Portugall, l-Irlanda, il-Finlandja, huwa differenti mill-gauge standard ta' 1 435 mm prevalenti fl-UE).

([51]) L-aċċess għal materjal fuq ir-roti użati ma jistax jitqies bħala alternattiva reali għax-xiri jew il-lokazzjoni ta' materjal fuq ir-roti ġdid minħabba l-iżvilupp skars ta' swieq użati għall-materjal fuq ir-roti.

([52]) It-terminu "operatur ferrovjarju" jinkludi mhux biss "impriżi ferrovjarji" skont it-tifsira tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea, ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna, (jiġifieri, kwalunkwe impriża privata jew pubblika li n-negozju ewlieni tagħha huwa li tipprovdi servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u/jew tal-passiġġieri b'rekwiżit li l-impriża jenħtieġ li tiżgura t-trazzjoni), iżda wkoll kumpaniji ferrovjarji oħra li jipprovdu servizzi tat-trasport ferrovjarju iżda l-ebda servizz tat-trazzjoni (jiġifieri fejn ikollhom bżonn jikru lokomottivi biex joperaw).

spedizjoniera, operaturi ta' trasport multimodali), sakemm jagħżlu li jużaw il-ferroviji minflok bit-triq.

24. Fir-rigward tal-għajnuna operatorja, il-kriterji ta' kompatibbiltà stabbiliti fil-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 għall-għajnuna għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja u għall-għajnuna għat-tnaqqis tal-ispejjeż esterni ([53]) kellhom jiġu aġġornati. L-esperjenza żviluppata mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-għajnuna skont il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 wriet li dawk ir-regoli kellhom bżonn jiġu ssimplifikati u aġġornati biex isolvu l-falliment speċifiku tas-suq li ġew imfassla biex jindirizzaw. Filwaqt li dawn il-Linji Gwida ma jinkludux taqsima dwar l-għajnuna għall-użu tal-infrastruttura, li ġiet inkluża fil-punt 98(a) tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-għajnuna biex inaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport, abbażi tal-metodoloġija tal-ispejjeż esterni, sabiex ikomplu jiġu koperti l-ispejjeż marbuta mal-użu tal-infrastruttura (ara t-Taqsima 4.2.1.1). Barra minn hekk, biex jiġi ffaċilitat aktar l-iżvilupp ta' konnessjonijiet ferrovjarji kummerċjali ġodda, dawn il-Linji Gwida jkopru wkoll l-għajnuna operatorja għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda tal-merkanzija bil-ferrovija u konnessjonijiet kummerċjali ġodda tal-passiġġieri tal-ferrovija li jikkonċernaw servizzi tal-passiġġieri tal-ferrovija transfruntieri jew servizzi ta' trasport ta' passiġġieri tal-ferrovija ta' distanzi twal (ara t-Taqsima 4.2.1.2).

25. Abbażi tal-esperjenza miksuba skont il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 dwar l-għajnuna għall-interoperabbiltà u minħabba t-tipi differenti ta' benefiċċji sottostanti għall-investiment fis-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku ([54]), dawn il-Linji Gwida jiddistingwu bejn l-għajnuna għall-interoperabbiltà (it-Taqsima 4.2.2.4) u l-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti (it-Taqsima 4.2.2.5). Fil-fatt, l-investimenti fl-interoperabbiltà (bħall-investimenti meħtieġa għall-armonizzazzjoni transfruntiera tas-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku) huma soġġetti għal grad ogħla ta' fallimenti tas-suq, b'mod partikolari fallimenti fil-koordinament u żvantaġġi ta' min jaġixxi l-ewwel għall-operaturi tas-suq ([55]). Il-Kummissjoni se tivvaluta l-għajnuna bl-għan li tippromwovi d-diġitalizzazzjoni biex tiffaċilita l-ġestjoni tat-traffiku, il-flussi tat-traffiku bla waqfien u/jew is-sikurezza tal-operazzjonijiet ferrovjarji skont it-taqsimiet ta' dawn il-Linji Gwida dwar l-għajnuna għall-interoperabbiltà (it-Taqsima 4.2.2.4) u l-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni (it-Taqsima 4.2.2.5).

26. B'kuntrast mal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, li ma koprewx l-għajnuna għall-faċilitajiet tat-trasport ferrovjarju ([56]), dawn il-Linji Gwida jipprovdu regoli dettaljati ta' kompatibbiltà dwar l-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet għat-trasport ferrovjarju (it-Taqsimiet 4.2.2.1 u 4.2.2.2). Dawk ir-regoli jieħdu kont tal-prattika ta' deċiżjonijiet żviluppata mill-Kummissjoni biex

([53]) Il-Kapitolu 6 tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, ara n-nota (38) f'qiegħ il-paġna.

([54]) Id-dimensjoni Ewropea b'saħħitha tat-trasport ferrovjarju tagħmel it-trasport ferrovjarju sensittiv ħafna għan-nuqqas tal-interoperabbiltà u l-koordinament bejn in-networks ferrovjarji nazzjonali li jistgħu jaffettwaw il-kompetittività tiegħu. Dan huwa b'mod partikolari l-każ tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, li madwar nofsu huwa transfruntier. S'issa t-traffiku tal-passiġġieri tal-ferrovija fil-biċċa l-kbira kien domestiku, b'anqas minn 10 % biss li kienu jaqsmu l-fruntieri fl-2021 (sors: Eurostat), madankollu, għandu potenzjal transfruntier kbir b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport transfruntier ta' billejl.

([55]) L-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ara n-nota (42) f'qiegħ il-paġna, it-Taqsimiet 4.7 u 5.5.

([56]) Il-Kapitolu 2 tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 38) kopra biss l-effetti tal-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura fuq l-impriżi ferrovjarji.

tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat fis-settur tat-trasport fuq l-art skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.

27. Dawn il-Linji Gwida jinkludu kapitolu speċifiku dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna li tirrimborża lill-operaturi għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-forniment ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (il-Kapitolu 5).

28. Fl-aħħar nett, dawn il-Linji Gwida jinkludu kapitolu speċifiku li jtenni r-regoli applikabbli għall-flussi finanzjarji f'impriżi ferrovjarji integrati vertikalment (il-Kapitolu 6).

### *1.2.2 Is-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni*

29. In-network tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-UE huwa mifrux fuq madwar 25 Stat Membru u jinkludi madwar 41,000 kilometru ta' passaġġi fuq l-ilma interni. Kull sena, dawn iservu għat-trasport ta' madwar 150 biljun tunnellata-kilometru ta' merkanzija li tinġarr fuq madwar 15 000 bastiment tal-merkanzija, madwar 3 000 bastiment tal-passiġġieri li jagħmlu vjaġġi ta' ġurnata u 430 bastiment tal-kruċiera (bastimenti b'kapaċità ta' aktar minn 12-il passiġġier) operattiv ([57]). Hemm potenzjal sinifikanti biex jiżdied is-sehem modali tat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni, li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għal dak l-għan, it-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni madankollu jrid ikun jista' jikkompeti b'kundizzjonijiet ekwi ma' modi oħra tat-trasport.

30. Il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 ma kinux japplikaw għas-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Matul dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni awtorizzat għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-koordinament tat-trasport fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni direttament skont l-Artikolu 93 tat-Trattat. Dawn il-Linji Gwida jikkodifikaw il-prattika ta' deċiżjonijiet f'dak ir-rigward u jistabbilixxu kriterji ċari li jirregolaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna biex jappoġġjaw l-operazzjonijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni. F'konformità mal-approċċ segwit għas-settur ferrovjarju, dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-operaturi attivi kemm min-naħa tal-provvista (jiġifieri l-għajnuna lill-operaturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni) kif ukoll min-naħa tad-domanda (jiġifieri organizzaturi tat-trasport bħal kumpaniji tal-loġistika, spedizzjoniera, operaturi tat-trasport multimodali, sal-punt li jagħżlu li jaqilbu mit-triq għall-passaġġi fuq l-ilma interni).

31. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna operatorja u għall-għajnuna għall-investiment fis-settur tat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni. Fir-rigward tal-għajnuna operatorja, ir-regoli tal-għajnuna biex titnaqqas l-ispiża esterna tat-trasport għat-trasport ferrovjarju u biex jiġu mnedija konnessjonijiet kummerċjali ġodda japplikaw ukoll għat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni (ara t-Taqsima 4.2.1.1 u t-Taqsima 4.2.1.2). Fir-rigward tal-għajnuna għall-investiment, dawn il-Linji Gwida jkopru kemm l-għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ara t-Taqsima 4.2.2.1) kif ukoll l-għajnuna għall-akkwist ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-investiment fil-flotta (ara t-Taqsima 4.2.2.3). Fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, f'konformità mal-approċċ segwit fis-settur ferrovjarju, dawn il-Linji Gwida jiddistingwu bejn l-għajnuna għall-investimenti fl-interoperabbiltà (it-Taqsima 4.2.2.4) u l-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-bastimenti (it-Taqsima 4.2.2.5). Il-Kummissjoni se tivvaluta taħt dawk iż-żewġ taqsimiet tal-Linji Gwida l-għajnuna bl-għan

([57]) Ara n-nota (25) f'qiegħ il-paġna.

li tippromwovi d-diġitalizzazzjoni biex tiffaċilita l-ġestjoni tat-traffiku, il-flussi tat-traffiku bla waqfien u/jew is-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

32. Is-settur Ewropew tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandu flotta relattivament antika u b'mod ġenerali s-settur jidher li għandu diffikultajiet biex iżid is-sehem tiegħu ta' traffiku meta mqabbel ma' modi oħra tat-trasport. Bejn l-2014 u l-2020, l-għadd ta' operaturi ta' trasport fuq passaġġi tal-ilma interni attivi kemm fit-trasport tal-merkanzija kif ukoll fit-trasport tal-passiġġieri naqas, u l-kapaċità tat-tagħbija disponibbli naqset ukoll b'mod kontinwu mill-2011. Fit-tfassil ta' dawn ir-regoli l-ġodda, il-Kummissjoni kkunsidrat dawn il-kwistjonijiet u l-fatt li s-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni jikkonsisti l-aktar minn SMEs, negozji tal-familja u portijiet iżgħar, li jagħmilha diffiċli għalihom li jinvolvu ruħhom f'investimenti għoljin sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ([58]). Il-biċċa l-kbira tal-operaturi fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni huma SMEs, li spiss ma jkunux jistgħu jġeddu jew ikabbru l-flotta tagħhom minħabba diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzjament mis-suq. Għalhekk, skont dawn il-Linji Gwida, l-SMEs huma l-uniċi benefiċjarji possibbli tal-għajnuna għall-akkwist ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jippermetti li dak it-tip ta' għajnuna jiġi indirizzat fejn hija l-aktar meħtieġa biex jitrawwem l-iżvilupp tas-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

### *1.2.3 Is-settur tat-trasport multimodali*

33. It-trasport multimodali, jiġifieri l-ġarr ta' merkanzija jew tal-passiġġieri mill-anqas b'żewġ modi differenti tat-trasport, huwa kruċjali biex jippermetti użu akbar tat-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni, peress li waħedhom rari jipprovdu soluzzjonijiet ta' trasport minn bieb għal bieb. It-trasport multimodali sostenibbli, li jipprovdi konnessjonijiet sal-aħħar mil, minn bieb għal bieb, jgħaqqad prestazzjoni ambjentali aħjar u effiċjenza enerġetika tat-trasport mhux bit-triq mal-aċċessibbiltà u l-flessibbiltà tat-trasport bit-triq. Għalhekk huwa strumentali li jintlaħqu l-għanijiet tal-SSMS u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

34. Għalkemm il-volum tat-trasport multimodali tal-merkanzija żdied b'mod sostanzjali matul dawn l-aħħar 30 sena, it-triq għadha tiddomina fit-trasport tal-merkanzija fl-UE. It-trasport multimodali tal-merkanzija ġeneralment ma jikkompetix mat-trasport bit-triq biss minħabba lakuni fil-prestazzjoni f'termini ta' disponibbiltà, affidabbiltà, puntwalità u veloċità fi stadji differenti fil-katina (jiġifieri fis-servizzi pprovduti mit-trasport ferrovjarju u fuq l-ilma, it-terminali tat-trażbord u t-trasport bit-triq għall-"aħħar mil") u l-fatt li l-esternalitajiet negattivi tat-trasport bit-triq mhumiex ikkunsidrati biżżejjed.

35. Meta t-trasport multimodali tal-merkanzija jikkonsisti biss fil-moviment tal-merkanzija fl-istess unità ta' tagħbija jew vettura b'modi suċċessivi tat-trasport (mingħajr ma tiġi mmaniġġjata l-merkanzija nnifisha meta jinbidlu l-modi), dan huwa magħruf bħala "trasport intermodali" ([59]). "Trasport ikkombinat" huwa subkategorija ta' trasport intermodali, irregolat espressament fil-livell tal-UE mid-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat ([60]). Id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat hija l-uniku strument legali tal-UE li attwalment qed jappoġġja direttament it-trasport intermodali u jinċentiva l-bidla minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi tat-trasport b'emissjonijiet aktar baxxi (passaġġi fuq l-ilma interni, trasport marittimu u ferrovjarju). Id-Direttiva dwar it-

---

([58]) Il-Parlament Ewropew, *Lejn trasport fl-ilmijiet navigabbli interni adegwat għall-eżiġenzi futuri fl-Ewropa* (P9 TA(2021)0367), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0367_MT.html

([59]) Il-fatt li l-unità intermodali u/jew il-vettura jibqgħu l-istess meta jinbidlu l-modi jnaqqas il-maniġġ ta' merkanzija, b'riskju konsegwenti aktar baxx ta' ħsarat jew telf tal-merkanzija.

([60]) Ara n-nota (26) f'qiegħ il-paġna.

Trasport Ikkombinat ġiet adottata fl-1975 ([61]) u emendata diversi drabi biex tapplika għal sett usa' ta' operazzjonijiet. Fi [*data – għandha tiġi inkluża ladarba tiġi adottata*] il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat wara proposta ppreżentata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2023 ([62]).

36. L-għan tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat huwa li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport billi tistabbilixxi kundizzjonijiet regolatorji u ekonomiċi aktar favorevoli għal operazzjonijiet tal-merkanzija li jirrispettaw aktar l-ambjent, kif identifikat f'dik id-Direttiva. L-għan aħħari huwa li titnaqqas l-ispiża għall-utent finali – jiġifieri l-organizzatur tat-trasport – biex it-trasport ikkombinat jikkompeti mat-trasport bit-triq biss. Fl-interess taċ-ċarezza, l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Istati Membri għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat jista' jikkostitwixxi l-għajnuna mill-Istat. Kwalunkwe għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat jenħtieġ li tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà applikabbli stabbiliti jew fir-REKT, f'dawn il-Linji Gwida għat-trasport multimodali sostenibbli, jew fi kwalunkwe strument rilevanti ieħor tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat (ara l-Kapitolu 3).

37. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna operatorja u l-għajnuna għall-investiment fis-settur tat-trasport multimodali sabiex tingħata spinta lit-trasport multimodali sostenibbli. Skont dawn il-Linji Gwida, it-trasport multimodali jitqies bħala "sostenibbli" jekk mill-anqas wieħed mill-metodi tat-trasport użati jkun bil-ferrovija jew fuq passaġġi tal-ilma interni, jew bit-triq jekk ikun ikkombinat mat-trasport marittimu fuq distanzi qosra. Fl-interess taċ-ċarezza, skont dawn il-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata għat-trasport marittimu fuq distanzi qosra biss jekk tkun ikkombinata mat-trasport fuq l-art (jiġifieri bil-ferrovija, fuq passaġġi tal-ilma interni jew bit-triq).

38. Għall-għajnuna operatorja, ir-regoli dwar l-għajnuna biex titnaqqas l-ispiża esterna tat-trasport li japplikaw għat-trasport ferrovjarju japplikaw ukoll għat-trasport multimodali sostenibbli (it-Taqsima 4.2.1.1). B'kuntrast mal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008, li ma kinux jikkonċernaw it-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda, dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti ta' dan it-tip ta' għajnuna billi jikkodifikaw il-prattika ta' deċiżjonijiet żviluppata mill-Kummissjoni (it-Taqsima 4.2.1.2).

39. Għall-għajnuna għall-investiment, dawn il-Linji Gwida jkopru l-għajnuna għall-faċilitajiet tat-trasport multimodali u l-għajnuna biex jiġi aġġornat it-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli. L-għajnuna għal dawk il-faċilitajiet tat-trasport multimodali hija limitata għal għajnuna għall-investiment fil-faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju u fuqpassaġġi tal-ilma interni (it-Taqsima 4.2.2.1). Fl-interess taċ-ċarezza, dawn il-Linji Gwida japplikaw ukoll għall-għajnuna mill-Istat għal dawk il-faċilitajiet tat-trasport multimodali li jinsabu fil-portijiet marittimi u li għandhom konnessjonijiet ferrovjarji jew fuq passaġġi tal-ilma interni. Għat-titjib tat-tagħmir għal trasport

([61]) Id-Direttiva tal-Kunsill 75/130/KEE tas-17 ta' Frar 1975 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport kkombinat ferrovjarju/bit-triq tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 48, 22.2.1975, p. 31).

([62]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-kostijiet esterni u l-ġenerazzjoni ta' *data* aggregata, COM(2023)702 final, 7.11.2023.

multimodali sostenibbli, f'konformità mal-approċċ meħud fis-setturi ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dawn il-Linji Gwida jiddistingwu bejn l-għajnuna għall-investimenti fl-interoperabbiltà (it-Taqsima 4.2.2.4) u l-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tat-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli (it-Taqsima 4.2.2.5). Fl-interess taċ-ċarezza, dawn il-Linji Gwida ma jkoprux l-għajnuna għall-akkwist ta' tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli. Tali għajnuna taqa' taħt ir-REKT jekk tirrigwarda unitajiet ta' tagħbija intermodali ("ILUs", intermodal loading units) u/jew krejnijiet abbord bastimenti u tingħata mill-Istati Membri fil-forma ta' skemi ta' għajnuna taħt kundizzjonijiet speċifiċi ħafna. Għajr f'dawk il-każijiet, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-akkwist ta' tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli (eż. semitrailers li jistgħu jintrefgħu minn krejn) tista' tiġi awtorizzata biss b'mod eċċezzjonali, u għalhekk se tivvalutaha direttament skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.

## 2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

### 2.1 Kamp ta' applikazzjoni

40. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat ([63]) mogħtija lil impriżi fis-settur ferrovjarju ([64]), tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-trasport multimodali sostenibbli, sa fejn il-miżuri ta' għajnuna jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 ta' dawn il-Linji Gwida.

41. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-kriterji għall-kompatibbiltà tal-għajnuna li ġejja skont l-Artikolu 93 tat-Trattat:

   a) għajnuna fis-setturi ferrovjarji, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-trasport multimodali li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport (il-Kapitolu 4);

   b) għajnuna fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għar-rimborż ta' impriżi talli ssodisfaw ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku (Kapitolu 5).

42. Fir-rigward tal-għajnuna għall-koordinament tat-trasport fis-setturi tat-trasport ferrovjarju, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u multimodali, dawn il-Linji Gwida japplikaw ukoll għall-impriżi li jġorru passiġġieri u/jew merkanzija fuq passaġġi tal-ilma interni u fis-setturi tat-trasport multimodali u għall-impriżi li joperaw min-naħa tad-domanda tas-settur tat-trasport fuq l-art, jiġifieri l-organizzaturi tat-trasport ([65]), li huma dawk li jagħmlu l-għażla bejn il-metodi tat-trasport. L-esperjenza wriet li l-impriżi ferrovjarji huma biss uħud minn diversi atturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-bidla modali lejn

---

([63]) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jiddefinixxi l-għajnuna mill-Istat bħala "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi […], safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri". L-interventi mill-Istat li ma jissodisfawx waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. Konsegwentement, dawn mhumiex soġġetti għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida. B'mod partikolari, il-finanzjament tal-UE li huwa ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħra tal-UE u li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Dan japplika pereżempju għall-finanzjament ipprovdut mill-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

([64]) Fl-interess taċ-ċarezza, is-servizzi tat-trasport multimodali sostenibbli li jgħaqqdu taqsima waħda tat-trasport fuq l-art ma' taqsima tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra huma wkoll koperti bis-sħiħ minn dawn il-Linji Gwida u vvalutati skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.

([65]) Eż. kumpaniji tal-loġistika, spedizzjoniera, operaturi ta' trasport multimodali.

trasport sostenibbli fuq l-art. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet prattika ta' deċiżjonijiet fl-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 għal miżuri ta' għajnuna li l-benefiċjarji diretti tagħhom huma impriżi tal-loġistika li jużaw servizzi tat-trasport ferrovjarju aktar milli impriżi ferrovjarji ([66]). Dan għaliex il-prinċipji stabbiliti f'dawk il-Linji Gwida kienu adattati b'mod xieraq wkoll biex jeżaminaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna li għaliha l-impriżi ferrovjarji huma benefiċjarji indiretti biss.

43. It-tipi ta' għajnuna li ġejjin li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, kif spjegat fid-dettall fit-Taqsimiet 4.2.1 u 4.2.2, jaqgħu taħt dawn il-Linji Gwida: (i) għajnuna biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport; (ii) għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda; (iii) għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet tat-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni unimodali u multimodali; (iv) għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' sidings privati; (v) għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq il-passaġġi tal-ilma interni; (vi) għajnuna għall-interoperabbiltà; u (vii) għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni.

44. Kif imsemmi fil-punt 39, dawn il-Linji Gwida ma jkoprux l-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli. Tali għajnuna taqa' taħt ir-REKT jekk tirrigwarda ILUs u/jew krejnijiet abbord bastimenti u tingħata mill-Istati Membri fil-forma ta' skemi ta' għajnuna taħt kundizzjonijiet speċifiċi ħafna. Għajr f'dawk il-każijiet, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-akkwist ta' tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli tista' tiġi awtorizzata biss b'mod eċċezzjonali, u għalhekk se tivvalutaha direttament skont it-Trattat.

45. Dawn il-Linji Gwida ma jkoprux l-għajnuna mill-Istat għall-infrastruttura tal-portijiet ([67]). Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-għajnuna mill-Istat għall-infrastruttura tal-portijiet direttament skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat, jekk ma tkunx eżentata bħala kategorija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([68]), jew, jekk l-infrastruttura tal-portijiet tkun meħtieġa għall-forniment ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI", service of general economic interest), u ma tkunx eżentata bħala kategorija skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE ([69]), skont ir-regoli

---

([66]) Eż. id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2022, fil-każ SA.100463, in-Netherlands, *Skema ta' għajnuna għall-promozzjoni tal-bidla modali mit-triq għall-ferroviji u għall-passaġġi fuq l-ilma interni*, il-premessa 49 (ĠU C 461, 2.12.2022, p. 1); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2020, fil-każ SA.53615, l-Italja, *Interventi favur il-belt ta' Ġenova*, il-premessa 55 (ĠU C 206, 19.6.2020, p. 1); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2018 fil-każ SA.50115, l-Italja, *It-trasport ferrovjarju intermodali ta' ċangaturi tal-ħadid fir-reġjun tal-FVG*, il-premessa 58 (ĠU C 90, 8.3.2019, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2017 fil-każ SA.48858, l-Italja, *Skema ta' għajnuna li tappoġġa t-trasport ikkombinat fil-Provinċja ta' Bolzano*, il-premessa 53 (ĠU C 158, 4.5.2018, p. 6); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2017, fil-każ SA.46806, l-Italja, *Għajuna għat-trasport ikkombinat fil-Provinċja ta' Trento*, il-premessa 46 (ĠU C 442, 22.12.2017, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2016, fil-każ SA.41033, l-Italja, *Skema ta' trasport integrat fil-Provinċja ta' Trento*, il-premessa 44 (ĠU C 220, 17.6.2016, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2014 fil-każ SA.38152, l-Italja, *Għajnuna favur it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fir-reġjun tal-Emilia-Romagna*, il-premessa 27 (ĠU C 282, 22.8.2014, p. 23); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2011, fil-każ SA.32603, l-Italja, *Skemi ta' sussidju "Ferrobonus" għat-trasport ikkombinat*, il-premessa 26 (ĠU C 88, 24.3.2012, p. 1).

([67]) Kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

([68]) Ara n-nota (67) f'qiegħ il-paġna.

([69]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku ("il-Qafas SGEI") ([70]), skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat. Sabiex jiġi evitat id-dubju, kif imsemmi fil-punt 39 u ċċarat fil-punt 123, dawn il-Linji Gwida jkopru wkoll l-għajnuna għall-investiment għal dawk il-faċilitajiet tat-trasport multimodali li jinsabu fil-portijiet marittimi u li għandhom konnessjonijiet ferrovjarji jew passaġġi fuq l-ilma interni.

46. L-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija hija soġġetta għar-regoli stabbiliti fil-*Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-2022 dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija* ([71]). Għalhekk, fir-rigward tat-trasport ferrovjarju, multimodali u fuq passaġġi tal-ilma interni, il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-investiment f'vetturi nodfa u tagħmir terminali mobbli nadif, skont il-*Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022* ([72]). Bl-istess mod, l-għajnuna għall-investiment għat-tnaqqis tal-istorbju tat-trasport ferrovjarju mhijiex koperta minn dawn il-Linji Gwida, iżda hija koperta mil-*Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022* ([73]) (b'regoli speċifiċi dwar l-għajnuna għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tat-tniġġis minbarra gassijiet serra).

47. Fir-rigward tal-għajnuna fis-settur ferrovjarju li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ([74]) joħloq qafas legali speċifiku għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (u permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 għal dawk is-servizzi ([75])). Għalhekk, għas-servizzi tat-trasport pubbliku, dawn il-Linji Gwida jkopru biss il-kumpens għal servizz pubbliku għall-forniment ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-kumpens għal servizz pubbliku mħallas għall-forniment ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija fuq passaġġi tal-ilma interni (u tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri fuq passaġġi tal-ilma interni jekk ma jkunux soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 1370/2007) direttament skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.

48. Dawn il-Linji Gwida jiċċaraw il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni skont l-Artikolu 93 tat-Trattat dwar l-għajnuna fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija biex l-impriżi jirċievu rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-forniment ta' servizz pubbliku ([76]). Il-kundizzjonijiet jirriflettu l-prinċipji stabbiliti mill-Kummissjoni fil-Qafas SGEI tagħha ([77]), li għall-kuntrarju tal-Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' SGEI (il-"Komunikazzjoni SGEI") ([78]), mhuwiex direttament applikabbli għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija peress li jeskludi espressament it-trasport fuq l-art mill-kamp

([70]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku*, (2011) (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).
([71]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022,* (ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1).
([72]) Ara n-nota (71) f'qiegħ il-paġna.
([73]) Ara n-nota (71) f'qiegħ il-paġna.
([74]) Ara n-nota (31) f'qiegħ il-paġna.
([75]) Ara l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, ara n-nota (31) f'qiegħ il-paġna.
([76]) Fl-interess taċ-ċarezza, il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna fis-settur tat-trasport tal-merkanzija fuq passaġġi tal-ilma interni biex tirrimborża lill-impriżi għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-forniment ta' servizz pubbliku direttament skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.
([77]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.
([78]) Ara n-nota (36) f'qiegħ il-paġna.

ta' applikazzjoni tiegħu. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu wkoll kjarifiki speċifiċi meħtieġa minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur tat-trasport fuq l-art.

49. Dawn il-Linji Gwida (il-Kapitolu 6) itennu wkoll il-prinċipji applikabbli għall-flussi finanzjarji fi ħdan impriżi ferrovjarji integrati vertikalment.

50. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida japplikaw għal skemi ta' għajnuna u għal għajnuna individwali, kemm jekk ibbażati fuq skema ta' għajnuna kif ukoll jekk mogħtija *ad hoc*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

51. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għal impriżi ta' kwalunkwe daqs, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

52. L-impriżi f'diffikultà, kif definiti fil-*Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà* ([79]), ma jistgħux jirċievu għajnuna skont dawn il-Linji Gwida minħabba li l-għajnuna lil impriża f'diffikultà fil-prinċipju mhijiex mezz xieraq biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport jew biex tiżgura li jiġi pprovdut servizz pubbliku. Il-*Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà* jistabbilixxu l-kriterji għall-kompatibbiltà tal-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar mogħtija skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat lill-impriżi kollha li jikkwalifikaw bħala impriżi f'diffikultà, inklużi impriżi fis-settur tat-trasport fuq l-art, fin-nuqqas ta' gwida speċifika tal-Kummissjoni għall-impriżi f'diffikultà f'dak is-settur ([80]).

53. Meta tivvaluta l-għajnuna favur impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti b'segwitu għal deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni se tieħu inkunsiderazzjoni l-ammont tal-għajnuna li jkun għadu jrid jiġi rkuprat ([81]).

## 2.2 Definizzjonijiet

54. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) "infrastruttura ta' aċċess" tfisser kwalunkwe tip ta' infrastruttura meħtieġa biex jiġi żgurat l-aċċess u d-dħul minn fuq l-art jew mill-baħar u mix-xmajjar tal-utenti għal faċilità tat-trasport multimodali bil-ferrovija jew fuq passaġġi tal-ilma interni, jew faċilità unimodali tal-ferrovija jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni, bħat-toroq, il-binarji ferrovjarji, il-kanali u l-imgħalaq;

b) "għajnuna *ad hoc*" tfisser għajnuna mhux mogħtija fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna;

---

([79]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà*, (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([80]) Il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 (ara n-nota (38) f'qiegħ il-paġna) ipprevedew derogi mir-regoli applikabbli għal impriżi f'diffikultà fis-settur tal-merkanzija bil-ferrovija, li skadew fl-31 ta' Diċembru 2009. Minn dak iż-żmien, *Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà*, ara n-nota (79) f'qiegħ il-paġna, japplikaw bis-sħiħ għas-settur ferrovjarju kollu.

([81]) Ara s-sentenza tal-15 ta' Mejju 1997, *TWD* vs *Il-Kummissjoni*, C-355/95 P, EU:C:1997:241, il-punti 25 sa 27.

c) “intensità tal-għajnuna” tfisser l-ammont gross tal-għajnuna kkalkulat għal kull benefiċjarju u espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli. Iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta’ taxxa jew imposti oħra;

d) “skema ta’ għajnuna” tfisser kull att li fuq il-bażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri ta’ implimentazzjoni oħra, tista’ tingħata għajnuna individwali lill-impriżi li jkunu definiti fl-att b’mod ġenerali u astratt u kull att li fuq il-bażi tiegħu għajnuna li ma tkunx konnessa ma’ proġett speċifiku tista’ tingħata lil waħda jew ħafna impriżi għal perjodu ta’ żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit;

e) “trasport ikkombinat” tfisser it-tip ta’ trasport intermodali li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għat-trasport ikkombinat fid-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat ([82]);

f) “infrastruttura ddedikata” tfisser infrastruttura li hija mibnija għal intrapriża(i) *ex-ante* identifikabbli u mfassla għall-ħtiġijiet tagħha (tagħhom);

g) “tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli” tfisser tagħmir użat f’servizzi ta’ trażbord inċidentali għal trasport multimodali sostenibbli, bħal semitrailers li jistgħu jintrefgħu minn krejn, li jeskludi tagħmir terminali mobbli;

h) “reġistru Ewropew tal-vetturi” tfisser reġistru skont l-Artikolu 47(5) tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni) ([83]) u l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ([84]);

i) “pjan ta’ evalwazzjoni” tfisser dokument li jkopri skema ta’ għajnuna waħda jew aktar li jkun fih tal-anqas l-elementi li ġejjin: l-objettivi tal-iskema ta’ għajnuna li għandhom jiġu evalwati, il-mistoqsijiet ta’ evalwazzjoni, l-indikaturi tar-riżultat, il-metodoloġija prevista biex titwettaq l-evalwazzjoni, ir-rekwiżiti għall-ġbir tad-*data*, iż-żmien propost tal-evalwazzjoni inkluża d-data tas-sottomissjoni tar-rapport ta’ evalwazzjoni interim u finali, id-deskrizzjoni tal-korp indipendenti li jwettaq l-evalwazzjoni jew il-kriterji li jintużaw għas-selezzjoni tiegħu u l-modalitajiet biex jiżguraw id-divulgazzjoni tal-evalwazzjoni;

j) “spejjeż esterni tat-trasport” tfisser spejjeż iġġenerati mill-utenti tat-trasport u mhux imġarrba minnhom iżda mis-soċjetà kollha kemm hi, b’mod partikolari relatati mal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra, it-tniġġis tal-arja, il-korrimenti u l-imwiet, l-istorbju u l-konġestjoni;

k) “għajnuna individwali” tfisser għajnuna *ad hoc* u għotjiet ta’ għajnuna lil benefiċjarji individwali abbażi ta’ skema ta’ għajnuna;

l) “faċilità tal-passaġġi fuq l-ilma interni” tfisser kunwakwe faċilità ta’ servizz (pereżempju terminal jew faċilità tal-manutenzjoni jew tal-ħżin) u l-infrastruttura

([82]) Ara n-nota (26) f’qiegħ il-paġna.

([83]) Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni), (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44)

([84]) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

ta’ aċċess tagħha (inkluż it-tagħmir fiżiku jew diġitali meħtieġ għall-funzjonament tagħha) li tinsab fl-UE u li tintuża biex jitwettaq trasport fuq passaġġi tal-ilma interni, li teskludi l-faċilitajiet jew it-tagħmir li huma meħtieġa għat-twettiq ta’ attivitajiet mhux tat-trasport;

m) “bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni” tfisser bastiment għat-trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija maħsub biss jew prinċipalment għan-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni jew fl-ilmijiet ġewwa, jew maġenb, ilmijiet imkennija;

n) “trasport intermodali” tfisser il-moviment tal-merkanzija (fl-istess unità ta’ tagħbija jew vettura) b’modi suċċessivi tat-trasport mingħajr maniġġ tal-merkanzija nnifisha meta jinbidlu l-modi;

o) “unità ta’ tagħbija intermodali (ILU)” tfisser kontejner, kaxxa skambjabbli jew semitrailer/vettura tat-triq bil-mutur tal-merkanzija jew kombinazzjoni ta’ vetturi użati għat-trasport intermodali;

p) “interoperabbiltà” tfisser flussi tat-traffiku bla waqfien ta’ merkanzija jew passiġġieri, b’mod partikolari bejn Stati Membri jew modi tat-trasport;

q) “trasport fuq l-art” tfisser it-trasport ferrovjarju, fuq passaġġi tal-ilma interni u bit-triq ([85]);

r) “tagħmir terminali mobbli” tfisser tagħmir użat għat-tagħbija, il-ħatt u t-trażbord ta’ merkanzija u unitajiet ta’ tagħbija intermodali, u għall-moviment ta’ merkanzija f’żona terminali;

s) “trasport multimodali” tfisser il-ġarr ta’ merkanzija jew passiġġieri mill-anqas b’żewġ modi differenti tat-trasport;

t) “reġistru nazzjonali” tfisser reġistru miżmum minn Stat Membru skont l-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([86]) jew skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([87]);

u) “konnessjoni kummerċjali ġdida tal-merkanzija fuq passaġġi tal-ilma interni” tfisser konnessjoni kummerċjali li tikkonċerna operazzjonijiet skedati ġodda tal-merkanzija fuq passaġġi tal-ilma interni bejn mill-anqas żewġ terminali li ma ġewx konnessi b’servizzi skedati tal-merkanzija għal mill-anqas 5 snin qabel il-bidu tal-operazzjonijiet fil-konnessjoni partikolari;

v) “konnessjoni kummerċjali ġdida tal-merkanzija bil-ferrovija” tfisser konnessjoni kummerċjali li tikkonċerna operazzjonijiet skedati ġodda tal-merkanzija bil-ferrovija bejn mill-anqas żewġ terminali li ma ġewx konnessi b’servizzi skedati tal-merkanzija għal mill-anqas 5 snin qabel il-bidu tal-operazzjonijiet fil-konnessjoni partikolari;

w) “konnessjoni kummerċjali ġdida tal-passiġġieri tal-ferrovija” tfisser konnessjoni kummerċjali li tikkonċerna operazzjonijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija skedati ġodda

---

([85]) Skont l-Artikolu 100 tat-Trattat, it-Titolu VI “It-Trasport” tat-Trattat japplika fil-prinċipju biss għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u fuq passaġġi tal-ilma interni. Dawn it-tliet tipi ta’ trasport ġeneralment jissejħu “trasport fuq l-art”, b’kuntrast mat-trasport bil-baħar u bl-ajru.

([86]) Ara n-nota (83) f’qiegħ il-paġna.

([87]) Ara n-nota (84) f’qiegħ il-paġna.

bejn mill-anqas żewġ terminali li ma ġewx konnessi b'servizzi skedati tal-passiġġieri għal mill-anqas 5 snin qabel il-bidu tal-operazzjonijiet fil-konnessjoni partikolari;

x) "entrant ġdid" fis-settur ferrovjarju tfisser impriża ferrovjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([88]), li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

   (i) tkun irċeviet liċenzja skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea għas-segment rilevanti tas-suq anqas minn 20 sena qabel ma tingħata l-għajnuna;

   (ii) mhijiex marbuta skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tal-Anness I tar-REKT ma' impriża ferrovjarja li rċeviet liċenzja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(14) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea qabel l-1 ta' Jannar 2010;

y) "attivitajiet mhux tat-trasport" tfisser servizzi kummerċjali għal impriżi tat-trasport jew utenti oħra ta' faċilitajiet mhux relatati ma' trasport ferrovjarju unimodali jew multimodali u fuq passaġġi tal-ilma interni, inklużi servizzi anċillari għal passiġġieri, spedizjoniera jew fornituri oħra ta' servizzi, bħall-kiri ta' uffiċċji, ħwienet, u lukandi;

z) "siding privat" tfisser biċċa infrastruttura ferrovjarja privata u operata privatament (inklużi binarji ferrovjarji u kwalunkwe installazzjoni jew tagħmir ieħor meħtieġ biex issir funzjonali), li hija konnessa mal-faċilitajiet ta' tagħbija tan-network ferrovjarju pubbliku li ma jikkwalifikawx bħala faċilitajiet ta' servizz skont l-Anness II tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([89]), kif ukoll kwalunkwe infrastruttura ddedikata li sservi bħala biċċa infrastruttura ferrovjarja privata u operata privatament;

aa) "terminal multimodali tal-merkanzija bil-ferrovija u/jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni" tfisser struttura mgħammra għat-trażbord bejn żewġ sistemi ferrovjarji differenti jew bejn mill-anqas żewġ modi tat-trasport (li wieħed minnhom huwa l-ferrovija jew il-passaġġi fuq l-ilma interni), bħal terminali fil-portijiet interni jew marittimi, tul il-passaġġi fuq l-ilma interni, fl-ajruporti u l-pjattaformi loġistiċi multimodali;

bb) "faċilità tat-trasport multimodali bil-ferrovija u/jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni" tfisser faċilità ta' servizz u l-infrastruttura tal-aċċess tagħha (inkluż it-tagħmir fiżiku jew diġitali meħtieġ għall-funzjonament tagħha) li tinsab fl-Unjoni u meħtieġa biex tipprovdi trasport ferrovjarju u/jew fuq passaġġi tal-ilma interni flimkien ma' modi oħra tat-trasport, li teskludi l-faċilitajiet jew it-tagħmir meħtieġa għal attivitajiet mhux tat-trasport. Din id-definizzjoni tinkludi t-terminali multimodali tal-merkanzija bil-ferrovija u tal-passaġġi fuq l-ilma interni;

cc) "faċilità ferrovjarja" tfisser faċilità ta' servizz (pereżempju terminali ferrovjarji tal-merkanzija jew faċilità tal-manutenzjoni jew tal-ħżin) u l-infrastruttura ta' aċċess tagħha (inkluż it-tagħmir fiżiku jew diġitali meħtieġ għall-funzjonament tagħha) li tinsab fl-UE msemmija fl-Anness II tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([90]), li

([88]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.
([89]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.
([90]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

teskludi l-faċilitajiet jew it-tagħmir meħtieġa biex jitwettqu attivitajiet mhux tat-trasport;

dd) "impriża ferrovjarja" tfisser impriża pubblika jew privata msemmija fl-Artikolu 3(1)(1) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([91]);

ee) "materjal fuq ir-roti" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) lokomottivi u materjal fuq ir-roti għat-trasport tal-passiġġieri, inkluż unitajiet tat-trazzjoni termali jew elettriċi, ferroviji tal-passiġġieri awtopropulsivi termali jew elettriċi u kowċis tal-passiġġieri;

(ii) vaguni tal-merkanzija, inklużi vetturi baxxi ddisinjati għan-network kollu u vetturi ddisinjati biex iġorru t-trakkijiet;

ff) "trasport marittimu fuq distanzi qosra" tfisser iċ-ċaqliq tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew bejn dawk il-portijiet u portijiet li jinsabu f'pajjiżi mhux Ewropej b'kosta fuq ibħra magħluqa mal-fruntieri tal-Ewropa ([92]);

gg) "intrapriża żgħira u ta' daqs medju" ("SME", small and medium-sized enterprise) tfisser impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tar-REKT;

hh) "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment jew mal-ewwel impenn legalment vinkolanti biex jiġi ordnat it-tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli. Ix-xiri ta' art u xogħlijiet preparatorji, bħall-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' fattibbiltà, ma jitqisux bħala l-bidu tax-xogħlijiet. Fir-rigward tal-akkwisti, "bidu tax-xogħlijiet" tfisser il-mument tal-akkwist tal-assi marbuta direttament mal-istabbiliment akkwistat;

ii) "trasport sostenibbli fuq l-art" tfisser it-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri bil-ferrovija, fuq passaġġi tal-ilma interni jew bit-trasport multimodali sostenibbli fejn teżisti alternattiva għall-istess trasport li tikkawża spejjeż esterni ogħla;

jj) "trasport multimodali sostenibbli" tfisser il-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri mill-anqas b'żewġ modi differenti tat-trasport, fejn mill-anqas wieħed mill-modi tat-trasport użati jkun bil-ferrovija jew fuq passaġġi tal-ilma interni, jew bit-triq jekk dan tal-aħħar ikun ikkombinat mat-trasport marittimu fuq distanzi qosra;

kk) "applikazzjonijiet telematiċi" tfisser kwalunkwe waħda mill-applikazzjonijiet li ġejjin:

(i) applikazzjonijiet għal servizzi ta' trasport ta' passiġġieri, bħal sistemi li jipprovdu informazzjoni lill-passiġġieri qabel u matul il-vjaġġ, sistemi ta' prenotazzjoni u ħlas, ta' ġestjoni tal-bagalji u ta' ġestjoni tal-konnessjonijiet bejn il-ferroviji u ma' modi oħra tat-trasport;

---

([91]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

([92]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "*L-Iżvilupp tat-Trasport Marittimu fuq Distanzi Qosra fl-Ewropa: Alternattiva dinamika f'katina tat-trasport sostenibbli – It-tieni rapport ta' progress ta' kull sentejn*", COM(1999) 317 final, 29.6.1999.

(ii) applikazzjonijiet għal servizzi ta' merkanzija, bħal sistemi ta' informazzjoni (monitoraġġ tal-merkanzija u l-ferroviji f'ħin reali), is-sistemi ta' marshalling u l-allokazzjoni, il-prenotazzjoni, is-sistemi tal-ħlas u fatturazzjoni, il-ġestjoni tal-konnessjonijiet ma' modi oħra tat-trasport u l-produzzjoni ta' dokumenti elettroniċi ta' akkumpanjament;

ll) "operatur ta' trasport" tfisser kwalunkwe impriża li ġġorr passiġġieri u/jew merkanzija fis-setturi tat-trasport ferrovjarju, fuq passaġġi tal-ilma interni u/jew multimodali;

mm) "organizzatur tat-trasport" tfisser kwalunkwe impriża li torganizza t-trasport ta' merkanzija u b'hekk tagħmel l-għażla bejn modi tat-trasport (bħal kumpaniji tal-loġistika, spedizjoniera, operaturi ta' trasport multimodali);

nn) "vettura għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni" tfisser bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew materjal fuq ir-roti.

## 2.3 L-istruttura tal-Linji Gwida

55. Il-Kapitolu 3 jiċċara liema miżuri fis-settur tat-trasport fuq l-art ma għandhomx għalfejn jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel l-implimentazzjoni tagħhom.

56. Il-Kapitolu 4 jistabbilixxi l-miżuri koperti minn dawn il-Linji Gwida skont l-Artikolu 93 tat-Trattat. It-Taqsima 4.1 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà li b'mod ġenerali japplikaw għall-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport. It-Taqsima 4.2 tistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi ta' kompatibbiltà li japplikaw għal tipi differenti ta' miżuri ta' għajnuna li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport. Il-Kapitolu 5 jiċċara l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà li japplikaw għall-miżuri ta' għajnuna għar-rimborż ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku. Il-Kapitolu 6 jfakkar il-prinċipji applikabbli għall-flussi finanzjarji fi ħdan impriżi ferrovjarji integrati vertikalment.

57. Il-Kapitolu 7 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni se tirrikjedi evalwazzjoni *ex post* tal-iskemi notifikati skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.

58. Il-Kapitolu 8 jiddeskrivi l-obbligi ta' rappurtar u monitoraġġ tal-Istati Membri li jagħtu l-għajnuna skont l-Artikolu 93 tat-Trattat.

59. Il-Kapitoli 9 u 10 jkopru t-tul ta' żmien ta' dawn il-Linji Gwida u l-iskeda ta' żmien għar-reviżjoni tagħhom.

# 3. MIŻURI MHUX SOĠĠETTI GĦAL NOTIFIKA

60. Meta intervent mill-Istat jissodisfa l-kriterji biex jikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([93]), fil-prinċipju l-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

([93]) Fir-rigward tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tirreferi għall-Avviż tagħha dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, C/2016/2946 (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1). Kif indikat fil-punt 211 ta' dan l-avviż, effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni huwa normalment eskluż fir-rigward tal-bini tal-infrastruttura f'każijiet fejn fl-istess ħin (i) infrastruttura tipikament ma tiffaċċjax kompetizzjoni diretta, (ii) il-finanzjament privat huwa insinifikanti f'dan is-settur u l-Istat Membru kkonċernat u (iii) l-infrastruttura

61. L-għajnuna mill-Istat fis-settur tat-trasport fuq l-art mhijiex soġġetta għar-rekwiżit ta' notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija adottat mill-Kummissjoni, jew skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2586 ([94]) jew skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 ([95]).

62. F'dan ir-rigward, ir-REKT ikopri ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport fis-settur tat-trasport fuq l-art. Tali miżuri ta' għajnuna, jekk jingħataw f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà applikabbli stabbiliti fir-REKT, ma joħolqu l-ebda distorsjoni sinifikanti għall-kompetizzjoni u l-kummerċ, u għalhekk jitqiesu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 93 tat-Trattat u mhumiex soġġetti għar-rekwiżit ta' notifika.

63. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([96]) fih dispożizzjonijiet li jistgħu jeżentaw l-għajnuna fis-settur tat-trasport fuq l-art mir-rekwiżit ta' notifika. Pereżempju, l-għajnuna għall-portijiet interni tista' tkun eżentata bħala kategorija skont l-Artikolu 56c ta' dak ir-Regolament. Sakemm din l-għajnuna ma tkunx imfassla primarjament biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport iżda biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ċerti żoni ekonomiċi, u tingħata f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà applikabbli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 651/2014 ([97]), tali miżuri ta' għajnuna jitqiesu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat minħabba li ma jwasslux għal distorsjoni sinifikanti għall-kompetizzjoni u l-kummerċ.

64. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 ([98]) japplika wkoll għat-trasport fuq l-art. Bl-istess mod, il-kumpens mogħti lill-impriżi li jipprovdu SGEI fis-settur tat-trasport fuq l-art huwa kopert mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2832 ([99]). Il-miżuri li jissodisfaw il-kriterji ta' dawk ir-Regolamenti jitqiesu li ma għandhom l-ebda impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern. Dawk il-miżuri *de minimis* mhumiex soġġetti għal rekwiżit ta' notifika peress li jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

## 4. GĦAJNUNA LI TISSODISFA L-ĦTIĠIJIET TAL-KOORDINAMENT TAT-TRASPORT

### 4.1 Kundizzjonijiet ġenerali ta' kompatibbiltà

65. Din it-taqsima tippreżenta l-kundizzjonijiet ġenerali ta' kompatibbiltà applikabbli għall-kategoriji ta' għajnuna spjegati fit-Taqsima 4.2. Meta l-Kummissjoni tivvaluta jekk il-

---

mhijiex imfassla biex b'mod selettiv tiffavorixxi impriża partikolari jew settur, iżda tipprovdi benefiċċji għas-soċjetà kollha kemm hi.

([94]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2586 tad-19 ta' Diċembru 2022 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 93, 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat fis-settur tat-trasport bil-ferrovija, bil-passaġġi tal-ilma interni u multimodali (ĠU L 338, 30.12.2022, p. 35).

([95]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1).

([96]) Ara n-nota (67) f'qiegħ il-paġna.

([97]) Ara n-nota (67) f'qiegħ il-paġna.

([98]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023, p. 1).

([99]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2832 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L, 2023/2832, 15.12.2023, p. 1).

miżuri ta' għajnuna fis-setturi ferrovjarji, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-trasport multimodali sostenibbli jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport skont l-Artikolu 93 tat-Trattat, hija se tanalizza l-konformità mal-prinċipji deskritti f'din it-taqsima (il-punti 66 sa 86). Il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4.2 għal kull kategorija ta' għajnuna speċifika jipprovdu kjarifiki għal xi wħud mill-kundizzjonijiet ġenerali ta' kompatibbiltà ppreżentati f'din it-taqsima, b'mod partikolari fit-Taqsima 4.1.1 (Key compatibility conditions).

### *4.1.1 Kundizzjonijiet ewlenin ta' kompatibbiltà*

*Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport*

66. L-għajnuna trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur tat-trasport fuq l-art lejn trasport sostenibbli fuq l-art u/jew għat-tlestija ta' suq integrat tal-UE fejn il-flussi tat-traffiku mingħajr interruzzjoni ta' merkanzija u passiġġieri bejn in-networks nazzjonali u l-modi tat-trasport huma żgurati, u b'hekk jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport.

*Ħtieġa tal-għajnuna*

67. L-għajnuna trid tkun meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tal-koordinament tat-trasport identifikat mill-miżura speċifika f'konformità mal-punt 66. Dan huwa, pereżempju, il-każ, meta l-għajnuna tkun immirata lejn falliment speċifiku tas-suq (jiġifieri sitwazzjoni fejn tista' twassal għal żvilupp materjali tas-settur tat-trasport fuq l-art li s-suq waħdu ma jistax iwassal, eż. lejn trasport sostenibbli fuq l-art u/jew lejn it-tlestija ta' suq integrat tal-UE fejn il-flussi tat-traffiku mingħajr interruzzjoni ta' merkanzija u passiġġieri bejn in-networks nazzjonali u l-modi tat-trasport huma żgurati). Fallimenti tas-suq li jxekklu l-bidla lejn forom sostenibbli ta' trasport fuq l-art jistgħu jseħħu, pereżempju, fejn hemm (i) disparitajiet fil-prezzijiet bejn forom differenti ta' trasport minħabba esternalitajiet negattivi li ma jitqisux, (ii) diffikultajiet iffaċċjati mill-operaturi tas-suq fl-aċċess għall-finanzjament ibbażat fuq is-suq minħabba assimetriji fl-informazzjoni, (iii) fallimenti fil-koordinament bejn l-atturi tas-suq, jew, b'mod aktar ġenerali, (iv) investimenti li jinvolvu esternalitajiet pożittivi iżda li mhumiex profittabbli biżżejjed għall-benefiċjarju potenzjali.

*Adegwatezza tal-għajnuna*

68. L-għajnuna trid tkun xierqa biex jintlaħaq l-objettiv identifikat tal-koordinament tat-trasport. Fil-prinċipju, l-għajnuna ma titqiesx xierqa jekk l-istess riżultat ikun jista' jinkiseb permezz ta' strument ta' politika anqas distortiv (bħal strumenti bbażati fuq is-suq jew regolatorji) jew permezz ta' forma ta' strument ta' għajnuna anqas distortiv (bħal garanziji jew pagamenti bil-quddiem ripagabbli), milli billi jiġu pprovduti strumenti mhux ripagabbli, bħal għotjiet diretti.

*L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna*

69. L-għajnuna trid tħeġġeġ lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu jew jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali, li ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew li kieku jwettaqha sa ċertu punt jew b'mod differenti. Il-prova ta' effett ta' inċentiv tinkludi l-identifikazzjoni tax-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli fin-nuqqas ta' għajnuna ([100]).

---

([100]) Dan ix-xenarju jrid ikun kredibbli, ġenwin u relatat mal-fatturi tat-teħid ta' deċiżjonijiet prevalenti fiż-żmien tad-deċiżjoni mill-benefiċjarju tal-għajnuna rigward il-proġett. L-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq dokumenti uffiċjali tal-bord, valutazzjonijiet tar-riskju, rapporti finanzjarji, pjanijiet interni tan-negozju,

70. Barra minn hekk, fir-rigward speċifiku tal-għajnuna għall-investiment, l-għajnuna ma jkollhiex effett ta' inċentiv jekk il-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett iseħħ qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti ([101]). Meta l-benefiċjarju jibda jaħdem fuq proġett qabel ma japplika għall-għajnuna, kwalunkwe għajnuna mogħtija għal dak il-proġett ma titqiesx kompatibbli mas-suq intern. L-għajnuna mogħtija biex tkopri l-ispejjeż tal-konformità mal-istandards tal-UE fil-prinċipju ma għandha l-ebda effett ta' inċentiv. Bħala regola ġenerali, hija biss l-għajnuna li tmur lil hinn mill-istandards tal-UE li jista' jkollha effett ta' inċentiv. Madankollu, f'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-UE jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu ma daħalx fis-seħħ, l-għajnuna jista' jkollha effett ta' inċentiv jekk tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-anqas 12-il xahar qabel ma jidħol fis-seħħ l-istandard, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fit-Taqsimiet 4.2.2.1 sa 4.2.2.5. Sabiex l-Istati Membri ma jiġux skoraġġuti milli jistabbilixxu standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-UE, il-miżuri ta' għajnuna jista' jkollhom effett ta' inċentiv irrispettivament mill-preżenza ta' tali standards nazzjonali. L-istess jgħodd għall-għajnuna mogħtija fil-preżenza ta' standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-UE.

*Il-proporzjonalità tal-għajnuna.*

71. L-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju jenħtieġ li jkun limitat għall-minimu meħtieġ biex il-benefiċjarju jiġi inċentivat iwettaq il-proġett jew l-attività megħjuna. Dak il-minimu jista' jiġi identifikat bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett jew tal-attività megħjuna, kif speċifikat taħt kull kategorija speċifika fit-Taqsima 4.2. Filwaqt li l-valutazzjoni tal-proporzjonalità ġeneralment titwettaq minn perspettiva *ex ante*, f'każijiet eċċezzjonali fejn żviluppi futuri fl-ispejjeż u fid-dħul huma soġġetti għal grad għoli ta' inċertezza u hemm asimetrija qawwija ta' informazzjoni, jista' jkun diffiċli ħafna li jiġi definit l-ammont ta' għajnuna meħtieġ mill-Istat fuq bażi kompletament *ex ante*; f'dawn il-każijiet, l-minbarra kwantifikazzjoni *ex ante*, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu mekkaniżmi *ex post* bħal irkupru jew monitoraġġ tal-ispejjeż biex jiżguraw il-proporzjonalità, filwaqt li jżommu inċentivi għall-benefiċjarji biex jimminimizzaw l-ispejjeż tagħhom u jiżviluppaw in-negozju tagħhom b'mod aktar effiċjenti. maż-żmien.

72. Fir-rigward tal-għajnuna għall-investiment, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor għall-kategoriji speċifiċi ta' għajnuna dettaljati fit-Taqsima 4.2.2, l-għajnuna titqies proporzjonata jekk tikkorrispondi għall-spiża żejda netta meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura ta' għajnuna, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna ("spariġġ tal-likwidità"). Biex jiġi kkalkulat l-ispariġġ tal-likwidità, huwa meħtieġ li jiġu kkalkulati:

a) id-dħul u l-ispejjeż stmati, inkluż il-valur tal-investiment, tal-operat u terminali tal-proġett ("xenarju fattwali") u dawk tal-proġett alternattiv li l-benefiċjarju tal-

opinjonijiet esperti u studji oħra relatati mal-proġett li jkun qed jiġi vvalutat. Dokumenti li jkun fihom informazzjoni dwar il-previżjonijiet tad-domanda, il-previżjonijiet tal-ispejjeż, il-previżjonijiet finanzjarji, id-dokumenti ppreżentati lil kumitat tal-investiment u li jelaboraw xenarji ta' investiment/operazzjonali, jew dokumenti pprovduti lill-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri juru l-effett ta' inċentiv. Dawk id-dokumenti jeħtieġ li jkunu kontemporanji għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonċerna l-proġett jew l-attività.

([101]) L-applikazzjoni għall-għajnuna tista' tieħu diversi forom, inkluż, pereżempju, proċedura kompetittiva ta' offerti għall-għoti tal-attività sussidjata. Kull applikazzjoni trid tinkludi mill-anqas isem l-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew tal-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġ għat-twettiq tiegħu/tagħha.

għajnuna kien iwettaq b'mod kredibbli fin-nuqqas ta' għajnuna ("xenarju kontrofattwali");

b) il-kost medju ponderat tal-kapital ("WACC", weighted average cost of capital) stmat tal-benefiċjarju biex jiġu skontati l-flussi tal-flus futuri;

c) il-valur preżenti nett ("VPN") għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, matul il-ħajja tal-proġett.

73. Abbażi tal-elementi elenkati fl-ittri minn (a) sa (c), l-ispariġġ tal-likwidità huwa d-differenza bejn il-VPN tal-proġett fix-xenarju fattwali u fix-xenarju kontrofattwali, matul il-ħajja tal-proġett, skontat fil-livell tad-WACC. Is-suppożizzjonijiet u l-għażliet metodoloġiċi kollha sottostanti għall-kalkolu tal-ispariġġ tal-likwidità jridu jiġu spjegati u sostanzjati. L-analiżi tax-xenarji kemm fattwali kif ukoll kontrofattwali trid tqis kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat eżistenti jew ippjanata, bħal għajnuna operatorja u/jew tip differenti ta' għajnuna għall-investiment rilevanti li taffettwa l-analiżi tal-ispariġġ tal-likwidità.

74. Eżempju ta' xenarju kontrofattwali huwa li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività jew investiment jew ikompli n-negozju mingħajr bidliet. Fejn l-evidenza tappoġġja li dan huwa xenarju kontrofattwali kredibbli, l-ispariġġ tal-likwidità jista' jiġi approssimat mil-livell ta' VPN negattiv tal-proġett fix-xenarju fattwali mingħajr għajnuna matul il-ħajja tal-proġett (jekk wieħed jassumi b'mod impliċitu li l-VPN tax-xenarju kontrofattwali huwa żero) ([102]).

*L-evitar tal-effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri*

75. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni inerenti fl-għajnuna ma tridx tolqot ħażin l-interessi ġenerali tal-UE ([103]). Fil-valutazzjoni ta' jekk l-effetti negattivi tal-miżura fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ humiex limitati, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-impatt prevedibbli li l-miżura ta' għajnuna, b'mod partikolari jekk tikkonsisti f'għajnuna *ad hoc*, jista' jkollha fuq il-kompetizzjoni bejn l-impriżi li joperaw fis-suq (swieq) tat-trasport ikkonċernat(i), inklużi s-swieq upstream jew downstream, u r-riskju ta' ħolqien ta' kapaċità żejda.

76. Fil-prinċipju, il-Kummissjoni tqis li l-iskemi ta' għajnuna huma anqas probabbli li jkollhom effett negattiv fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri mill-għajnuna *ad hoc*. Fi kwalunkwe każ, biex tillimita kwalunkwe effett negattiv fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-Kummissjoni se tapprova biss skemi ta' għajnuna operatorja għal tul ta' żmien massimu ta' 5 snin u skemi ta' għajnuna għall-investiment

([102]) Fin-nuqqas ta' proġett alternattiv, il-Kummissjoni se tivverifika li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-minimu meħtieġ biex il-proġett megħjun ikun profittabbli biżżejjed, pereżempju billi tagħmilha possibbli li tinkiseb rata ta' redditu interna li tikkorrispondi għas-settur jew għall-impenn ta' parametru referenzjarju jew rata minima ta' redittu speċifiċi. Rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju fi proġetti ta' investiment oħra simili, il-kost tal-kapital fit-totalità tiegħu jew ir-redditu li jiġi osservat normalment fl-industrija kkonċernata wkoll jistgħu jintużaw għal din il-fini. L-ispejjeż u l-benefiċċji kollha rilevanti mistennija jridu jiġu kkalkulati matul il-ħajja tal-proġett.

([103]) Għalkemm l-Artikolu 93 tat-Trattat ma fih l-ebda ekwivalenti għat-tieni sentenza tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat, li skontu l-għajnuna tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern biss meta ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea diġà għamlitha ċara li l-Kummissjoni, meta tivvaluta miżura ta' għajnuna skont l-Artikolu 93 tat-Trattat, trid tivverifika li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-UE, ara s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1978, *il-Kummissjoni* vs *il-Belġju*, 156/77, imsemmija fin-nota 30 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 10.

għal tul ta' żmien massimu ta' 10 snin ([104]). Jekk Stat Membru jixtieq jestendi skema ta' għajnuna lil hinn minn dan it-tul ta' żmien, huwa jeħtieġ li jissottometti notifika ġdida sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżaminaha mill-ġdid fid-dawl tar-riżultati miksuba u, fejn xieraq, tawtorizza t-tiġdid tagħha.

#### *4.1.2 Konformità ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni*

77. L-għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern jekk l-għajnuna jew il-modalitajiet li tant huma marbuta b'mod indissolubbli mal-għan tal-għajnuna li jkun impossibbli li jiġu evalwati separatament (inkluż il-metodu ta' finanzjament meta jifforma parti integrali mill-miżura) jinvolvu ksur tal-liġi tal-UE ([105]). Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta sabiex jirċievi l-għajnuna, il-benefiċjarju jkollu obbligu li jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu fl-Istat Membru kkonċernat jew ikun stabbilit b'mod predominanti f'dak l-Istat Membru jew il-benefiċjarju jkollu l-obbligu li juża prodotti jew servizzi nazzjonali magħmulin fil-livell nazzjonali.

#### *4.1.3 Akkumulazzjoni*

78. L-għajnuna tista' tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* li tkopri l-istess spejjeż eliġibbli, sakemm l-ammont totali tal-għajnuna għall-istess spejjeż eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont dawn il-Linji Gwida. Jekk l-Istat Membru jippermetti li l-għajnuna taħt miżura waħda tiġi akkumulata ma' għajnuna taħt miżuri oħra għall-istess spejjeż eliġibbli, allura jrid jispeċifika, għal kull miżura, il-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità ma' din il-kundizzjoni.

79. Finanzjament tal-UE ġestit ċentralment li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Meta l-finanzjament tal-UE jkun ikkombinat mal-għajnuna mill-Istat, l-Istat Membru jeħtieġlu jiżgura li l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti għall-istess spejjeż eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

#### *4.1.4 Trasparenza*

80. L-għajnuna trid tingħata b'mod trasparenti.

81. Meta l-għajnuna tingħata f'forma oħra minbarra għotja, l-ammont tal-għajnuna jrid jiġi kkonvertit fl-ekwivalenti ta' għotja gross tiegħu. Għajnuna pagabbli f'diversi pagamenti għandha tiġi kkalkulata fil-valur tagħha fil-mument tal-għotja. Ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għal skopijiet ta' skont u biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' għajnuna ta' self b'imgħax baxx ([106]) hija r-rata ta' imgħax ta' referenza applikabbli fiż-żmien tal-għoti, stabbilita f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont ([107]).

82. Sabiex jitnaqqsu l-effetti negattivi tal-għajnuna billi jiġi żgurat li l-kompetituri jkollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti dwar l-attivitajiet li jkunu appoġġjati, l-Istat Membru

([104]) Dan ifisser li l-għajnuna tista' tingħata taħt skemi approvati f'perjodu massimu ta' 5 snin (fil-każ ta' skemi ta' għajnuna operatorja) jew 10 snin (fil-każ ta' skemi ta' għajnuna għall-investiment) mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli.

([105]) Ara s-sentenzi tat-22 ta' Marzu 1977, *Iannelli & Volpi SpA*, 74/76, EU:C:1977:51, il-paragrafu 14, tal-15 ta' Ġunju 1993, *Matra SA* vs *Il-Kummissjoni*, C-225/91, EU:C:1993:239, il-paragrafu 41, u tal-31 ta' Jannar 2023, *Il-Kummissjoni* vs *Braesch et al*, C-284/21 P, EU:C:2023:58, il-paragrafi minn 96 sa 99.

([106]) Self b'rata tal-imgħax anqas minn dik tas-suq.

([107]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

kkonċernat jeħtieġlu jiżgura li l-informazzjoni li ġejja tiġi ppubblikata fil-pjattaforma Transparency Award Module ([108]) tal-Kummissjoni jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, dan li ġej:

a) it-test sħiħ tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali jew tal-iskema ta' għajnuna approvata u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew il-link għalih;

b) informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 100,000 bl-użu tal-istruttura fl-Anness II ta' dawn il-Linji Gwida ([109]).

83. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li s-siti web komprensivi tagħhom dwar l-għajnuna mill-Istat, kif imsemmi fil-punt 82, ikunu mfassla biex jipprovdu aċċess faċli għall-informazzjoni. Huma jeħtiġilhom jippubblikaw l-informazzjoni f'format tad-*data* tal-ispreadsheet mhux proprjetarju li jippermetti li d-*data* tiġi mfittxija, estratta, imniżżla u kondiviża faċilment fuq l-internet, pereżempju f'format CSV jew XML. Il-pubbliku ġenerali jeħtieġlu jkollu aċċess għas-sit web mingħajr restrizzjonijiet, inkluża r-reġistrazzjoni tal-utent minn qabel.

84. Għal skemi fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 82(b) se jitqiesu bħala ssodisfati jekk l-Istati Membri jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ammonti ta' għajnuna individwali fil-firxiet li ġejjin (f'miljuni ta' EUR):

0,1-0,5;

0,5-1;

1-2;

2-5;

5-10;

10-30;

30-60;

60-100;

100-250; u

250 u aktar.

85. L-Istati Membri jridu jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fil-punt 82(b) fi żmien 6 xhur mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna, jew, għall-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, fi żmien sena (1) mid-data li fiha tkun dovuta d-dikjarazzjoni tat-taxxa ([110]). Għal għajnuna li hija illegali iżda li sussegwentement tinstab li hija kompatibbli, l-Istati Membri jeħtiġilhom jippubblikaw din l-informazzjoni fi żmien 6 xhur mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli. Sabiex tippermetti l-infurzar tar-regoli

([108]) Tiftix Pubbliku tal-Bażi tad-*Data* dwar it-Trasparenza tal-Għajnuna mill-Istat, disponibbli fuq: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt.

([109]) Fuq talba sostanzjata ta' Stat Membru, dan ir-rekwiżit jista' jiġi rinunzjat jekk pubblikazzjoni dettaljata sħiħa ddgħajjef il-kompetizzjoni fi proċessi ta' allokazzjoni sussegwenti, pereżempju, billi tippermetti offerti strateġiċi.

([110]) Jekk ma jkun hemm l-ebda rekwiżit formali għal dikjarazzjoni annwali, id-data tal-għoti għall-finijiet ta' kodifikazzjoni se tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena li għaliha tkun ingħatat l-għajnuna.

dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat, l-informazzjoni trid tibqa' disponibbli għal mill-anqas 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

86. Il-Kummissjoni se tippubblika fuq is-sit web tagħha links għas-siti web dwar l-għajnuna mill-Istat imsemmija fil-punt 82(b).

## 4.2 Kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għal kategoriji speċifiċi ta' għajnuna għall-koordinament tat-trasport

87. Din it-taqsima tiddeskrivi kjarifiki għal xi aspetti tal-kundizzjonijiet ewlenin ta' kompatibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 4.1.1 għal kull tip ta' għajnuna għall-koordinament tat-trasport kopert minn dawn il-Linji Gwida.

### *4.2.1 Għajnuna operatorja*

#### 4.2.1.1 Għajnuna biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport

88. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu regoli dwar l-għajnuna, biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport, li tista' tingħata lill-operaturi ta' trasport u/jew lill-organizzaturi tat-trasport li jagħżlu soluzzjonijiet sostenibbli tat-trasport fuq l-art.

89. L-għajnuna biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport tista' tkun immirata lejn il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni u/jew l-operazzjonijiet tat-trasport multimodali sostenibbli (jiġifieri inkluż mill-anqas taqsima waħda bil-ferroviji, fuq passaġġi tal-ilma interni jew bit-trasport marittimu fuq distanzi qosra).

90. Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għat-tnaqqis tal-ispejjeż esterni tat-trasport trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti f'din it-taqsima u fit-Taqsima 4.1.

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport

91. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 66, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna operatorja biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport tista' trawwem bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq l-art dment li tindirizza d-disparitajiet fil-prezzijiet bejn modi differenti tat-trasport fuq l-art u tipperswadi lill-utenti tat-trasport biex jagħżlu modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art. Id-differenzi fil-prezzijiet jinħolqu meta l-esternalitajiet negattivi ma jiġux ikkunsidrati biżżejjed fil-prezz tas-servizz tat-trasport fuq l-art.

Ħtieġa tal-għajnuna

92. F'dan l-istadju tal-iżvilupp tas-suq tat-trasport, l-ispejjeż esterni tat-trasport mhumiex ikkunsidrati biżżejjed fil-prezz tas-servizzi tat-trasport. Dan iwassal biex il-prezz ta' dawk is-servizzi ma jirriflettix bis-sħiħ l-ispiża tas-soċjetà tal-mod ta' trasport sottostanti. L-SSMS indikat li, biex jitwassal ipprezzar ġust u effiċjenti fil-modi kollha tat-trasport, huwa meħtieġ sett komprensiv ta' miżuri ([111]). Ipprezzar bħal dan jagħmel lil min iniġġes u lill-utenti jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa għall-ispejjeż li jiġġeneraw u jgħin lill-utenti jagħmlu għażliet allinjati ma' dak li huwa l-aħjar għas-soċjetà. L-istrateġija tistenna biss li l-ispejjeż esterni jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fl-UE sal-2050. Għalhekk, l-għajnuna biex jitnaqqsu tali spejjeż esterni qabel dik id-data tista' tkun meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

([111]) Ara l-punt 47 tal-SSMS imsemmi fin-nota (20) f'qiegħ il-paġna.

93. Is-servizzi tat-trasport sostenibbli fuq l-art spiss ma jkunux kompetittivi ma’ alternattivi li jniġġsu aktar bħas-servizzi tat-trasport bit-triq biss. Sakemm il-prezz tas-servizzi konkorrenti li jniġġsu aktar ma jirriflettix bis-sħiħ ispiża tagħhom għas-soċjetà, is-suq waħdu x’aktarx li ma jiżgurax livell ta’ implimentazzjoni ta’ modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art f’konformità mal-objettivi segwiti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. Wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 67, il-Kummissjoni tqis li, fil-preżenza tal-esternalitajiet negattivi assoċjati ma’ modi tat-trasport konkorrenti bħat-trasport bit-triq u l-avjazzjoni, l-għajnuna operatorja biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport hija meħtieġa biex tappoġġja bidla modali lejn il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport multimodali sostenibbli.

Adegwatezza tal-għajnuna

94. F’konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport hija strument ([112]) xieraq biex tinżamm jew tiżdied il-bidla lejn modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art jekk tindirizza d-disparitajiet fil-prezzijiet bejn il-modi differenti tat-trasport li huma dovuti għal esternalitajiet negattivi u tipperswadi lill-utenti tat-trasport jagħżlu modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art.

L-effett ta’ inċentiv tal-għajnuna

95. L-għajnuna jenħtieġ li tinċentiva ż-żamma jew iż-żieda tal-bidla lejn modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art f’konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 69. Sabiex ikun hemm konformità ma’ dawk il-prinċipji ġenerali u jiġi żgurat li l-għajnuna ġġib magħha bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju u tinċentiva bidla modali, jenħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.

96. L-ewwel nett, l-għajnuna jenħtieġ li tingħata biss meta mod ta’ trasport konkorrenti li jniġġes aktar ikun alternattiva kummerċjalment vijabbli għall-mod ta’ trasport appoġġjat mill-għajnuna. Din il-vijabbiltà tiddependi fuq l-ispejjeż tal-operat, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta’ terminali, networks u konnessjonijiet xierqa u fatturi oħra bħad-differenzi fil-ħin tat-tranżitu. Il-Kummissjoni tqis li għas-servizzi tal-passiġġieri dejjem ikun hemm alternattiva kummerċjalment vijabbli li tniġġes aktar għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni. Fis-settur tal-merkanzija, fejn il-kompetittività tiddependi mid-distanza koperta mill-operazzjonijiet tat-trasport ([113]), il-kompetizzjoni mat-trasport bit-triq biss tista’ ġeneralment tiġi preżunta:

a) f’każijiet ta’ trasport multimodali fejn id-distanza koperta mill-mod ta’ trasport appoġġjat mill-għajnuna hija hawn taħt:

(i) 800 kilometru għat-trasport ferrovjarju;

---

([112]) Fir-rigward tal-forma tal-għajnuna, fil-prattika ta’ deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, il-Kummissjoni ma qajmitx oġġezzjonijiet għall-għajnuna fil-forma ta’ għotjiet diretti (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni *ex multis* tal-21 ta’ Mejju 2024 fil-każ SA.108800, il-Ġermanja, *Appoġġ għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (it-trasport ta’ tagħbija b’vagun wieħed u bi grupp ta’ vaguni)* (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Diċembru 2023 fil-każ SA.109142, Franza, *Aide à l'investissement pour la création d’un terminal multimodal marchandises (autoroute ferroviaire) à Bayonne-Mouguerre* (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU); u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Mejju 2023 fil-każ SA.104156, l-Italja, *l-inċentiv Sea Modal Shift* (ĠU C 203, 9.6.2023, p. 16).

([113]) L-istudju ta’ appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt dwar l-emenda tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat [Ricardo et al. (2023)].

(ii) 375 kilometru għat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni;

(iii)750 kilometru għat-trasport marittimu fuq distanzi qosra; u

b) f'każijiet ta' trasport unimodali fejn id-distanza koperta mill-mod ta' trasport appoġġjat mill-għajnuna hija hawn taħt:

(i) 350 kilometru għat-trasport ferrovjarju ([114]);

(ii) 375 kilometru għat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni.

97. Għal operazzjonijiet fis-settur tat-trasport tal-merkanzija lil hinn mid-distanzi speċifikati fil-punt 96, l-Istat Membru jeħtieġlu juri li mod ta' trasport konkorrenti li jniġġes aktar minn dak appoġġjat mill-għajnuna (eż. trasport bit-triq biss) huwa alternattiva kummerċjalment vijabbli għall-operazzjonijiet appoġġjati mill-għajnuna kif ukoll jistabbilixxi f'liema distanza l-mod ta' trasport konkorrenti li jniġġes aktar ma jsirx kompetittiv f'termini ta' spejjeż u għalhekk mhux kummerċjalment vijabbli għat-tip ta' operazzjonijiet appoġġjati.

98. It-tieni, fil-prinċipju, l-għajnuna ma tistax tingħata għat-trasport fuq rotot li stabbilew restrizzjonijiet ta' kapaċità li jipprevjenu ż-żieda jew iż-żamma tal-bidla modali. Din il-kundizzjoni għandha l-għan li tiżgura li l-prospetti taż-żamma jew taż-żieda tal-bidla modali jkunu realistiċi. Jekk l-Istat Membru jkollu l-ħsieb li jappoġġja t-trasport fuq rotot b'restrizzjonijiet tal-kapaċità stabbiliti, l-Istat Membru se jkollu jispjega liema miżuri oħra se jittieħdu biex jiġu eliminati jew jitnaqqsu dawk ir-restrizzjonijiet. Għall-iskemi ta' għajnuna, dan ifisser li l-Istat Membru jeħtieġlu jimpenja ruħu biex jiżgura li l-għajnuna ma tingħatax jekk ikun hemm restrizzjonijiet sinifikanti tal-kapaċità li jaffettwaw l-operazzjonijiet tat-trasport u fl-aħħar mill-aħħar jipprevjenu ż-żamma jew iż-żieda ta' bidla għal mod ta' trasport aktar sostenibbli. Jekk ikun hemm restrizzjonijiet reali jew mistennija fil-kapaċità, l-Istat Membru jenħtieġ li jiżgura li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet biex jeliminaw jew inaqqsu tali restrizzjonijiet sabiex tkun tista' tinkiseb il-bidla modali mistennija li tirriżulta mill-għajnuna.

99. It-tielet, l-impriżi ferrovjarji u l-passaġġi fuq l-ilma interni u l-operaturi tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra jeħtiġilhom jagħmlu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-għajnuna rċevuta disponibbli għall-pubbliku ([115]). Id-divulgazzjoni għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar il-miżuri disponibbli biex jitnaqqas id-distakk fil-kompetittività bejn modi tat-trasport sostenibbli fuq l-art u alternattivi konkorrenti li jniġġsu aktar u b'hekk tiżdied id-domanda għal servizzi tat-trasport sostenibbli fuq l-art li hija meħtieġa biex tiskatta bidla modali.

100. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tingħata biss għal servizzi sostenibbli tat-trasport fuq l-art li effettivament jiġu pprovduti, l-għajnuna jenħtieġ li tingħata fuq il-bażi

([114]) Dan il-limitu ma japplikax fil-każ ta' trasport ferrovjarju unimodali li huwa organizzat bħala operazzjonijiet b'vagun wieħed minħabba li dak it-tip ta' trasport ferrovjarju unimodali huwa anqas profittabbli mit-trasport bit-triq biss, irrispettivament mid-distanza koperta, minħabba l-ispejjeż tal-ġbir u l-aggregazzjoni tal-vaguni ta' klijenti differenti.

([115]) Inkluża, tal-anqas, l-informazzjoni li ġejja: l-awtorità tal-għoti, id-data tal-għoti tal-għajnuna, l-ammonti tal-għajnuna rċevuti, il-perjodu u l-operazzjonijiet koperti mill-għajnuna.

tal-unitajiet reali tas-servizz tat-trasport ipprovdut ([116]) u mhux fuq bażi ta' somma f'daqqa.

101. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv jekk l-Istat Membru jikkonforma mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 69, kif iċċarat fil-punti minn 97 sa 100.

Proporzjonalità

102. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 71, l-għajnuna tista' tilħaq sa 75 % tal-ispejjeż eliġibbli.

103. L-ispejjeż eliġibbli huma l-parti tal-ispejjeż esterni tat-trasport li jiġu evitati bl-użu unimodali jew multimodali tal-ferroviji u/jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni u/jew bl-użu tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra fil-kuntest tat-trasport multimodali sostenibbli meta mqabbel mal-modi tat-trasport konkorrenti li jniġġsu aktar (jiġifieri l-ispejjeż esterni evitati tat-trasport) ([117]). Meta jkun hemm diversi għażliet konkorrenti li jikkawżaw livelli ogħla ta' tniġġis, il-limitu jikkorrispondi mal-ogħla differenza fl-ispejjeż fost id-diversi għażliet.

104. L-Istat Membru jeħtieġlu jipprovdi analiżi komparattiva tal-ispejjeż esterni trasparenti, raġunata u kwantifikata bejn il-mod ta' trasport appoġġjat (trasport ferrovjarju, fuq passaġġi tal-ilma interni u/jew multimodali sostenibbli, inkluż mill-anqas taqsima waħda bil-ferroviji, fuq passaġġi tal-ilma interni jew bit-trasport marittimu fuq distanzi qosra) u l-għażla konkorrenti alternattiva li tniġġes aktar. Fil-prinċipju, l-Istat Membru jenħtieġ li jirreferi għall-*Manwal tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż esterni tat-trasport* ([118]), kif emendat jew sostitwit, biex iqabbel l-ispejjeż esterni bejn modi differenti tat-trasport, sakemm ma jippreżentax evidenza xierqa li tiġġustifika metodoloġija differenti għall-istima tal-ispejjeż esterni attwali. Il-metodoloġija użata u l-kalkoli li jsiru jridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni pubblika.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

105. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-Unjoni billi toħloq distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-għajnuna operatorja biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport trid tingħata f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 75 u 76.

106. Jenħtieġ li l-għajnuna, fil-prinċipju, tingħata fil-forma ta' skemi ta' għajnuna minħabba li x'aktarx ikollhom effett distortiv aktar limitat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri minn għajnuna *ad hoc*.

#### 4.2.1.2 Għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda

107. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu regoli speċifiċi dwar l-għajnuna għat-tnedija ta':

---

([116]) Pereżempju, il-passiġġieri-km għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri jew it-tunnellati-km jew il-vetturi-km għal servizzi tat-trasport tal-merkanzija, jew, b'mod aktar ġenerali, l-unità tal-produzzjoni tas-servizz tat-trasport.

([117]) L-Istati Membri jistgħu jużaw il-metodoloġija tal-ispejjeż esterni biex ikopru kwalunkwe spiża operatorja, inklużi l-ispejjeż operatorji relatati mal-użu tal-infrastruttura.

([118]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, Essen, H., Fiorello, D., El Beyrouty, K.et al., Handbook on the external costs of transport – Verżjoni 2019 – 1.1, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, https://data.europa.eu/doi/10.2832/51388.

a) konnessjonijiet kummerċjali ġodda tal-merkanzija bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni minn impriżi ferrovjarji u/jew organizzaturi tat-trasport li jaraw x'inhi d-domanda u jorganizzaw operazzjonijiet skedati tal-merkanzija bejn it-terminali tat-trasport;

b) konnessjonijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija kummerċjali ġodda minn impriżi ferrovjarji li jorganizzaw servizzi skedati tat-trasport tal-passiġġieri bejn terminali tat-trasport li jinsabu jew fi Stati Membri differenti ("servizzi tat-trasport tal-passiġġieri tal-ferrovija transfruntieri") jew aktar minn 400 kilometru minn xulxin ("servizzi ta' trasport ta' passiġġieri tal-ferrovija fuq distanzi twal").

108. Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti f'din it-taqsima u fit-Taqsima 4.1.

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport

109. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 66, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda tista' trawwem bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq l-art billi tiżgura li jkun hemm biżżejjed servizzi tat-trasport li jgħaqqdu t-terminali tat-trasport. L-istabbiliment ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda tal-merkanzija bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni kif ukoll ta' konnessjonijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija transfruntieri u/jew fuq distanzi twal ġodda huwa kruċjali għall-iżvilupp tat-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni u huwa essenzjali biex ikun jista' jsir trasport multimodali sostenibbli.

Ħtieġa tal-għajnuna

110. Fost l-objettivi tagħha, l-SSMS tinkludi l-iżvilupp tal-konnessjonijiet ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni ([119]). Fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija, l-użu sħiħ tat-trasport ferrovjarju jbati min-nuqqas ta' xi konnessjonijiet ewlenin bejn it-terminali tat-trasport, ([120]) u huma meħtieġa azzjonijiet biex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni ([121]), b'mod partikolari biex in-network Ewropew tal-passaġġi fuq l-ilma interni jkun konness kemm jista' jkun ma' modi oħra tat-trasport ([122]). Fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri, il-ferrovija ma tintużax sal-potenzjal sħiħ tagħha, speċjalment mhux bħala mezz ta' vjaġġar fuq distanzi twal u/jew transfruntier b'mod partikolari matul il-ħinijiet ta' billejl ([123]).

111. Sabiex jiġu żviluppati aktar il-konnessjonijiet ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, l-Istati Membri jista' jkollhom jagħtu għajnuna biex jappoġġjaw it-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda tal-merkanzija bil-ferrovija u tal-passaġġi fuq l-ilma interni kif ukoll ta' konnessjonijiet ġodda tal-passiġġieri tal-ferrovija transfruntieri u/jew fuq distanzi twal. Dan għaliex il-forzi tas-suq waħedhom mhux dejjem iwasslu biex l-operaturi tat-trasport u l-organizzaturi tat-trasport jinvestu f'konnessjonijiet ġodda bil-ferrovija jew fuq passaġġi tal-ilma interni peress li dawk il-konnessjonijiet jistgħu jkunu suxxettibbli għal fallimenti fil-koordinament. B'mod partikolari, l-operaturi jistgħu jġarrbu spejjeż fissi sinifikanti biex jibdew konnessjonijiet ġodda u dawk il-

([119]) Ara l-punti 33 u 42 tal-SSMS imsemmija fin-nota (20) f'qiegħ il-paġna
([120]) Ara l-punt 43 tal-SSMS imsemmi fin-nota (20) f'qiegħ il-paġna .
([121]) Ara l-punt 44 tal-SSMS imsemmi fin-nota (20) f'qiegħ il-paġna.
([122]) Ara n-nota (25) f'qiegħ il-paġna, il-punt 2.1.2.
([123]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, *Pjan ta' azzjoni biex tingħata spinta lit-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fit-tul u transfruntier*, COM(2021) 810 final, 14.12.2021.

konnessjonijiet jistgħu jsiru profittabbli biss jekk ikun hemm volum suffiċjenti ta' klijenti li jużawhom. Fin-nuqqas ta' tali volum minimu, l-operatur ma jkunx f'pożizzjoni li jagħmel profitti suffiċjenti sabiex jagħmel tajjeb għat-telf operatorju mġarrab fl-ewwel snin tal-operat tal-konnessjoni kummerċjali l-ġdida u, għalhekk, ma jiżviluppahiex. L-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda tista' tnaqqas l-ostaklu għad-dħul għat-tnedija ta' konnessjonijiet ġodda billi tnaqqas l-ammont ta' telf operatorju annwali mġarrab mill-operaturi tat-trasport u l-organizzaturi tat-trasport matul l-ewwel snin tal-operat tal-konnessjoni l-ġdida.

112. Wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 67, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda tal-merkanzija bil-ferrovija u tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-merkanzija u/jew konnessjonijiet ġodda tal-passiġġieri tal-ferrovija transfruntieri u/jew fuq distanzi twal tista' tkun meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, jekk timmira b'mod effettiv dak il-falliment tas-suq filwaqt li tqis kull politika u miżura oħra diġà fis-seħħ biex tindirizza l-istess falliment tas-suq. Bħala riżultat ta' dan, l-Istat Membru jrid jistabbilixxi li fil-mument tal-għoti tal-għajnuna, anke bl-appoġġ kollu fis-seħħ għat-trasport sostenibbli fuq l-art, l-ebda operatur ma jkun qed jippjana li jiżviluppa kummerċjalment il-konnessjoni kummerċjali l-ġdida inkwistjoni.

Adegwatezza tal-għajnuna

113. Id-domanda għal servizzi kummerċjali ġodda fl-ewwel snin tal-operat tista' ma tkunx biżżejjed biex tiżgura li dawk is-servizzi jsiru profittabbli. Għalhekk, f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda hija strument ([124]) xieraq biex jiġu appoġġjati l-impriżi ferrovjarji u/jew l-organizzaturi tat-trasport li jixtiequ jinvestu f'konnessjoni ġdida tal-merkanzija bil-ferrovija jew fuq passaġġi tal-ilma interni jew f'konnessjonijiet ġodda tal-passiġġieri tal-ferrovija transfruntieri u/jew fuq distanzi twal. Madankollu, l-għajnuna trid tkun limitata għal operazzjonijiet ta' appoġġ għal massimu ta' 5 snin mit-tnedija tal-konnessjoni l-ġdida (jiġifieri mid-data li fiha l-benefiċjarju jibda jopera l-konnessjoni l-ġdida).

L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna

114. L-għajnuna jenħtieġ li tinċentiva lill-operaturi tat-trasport u/jew lill-organizzaturi tat-trasport biex iniedu konnessjonijiet ġodda tal-merkanzija bil-ferrovija jew fuq passaġġi tal-ilma interni jew konnessjonijiet ġodda tal-passiġġieri tal-ferrovija transfruntieri u/jew fuq distanzi twal. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet ġodda għandha effett ta' inċentiv jekk il-benefiċjarju jkun applika għall-għajnuna bil-miktub qabel it-tnedija tal-konnessjonijiet kummerċjali l-ġodda. Iż-żmien tal-applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna huwa indikazzjoni siewja tax-xenarju kontrofattwali probabbli

([124]) Fir-rigward tal-forma tal-għajnuna, fil-prattika ta' deċiżjonijiet imgħoddija tagħha dwar l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, il-Kummissjoni ma qajmitx oġġezzjonijiet għall-għajnuna fil-forma ta' għotjiet diretti (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2011, fil-każ SA 31981, in-Netherlands, *Għajnuna tal-bidu għal servizzi ġodda tat-trasport ikkombinat ibbażati fuq in-network ferrovjarju b'żewġ ċentri* (ĠU C 361, 10.12.2011, p. 1). Fir-rigward speċifiku tal-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-għotjiet diretti jippermettu lill-impriżi ferrovjarji u lill-organizzaturi tat-trasport li jixtiequ jinvestu f'konnessjoni kummerċjali ġdida biex inaqqsu t-telf operatorju bil-quddiem tagħhom matul l-ewwel snin tal-operat tal-konnessjoni kummerċjali l-ġdida, u għalhekk itejbu l-profittabbiltà ta' dawk is-servizzi. Għal din ir-raġuni, fil-każ ta' għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda, l-għotjiet diretti jistgħu jkunu xierqa anki jekk jitħallsu bil-quddiem, dment li l-pagament bil-quddiem isir fuq bażi perjodika mill-anqas darba fis-sena (u mhux b'pagament wieħed bil-quddiem ta' darba li jkopri l-perjodu kollu li jista' jiġi ffinanzjat mill-għajnuna).

fin-nuqqas tal-għajnuna. Jekk impriża ma tibdiex topera l-konnessjoni l-ġdida qabel ma tapplika għall-għajnuna, dan jindika li x-xenarju kontrofattwali probabbli mingħajr għajnuna jkun in-nuqqas ta' konnessjoni ġdida minħabba li l-għajnuna hija meħtieġa minn dik l-impriża biex tkopri t-telf operatorju bil-quddiem biex tniedi l-konnessjoni kummerċjali l-ġdida.

115. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv jekk il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 69, kif iċċarat fil-punt 114, jiġu rrispettati u jkun hemm evidenza ta' telf operatorju mistenni.

Proporzjonalità

116. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 71, l-għajnuna għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda titqies proporzjonata jekk ma taqbiżx il-perċentwal li ġej tal-ispejjeż eliġibbli: 80 % fl-ewwel sena tal-operat tal-konnessjoni kummerċjali l-ġdida, 70 % fit-tieni sena, 60 % fit-tielet sena, 50 % fir-raba' sena u 40 % fil-ħames sena.

117. L-ispejjeż eliġibbli huma t-telf operatorju mġarrab fir-rigward tal-operazzjoni tal-konnessjoni l-ġdida, għal massimu ta' 5 snin mid-data meta l-benefiċjarju jibda jopera l-konnessjoni kkonċernata. Telf operatorju jfisser id-differenza negattiva bejn id-dħul u l-ispejjeż operatorji matul l-ewwel snin tal-operat tal-konnessjoni l-ġdida (sa 5 snin) ([125]).

118. L-ispejjeż allokati għall-konnessjoni kummerċjali ġdida jistgħu jkopru l-ispejjeż operatorji diretti kollha mġarrba fl-operat tal-konnessjoni kummerċjali ġdida u kontribuzzjoni xierqa għall-ispejjeż operatorji komuni kemm għall-konnessjoni kummerċjali ġdida kif ukoll għal attivitajiet oħra. Id-dħul li għandu jiġi kkunsidrat għandu jinkludi d-dħul kollu mill-konnessjoni kummerċjali ġdida.

119. Jekk l-għajnuna titħallas bil-quddiem, jenħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi addizzjonali li ġejjin:

a) it-telf operatorju jrid jiġi stmat *ex ante*, abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli;

b) it-telf operatorju jrid jiġi skontat għall-valur tiegħu fil-mument tal-għoti;

c) l-Istat Membru jeħtieġlu jistabbilixxi mekkaniżmu adegwat ta' monitoraġġ u rkupru biex jiżgura li l-għajnuna ma taqbiżx l-intensità tal-għajnuna permessa;

d) il-pagamenti bil-quddiem ma għandhomx ikopru perjodu ta' aktar minn sena.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

120. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-Unjoni billi toħloq distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-għajnuna operatorja għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda trid tingħata f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 75 u 76. Barra minn hekk, l-għajnuna jenħtieġ li tkun limitata biex tkopri l-ispejjeż imġarrba mill-benefiċjarju għal massimu ta' 5 snin mit-tnedija tal-konnessjoni kummerċjali l-ġdida.

([125]) Fl-interess taċ-ċarezza, dan jista' jinkludi wkoll spejjeż operatorji relatati ma' u qabel it-tnedija tal-konnessjoni l-ġdida. Dawk l-ispejjeż jistgħu jiġu kkunsidrati fil-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli relatati mal-ewwel sena tal-operat tal-konnessjoni kummerċjali ġdida.

121. L-għajnuna jenħtieġ li, fil-prinċipju, tingħata fil-forma ta' skemi ta' għajnuna minħabba li x'aktarx ikollhom effett distortiv aktar limitat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri minn għajnuna *ad hoc*.

### *4.2.2 Għajnuna għall-investiment*

#### 4.2.2.1 Għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet tat-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni unimodali u multimodali

122. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu regoli speċifiċi dwar l-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni (inkluż il-bdil) tal-faċilitajiet ferrovjarji, tal-faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tal-faċilitajiet tat-trasport multimodali bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni.

123. It-trasport multimodali juża wkoll faċilitajiet tat-trasport multimodali għat-trasport ikkombinat marittimu u bit-triq. Dawk il-faċilitajiet, meta jkunu jinsabu f'portijiet marittimi, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida jekk ikollhom ukoll konnessjonijiet ferrovjarji jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni u għalhekk jikkwalifikaw bħala faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni ([126]).

124. L-għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet ferrovjarji, faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni trid tiżgura li: (a) sit jista' jintuża bħala faċilità li tappoġġja bidla modali għall-ewwel darba (kostruzzjoni); (b) faċilità eżistenti kapaċi timmaniġġja aktar traffiku jew issir aktar attraenti għall-utenti, eż. billi timmaniġġja tip ta' traffiku li ma kienx immaniġġjat qabel (titjib); jew (c) faċilità li inkella tiffaċċja tnaqqis fl-attività mingħajr għajnuna tista' tkompli bl-operat tagħha (tiġdid).

125. Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ferrovjarji, tal-faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tal-faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti f'din it-taqsima u fit-Taqsima 4.1.

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport

126. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 66, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-kostruzzjoni, it-titjib u/jew it-tiġdid tal-faċilitajiet ferrovjarji, tal-faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tal-faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni tista' trawwem bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq l-art. L-għajnuna tista' tappoġġja investimenti f'faċilitajiet li jservu t-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni fuq bażi awtonoma jew flimkien ma' modi oħra tat-trasport ([127]). Disponibbiltà usa' ta' dawk il-faċilitajiet jew żieda fil-kapaċità, il-kwalità u/jew l-effiċjenza tagħhom hija prekundizzjoni għall-funzjonament xieraq tat-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni. Barra minn hekk, dan it-

---

([126]) Ara d-definizzjoni ta' "faċilità tat-trasport multimodali ferrovjarju u/jew fuq passaġġi tal-ilma interni" pprovduta fil-punt 54bb).

([127]) Minkejja n-nuqqas ta' informazzjoni komprensiva dwar it-trasport multimodali, il-faċilitajiet ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-UE, hemm indikazzjonijiet ċari ta' nuqqas ta' faċilitajiet adegwati, disponibbli u aċċessibbli għat-trasport sostenibbli fuq l-art. B'mod partikolari, huma meħtieġa investimenti fir-rigward tal-faċilitajiet ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-terminali multimodali tal-merkanzija.

titjib eventwalment se jwassal għal spejjeż aktar baxxi għall-kumpaniji tat-trasport u tal-loġistika li joperaw fis-setturi tat-trasport ferrovjarju, fuq passaġġi tal-ilma interni u multimodali u servizzi ta' kwalità ogħla.

Ħtieġa ta' għajnuna

127. L-istrateġija għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti indikat l-iskarsezza tal-infrastruttura tat-trażbord, b'mod partikolari t-terminali multimodali interni, u appellat għal investimenti biex jingħalqu l-lakuni fl-infrastruttura multimodali bl-ogħla prijorità ([128]). Id-disponibbiltà ta' biżżejjed faċilitajiet ferrovjarji adegwati, faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarji u fuq passaġġi tal-ilma interni hija kruċjali għall-katina tal-valur tat-trasport sostenibbli fuq l-art. B'mod partikolari, tali faċilitajiet jgħinu fl-iżvilupp tat-trasport multimodali bl-għan li l-modi kollha tat-trasport jiġu diretti flimkien permezz ta' terminali multimodali.

128. L-għajnuna għall-faċilitajiet ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni hija kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-trasport sostenibbli fuq l-art. Għajnuna bħal din tista' tgħin biex jinkiser iċ-ċirku vizzjuż tal-bidla modali u d-disponibbiltà tal-faċilitajiet. Minn naħa l-waħda, faċilitajiet adegwati huma prekundizzjoni għal kwalunkwe tkabbir fl-użu tat-trasport sostenibbli fuq l-art. Min-naħa l-oħra, hekk kif aktar utenti jiċċaqalqu lejn dawn il-modi tat-trasport, hemm bżonn faċilitajiet addizzjonali biex jappoġġjaw dan it-tkabbir. Madankollu, mingħajr l-għajnuna, l-inċentivi għall-operaturi privati ta' investimenti f'faċilitajiet infrastrutturali jistgħu ma jkunux biżżejjed. Dan għaliex ma jikkunsidrawx il-benefiċċji tat-tnaqqis tal-ispejjeż esterni li jirriżultaw minn bidla modali li saret possibbli mill-investiment. Barra minn hekk, l-għadd u l-kwalità tal-faċilitajiet ta' servizz jistgħu jieħdu ż-żmien biex jiġu aġġustati għaż-żieda fid-domanda għal trasport sostenibbli fuq l-art. L-appoġġ mill-Istat għall-faċilitajiet jista' għalhekk jikkontribwixxi għall-kisba tal-bidla modali mixtieqa b'mod aktar effettiv u mgħaġġel ([129]).

129. Wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 67, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-investimenti fil-faċilitajiet tista' tkun meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport fil-preżenza tal-falliment tas-suq imsemmi fil-punti 127 u 128. Dan l-appoġġ huwa ġġustifikat jekk il-kapaċità l-ġdida x'aktarx tintuża, u b'hekk jikkontribwixxi għaż-żieda fl-użu tat-trasport sostenibbli fuq l-art meta mqabbel ma' modi tat-trasport konkorrenti li jniġġsu aktar. Dan huwa l-każ meta Stat Membru juri, abbażi ta' previżjonijiet tat-traffiku sodi inklużi f'pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*, li t-talba potenzjali għall-kapaċità, tal-anqas fuq perjodu medju ta' żmien, taqbeż il-kapaċità kkombinata attwali tal-faċilità megħjuna u faċilitajiet oħra eżistenti jew diġà ppjanati li jistgħu jservu b'mod raġonevoli bħala alternattivi għal kwalunkwe talba futura tal-kapaċità tal-faċilità megħjuna.

Adegwatezza tal-għajnuna

130. L-iżvilupp ta' trasport sostenibbli fuq l-art huwa mxekkel mill-iskarsezza tal-faċilitajiet ferrovjarji, il-faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni fl-UE. Għalhekk, wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' dawn il-

([128]) Ara l-punt 42 tal-SSMS, imsemmi fin-nota (20) f'qiegħ il-paġna.

([129]) Minħabba ż-żmien konsiderevoli meħtieġ biex jinbnew, jiġu modernizzati jew rinnovati tali faċilitajiet (mill-bidu sat-tlestija), l-għajnuna tista' tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li d-disponibbiltà tagħhom tkun fi qbil sħiħ mal-espansjoni tat-trasport sostenibbli fuq l-art, b'mod partikolari minħabba l-urġenza tal-miri tal-Patt Ekoloġiku u tal-SSMS.

faċilitajiet, hija strument ([130]) xieraq li jakkumpanja bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq l-art.

L-effett ta’ inċentiv tal-għajnuna

131. L-għajnuna jenħtieġ li tinċentiva l-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni jew r-rinnovazzjoni ta’ faċilitajiet ferrovjarji, faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għandha effett ta’ inċentiv jekk il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 69 u 70 jiġu rrispettati u l-proġett megħjun ikollu spariġġ tal-likwidità fin-nuqqas ta’ għajnuna.

Proporzjonalità

132. F’konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti minn 71 sa 74, l-għajnuna għall-investiment fil-faċilitajiet ferrovjarji, fil-faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u fil-faċilitajiet tat-trasport multimodali ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni titqies bħala proporzjonata jekk l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx l-anqas ammont (a) mill-ispariġġ tal-likwidità tal-proġett meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas tal-għajnuna, u (b) mill-ispejjeż eliġibbli tal-investiment.

133. Biex jiġi kkalkulat l-ispariġġ tal-likwidità, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet tat-trasport iffinanzjati mill-proġett u l-attivitajiet mhux tat-trasport. Id-dħul rilevanti jinkludi mhux biss id-dħul iġġenerat mill-attivitajiet tat-trasport iffinanzjati mill-proġett iżda wkoll il-profitti netti operatorji gradwali ġġenerati minn attivitajiet mhux tat-trasport konnessi ma’ dawk l-attivitajiet tat-trasport (bħall-kiri ta’ spazji kummerċjali li jinsabu fil-faċilità ffinanzjata). L-ispejjeż rilevanti jinkludu kemm l-ispejjeż operatorji kif ukoll l-ispejjeż tal-investiment relatati mal-attivitajiet tat-trasport iffinanzjati mill-proġett. B’kuntrast ma’ dan, l-ispejjeż tal-investiment relatati ma’ attivitajiet mhux tat-trasport jenħtieġ li jiġu esklużi. Barra minn hekk, kwalunkwe miżura ta’ għajnuna mill-Istat eżistenti jew prevista, bħal għajnuna operatorja u/jew tip differenti ta’ għajnuna għall-investiment li taffettwa l-analiżi tal-ispariġġ tal-likwidità, jenħtieġ li titqies meta tiġi stmata d-domanda mistennija għall-faċilità.

134. L-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fi spejjeż tal-investiment f’assi tanġibbli (fissi u mobbli) u assi intanġibbli relatati direttament mal-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni jew r-rinnovazzjoni tal-faċilità rilevanti. L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu:

a) arranġamenti tas-superfiċje (pereżempju għall-ħżin), tagħmir fiss (bħal imħażen u binjiet ta’ terminali) u tagħmir terminali mobbli (bħal reach stackers) li jinsab fil-faċilità għall-forniment ta’ servizzi relatati mat-trasport;

b) studji preparatorji relatati, bħal studji ta’ fattibbiltà u studji topoloġiċi; u

c) l-ispejjeż tal-ippjanar u tal-installazzjoni.

([130]) Fir-rigward tal-forma tal-għajnuna, fil-prattika ta’ deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, il-Kummissjoni ma qajmitx oġġezzjonijiet għall-għajnuna fil-forma ta’ għotjiet diretti (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni *ex multis* tas-26 ta’ Marzu 2024 fil-każ SA.109124, il-Polonja, *RRF: Għajnuna għall-investiment għal faċilitajiet, tagħmir u materjali fuq ir-roti tat-trasport intermodali* (għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU); u Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta’ Frar 2022, fil-każ SA.64546, is-Slovakkja, *Workshops għall-manutenzjoni ħafifa tal-passiġġieri* (ĠU C 169, 22.4.2022, p. 1).
.

135. Għall-iskemi ta' għajnuna, l-Istati Membri jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-analiżi tal-ispariġġ tal-likwidità stabbilita fil-punti minn 71 sa 74 kif iċċarat fil-punti 133 u 134 għal kull proġett appoġġjat taħt l-iskema. Għal dak l-għan, fin-notifika tagħhom ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna ppjanata, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiddeskrivu mill-anqas il-kategoriji ta' proġetti megħjuna, il-kategoriji speċifiċi tal-ispejjeż eliġibbli aċċettati (bħall-ispejjeż tax-xiri ta' assi tanġibbli (fissi u mobbli) u intanġibbli), il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispariġġ tal-likwidità u d-WACC massima applikat.

136. Għal għajnuna *ad hoc,* l-ispariġġ tal-likwidità jiġi ddeterminat billi titqabbel il-profittabbiltà tal-proġett fix-xenarji fattwali u kontrofattwali skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti minn 72 sa 74 kif iċċarat fil-punt 133. L-Istati Membri jeħtiġilhom jippreżentaw il-kalkoli u l-projezzjonijiet imsemmija fil-punt 72 fil-pjan dettaljat tan-negozju tal-proġett.

137. Meta l-għajnuna tikkonċerna faċilitajiet li huma proposti u identifikati minn Stat Membru bil-quddiem, ma tkunx meħtieġa valutazzjoni tal-ispariġġ tal-likwidità jekk l-ammont ta' għajnuna jiġi ddeterminat permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tqis li l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-għajnuna minima mitluba minn benefiċjarji potenzjali, u għalhekk l-għajnuna titqies proporzjonata jekk jiġu ssodisfati l-kriterji kumulattivi ta' hawn taħt:

a) il-proċess ta' offerti huwa kompetittiv, li jfisser li huwa miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju ([131]). Huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi, stabbiliti minn qabel u f'konformità mal-għan tal-miżura u jimminimizza r-riskju ta' offerti strateġiċi. Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti u, fl-aħħar mill-aħħar, għall-allokazzjoni tal-għajnuna fil-proċess kompetittiv ta' offerti jenħtieġ li, bħala regola ġenerali, jorbtu l-kontribuzzjoni mal-objettivi ewlenin tal-miżura direttament jew indirettament mal-ammont ta' għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' kapaċità ta' trażbord maħluqa;

b) il-kriterji jiġu ppubblikati b'biżżejjed żmien qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet biex tkun tista' ssir kompetizzjoni effettiva;

c) l-għadd mistenni ta' offerenti jkun biżżejjed biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva;

d) aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti) jiġu evitati peress li jistgħu jdgħajfu l-effiċjenza tal-eżitu tal-proċess.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

138. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-Unjoni billi toħloq distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ferrovjarji, tal-faċilitajiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tal-faċilitajiet tat-trasport multimodali

([131]) Jenħtieġ li l-ebda offerent ma jkollu informazzjoni privileġġata jew vantaġġi oħra, pereżempju, minħabba li jkun żviluppa minn qabel jew ikun is-sid tas-sit tal-faċilità. F'każ bħal dan, l-Istat Membru jeħtieġlu jqiegħed din l-informazzjoni rilevanti għad-dispożizzjoni tal-offerenti potenzjali kollha.

ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni trid tingħata f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 75 u 76.

139. Barra minn hekk, għal kwalunkwe faċilità tat-trasport megħjuna, l-Istat Membru jrid juri li l-miżura ta' għajnuna tiżgura aċċess mhux diskriminatorju, miftuħ u trasparenti għall-faċilità lill-utenti interessati kollha f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali, inkluża d-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([132]).

140. Meta s-sid, l-operatur u l-utent finali mistenni tal-faċilità tat-trasport megħjuna jkunu parti mill-istess intrapriża jew ikunu intrapriżi assoċjati kif stabbilit fl-Anness I tar-REKT, l-operat tal-faċilità għandu jingħata abbażi ta' proċedura miftuħa, kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja ([133]). Dan jiżgura li l-operatur jirċievi rata ta' redditu f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq u jtaffi kull kunflitt ta' interess potenzjali.

141. Il-Kummissjoni tqis li l-iskemi ta' għajnuna x'aktarx li jkollhom effett distortiv aktar limitat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ mill-għajnuna *ad hoc*. Għal din ir-raġuni, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni se tqis l-elementi ta' hawn taħt.

a) Għall-iskemi, in-nuqqas ta' effetti negattivi mhux dovuti fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ jista' jiġi preżunt jekk ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn 138 sa 140. Barra minn hekk, l-Istat Membru, meta jinnotifika l-iskema, jenħtieġ ukoll li jimpenja ruħu li jivverifika, qabel ma jagħti għajnuna individwali lil faċilità, li l-faċilità megħjuna ma twassalx għal distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ ma' faċilitajiet eżistenti u/jew diġà ppjanati. Għal dak l-għan, l-Istat Membru jeħtieġlu jimpenja ruħu li jidentifika l-prospetti fuq perjodu medju għall-użu tal-faċilità megħjuna abbażi ta' previżjonijiet tat-traffiku sodi inkorporati fi pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*. L-Istat Membru jenħtieġ li jimpenja ruħu wkoll li jivverifika li l-investiment ma jkollux effetti distorsivi bla bżonn fuq l-użu ta' faċilitajiet eżistenti u/jew diġà ppjanati li jistgħu jservu b'mod raġonevoli bħala sostituti alternattivi għal kwalunkwe talba futura għall-kapaċità tal-faċilità megħjuna.

b) Għal għajnuna *ad hoc*, l-Istat Membru, minbarra li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn 138 sa 140, jeħtieġlu juri wkoll li l-faċilità megħjuna ma twassalx għal distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ ma' faċilitajiet eżistenti u/jew diġà ppjanati. Għal dak l-għan, l-Istat Membru jeħtieġlu jidentifika l-prospetti fuq terminu medju għall-użu tal-faċilità megħjuna abbażi ta' previżjonijiet tat-traffiku sodi inkorporati fi pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*. L-Istat Membru jrid juri wkoll li l-investiment mhux se jkollu effetti distorsivi bla bżonn fuq l-użu ta' faċilitajiet eżistenti u/jew diġà ppjanati li jistgħu jservu b'mod raġonevoli bħala alternattivi għal kwalunkwe talba futura għall-kapaċità tal-faċilità megħjuna ([134]). Fil-prinċipju, l-investiment megħjun ma jkollux effetti distorsivi bla bżonn jekk id-domanda mistennija tkun tali li l-faċilità l-ġdida ma tiddevjax id-domanda mill-faċilitajiet eżistenti u/jew diġà ppjanati. Fi kwalunkwe każ, minħabba l-istruttura diversa tas-suq f'oqsma, modi tat-trasport u faċilitajiet differenti, il-Kummissjoni se tivvaluta każ b'każ jekk kwalunkwe faċilità eżistenti u/jew diġà ppjanata tkunx affettwata bla bżonn. F'din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tqis, bħala l-aktar kriterji rilevanti, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-faċilitajiet fil-qrib, it-

([132]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

([133]) Impriżi li jikkostitwixxu intrapriżi assoċjati jitħallew jipparteċipaw fil-proċedura.

([134]) Fi kwalunkwe każ, dawk il-faċilitajiet jenħtieġ li jiġu identifikati wkoll biex tiġi vvalutata l-ħtieġa tal-għajnuna (ara l-punt 129).

tipi ta’ merkanzija, passiġġieri jew materjal fuq ir-roti ttrattati f’dawk il-faċilitajiet, it-teknoloġija applikata u l-vantaġġi ta’ post ġeografiku speċifiku.

#### 4.2.2.2 Għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta’ sidings privati

142. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu regoli speċifiċi għall-promozzjoni ta’ investimenti fil-kostruzzjoni, fil-modernizzazzjoni u/jew fir-rinnovazzjoni (inkluż il-bdil) ta’ sidings privati.

143. L-għajnuna għall-bini, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta’ sidings privati trid tiżgura li: (a) sit jista’ jintlaħaq għall-ewwel darba direttament permezz ta’ binarju ferrovjarju (kostruzzjoni); (b) aktar traffiku ferrovjarju jista’ jilħaq is-sit, jew it-traffiku ferrovjarju se jniġġes anqas permezz tal-elettrifikazzjoni tas-siding (il-modernizzazzjoni); jew (c) siding privat, li fin-nuqqas ta’ għajnuna kien jispiċċa ma jintużax, jista’ jkompli jopera (tiġdid).

144. Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta’ sidings privati trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta’ kompatibbiltà stabbiliti f’din it-taqsima u fit-Taqsima 4.1.

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport

145. Is-sidings privati għandhom rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-ħtieġa għat-trasport tal-merkanzija bit-triq għall-ewwel/għall-aħħar mil. Dan minħabba li l-merkanzija ttrasportata bl-użu ta’ modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art tista’ tilħaq jew titlaq mis-siti industrijali tal-klijent tagħha biss jekk tiġi trażbordata fuq trakkijiet għall-ewwel/għall-aħħar mil (trasport multimodali) jew jekk is-sit tal-klijent ikun konness direttament man-network ferrovjarju.

146. F’konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 66, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta’ sidings privati tista’ trawwem bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq l-art. Tista’ tagħmel dan billi tinċentiva t-taqsima ewlenija tal-operazzjoni tat-trasport ([135]) li għandha titwettaq bil-ferrovija u billi tippermetti li jiġu evitati l-ispejjeż esterni tat-trasport tal-ewwel/tal-aħħar mil b’modi tat-trasport li jniġġsu aktar billi t-trasport jiġi ttrasferit mit-triq għall-ferrovija.

Ħtieġa tal-għajnuna

147. Is-sidings privati huma essenzjali għal trasport sostenibbli tal-merkanzija tal-ewwel/tal-aħħar mil. Madankollu, kien hemm tnaqqis ġenerali fl-għadd ta’ sidings privati fl-UE ([136]). Dan it-tnaqqis huwa mistenni li jkompli fin-nuqqas ta’ inċentivi suffiċjenti għall-impriżi biex iġarrbu l-ispejjeż u r-riskji assoċjati mal-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta’ sidings privati. Fil-fatt, id-deċiżjoni li jinbena siding privat tista’ tiġi influwenzata minn diversi fatturi, bħall-volum u t-tip ta’ merkanzija ttrasportata, l-għadd ta’ impriżi tal-manifattura fir-reġjun jew il-livell tal-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja. Il-Kummissjoni tinnota li kwalunkwe wieħed minn dawk il-fatturi jista’ jiddiswadi

([135]) “Taqsima” hija parti ta’ vjaġġ li hija moqdija b’mod tat-trasport. Hija identifikata f’termini ta’ punt tal-oriġini u ta’ punt tad-destinazzjoni moqdijin mill-istess trasportatur. It-“taqsima prinċipali” hija l-itwal parti tal-vjaġġ rilevanti.

([136]) L-istudju ta’ appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ara n-nota (42) f’qiegħ il-paġna, it-taqsima 2.5.

impriża milli tinvesti fil-kostruzzjoni, fil-modernizzazzjoni u/jew fir-rinnovazzjoni ta' sidings privati.

148. Is-suq għandu t-tendenza li jkun prestabbilit għal soluzzjonijiet tat-trasport anqas għoljin – iżda anqas sostenibbli – biex il-merkanzija tiġi kkonsenjata f'siti industrijali jew tintbagħat minn hemmhekk ([137]). Għalhekk, wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 67, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' sidings privati hija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport.

Adegwatezza tal-għajnuna

149. L-iżvilupp tat-trasport ferrovjarju huwa mxekkel min-nuqqas ta' inċentivi suffiċjenti tas-suq biex l-impriżi jġarrbu l-ispejjeż u r-riskji assoċjati mal-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni tas-sidings privati. Għalhekk, wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' sidings privati hija strument ([138]) xieraq biex tiżdied bidla modali permezz ta' konnessjonijiet tal-ewwel/tal-aħħar mil permezz ta' sidings privati.

L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna

150. L-għajnuna jenħtieġ li tinċentiva l-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni ta' sidings privati. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv jekk il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 69 u 70 jiġu rrispettati u l-proġett megħjun ikollu spariġġ tal-likwidità fin-nuqqas tal-għajnuna.

Proporzjonalità

151. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti minn 71 sa 74, l-għajnuna għall-investiment f'sidings privati titqies bħala proporzjonata jekk l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx l-anqas ammont: (i) mill-ispariġġ tal-likwidità tal-proġett, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna ([139]) (li, fin-nuqqas ta' evidenza kuntrarja, huwa preżunt li huwa trasport bit-triq), u (ii) mill-ispejjeż eliġibbli tal-investiment.

152. L-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fi spejjeż ta' investiment f'assi tanġibbli (fissi u mobbli) u assi intanġibbli relatati direttament mal-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni tas-siding privat sabiex din issir operattiva jew tinżamm operattiva. L-

---

([137]) Meta tiddeċiedi li tinvesti f'siding privat, impriża trid tikkunsidra jekk għat-trasport tal-ewwel/l-aħħar mil minn/lejn is-sit tagħha tridx tuża t-trasport tal-merkanzija bit-triq jew bil-ferrovija permezz ta' siding privat. Tal-ewwel huwa anqas għoli sa ċerta skala u l-investiment fil-konnessjonijiet bit-triq jitwettaq u jitħallas mill-awtoritajiet pubbliċi. B'kuntrast ma' dan, għal dawn tal-aħħar, l-impriżi jġarrbu l-biċċa l-kbira tal-ispiża tal-kostruzzjoni (li spiss tinkludi studju ta' fattibbiltà li jqis it-topografija) u jħallsu għall-operat u l-manutenzjoni. Barra minn hekk, l-investiment għandu ħajja twila, li huwa riskju addizzjonali, peress li hemm okkorrenzi barra mill-kontroll tal-impriża li jistgħu jipprekludu l-użu futur tas-siding privat. Dan jista' pereżempju jkun il-każ jekk l-impriżi ferrovjarji jwaqqfu s-servizzi ta' konnessjoni rilevanti fiż-żona fejn tinsab l-impriża.

([138]) Fir-rigward tal-forma tal-għajnuna, fil-prattika ta' deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, il-Kummissjoni ma qajmitx oġġezzjonijiet għall-għajnuna fil-forma ta' għotjiet diretti (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2020 fil-każ SA.58570, il-Ġermanja, *Linji Gwida dwar il-kostruzzjoni, l-estensjoni, ir-riattivazzjoni u s-sostituzzjoni tas-sidings ferrovjarji u l-infrastruttura relatata* (ĠU C 25, 22.1.2021, p. 1).

([139]) Għall-analiżi tal-ispariġġ tal-likwidità, kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat eżistenti jew prevista, bħal għajnuna operatorja u/jew tipi oħra ta' għajnuna għall-investiment, jenħtieġ li titqies biex jiġi stmat l-ispariġġ tal-likwidità.

ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu studji preparatorji relatati, bħal studji ta' fattibbiltà u topoloġiċi, u spejjeż tal-ippjanar u tal-installazzjoni. Il-pjattaformi u t-tagħmir tat-tagħbija/tal-ħatt użati għat-tagħbija/l-ħatt tal-ferroviji fuq is-sit tal-utent(i) dedikat(i) ma jistgħux jiġu inklużi fl-ispejjeż eliġibbli.

153. Għall-iskemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jenħtieġ li jimpenja ruħu li jwettaq l-analiżi tal-ispariġġ tal-likwidità stabbilit fil-punti minn 71 sa 74 għal kull proġett appoġġjat taħt l-iskema. Għal dak l-għan, fin-notifika tiegħu ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna ppjanata, l-Istat Membru jeħtieġlu jiddeskrivi mill-anqas il-kategoriji ta' proġetti megħjuna, il-kategoriji speċifiċi tal-ispejjeż eliġibbli aċċettati (bħall-ispejjeż tax-xiri ta' assi tanġibbli (fissi u mobbli) u intanġibbli), il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispariġġ tal-likwidità u d-WACC massima li għandha tiġi applikata.

154. Għall-għajnuna *ad hoc* ([140]), f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti minn 71 sa 74, l-Istat Membru jeħtieġlu dejjem: (a) jipprovdi kwantifikazzjoni dettaljata tal-ispariġġ tal-likwidità fil-livell tal-proġett, sostanzjata b'dokumentazzjoni interna tal-benefiċjarju kontemporanju għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, pereżempju, preżentazzjonijiet tal-bord jew pjanijiet tan-negozju interni; u (b) japplika monitoraġġ adegwat u mekkaniżmu ta' rkupru *ex post* biex jiġi żgurat li l-għajnuna ma taqbiżx il-limiti stabbiliti fil-punt 151.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

155. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-Unjoni billi toħloq distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' sidings privati trid tingħata f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 75 u 76.

156. Fil-prinċipju, l-għajnuna jenħtieġ li tingħata fil-forma ta' skemi ta' għajnuna minħabba li x'aktarx ikollhom effett distortiv aktar limitat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ minn għajnuna *ad hoc*.

157. F'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' ssib li għajnuna *ad hoc* lil sidings privati ma twassalx għal distorsjoni bla bżonn fil-kompetizzjoni u l-kummerċ. Bħala parti mill-ġustifikazzjoni ta' każ eċċezzjonali, Stat Membru jeħtieġlu tal-anqas jipprovdi dawn it-tnejn li ġejjin:

a) il-kalkoli li juru tnaqqis ogħla b'mod sinifikanti fl-ispejjeż esterni għal kull unità ta' għajnuna permezz tal-għajnuna *ad hoc* milli taħt skema ta' għajnuna, akkumpanjati minn spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għal tali tnaqqis fl-ispiża esterna, filwaqt li jiġu pprovduti s-sorsi għad-*data* u s-suppożizzjonijiet sottostanti kollha;

b) dimostrazzjoni, appoġġjata minn dokumenti bħal studji u rapporti settorjali, li falliment partikolari tas-suq jaffettwa lill-benefiċjarju magħżul iżda ma jaffettwa xejn jew jaffettwa biss b'mod ħafna aktar limitat lil impriżi oħra fl-Istat Membru.

([140]) F'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, fejn għajnuna *ad hoc* għal siding privat tista' titqies kompatibbli mas-suq intern f'konformità mal-punt 157.

#### 4.2.2.3 Għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni

158. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu regoli speċifiċi dwar l-għajnuna biex jiġu appoġġjati l-investimenti għall-akkwist ta' vetturi (ġodda jew użati) għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni biex titrawwem il-bidla modali lejn it-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni.

159. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tingħata lill-operaturi li jeħtiġuha l-aktar biex jistabbilixxu ruħhom fis-suq, l-għajnuna taħt din it-taqsima tista' tingħata biss lil entranti ġodda fis-settur ferrovjarju ([141]), lill-impriżi ferrovjarji li jikkwalifikaw bħala SMEs, lill-SMEs fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni u lill-operaturi tal-kiri fis-setturi ferrovjarji u/jew tal-passaġġi fuq l-ilma interni sakemm jikkwalifikaw bħala SMEs.

160. L-għajnuna trid tingħata fil-forma ta' garanzija pubblika. Il-garanziji jistgħu jiġu pprovduti direttament lill-benefiċjarji finali (jiġifieri l-operaturi msemmija fil-punt 159) jew lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lil istituzzjonijiet finanzjarji oħra bħala intermedjarji finanzjarji (sakemm il-benefiċjarju jżomm l-għażla libera tal-intermedjarju finanzjarju). L-intermedjarju finanzjarju jrid ikun kapaċi juri lill-Istat Membru rilevanti li huwa jopera mekkaniżmu li jiżgura li l-vantaġġi jiġu mgħoddija kemm jista' jkun lill-benefiċjarji finali fil-forma ta' volumi ogħla ta' finanzjament, portafolli aktar riskjużi, rekwiżiti ta' kollateral aktar baxxi, jew rati tal-imgħax aktar baxxi milli mingħajr tali garanziji pubbliċi.

161. Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti f'din it-taqsima u fit-Taqsima 4.1.

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport

162. Kif imsemmi fil-punti 21 u 32, kemm is-settur ferrovjarju kif ukoll is-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni jbatu minn livell baxx ta' investiment fil-vetturi, li jxekkel l-iżvilupp sħiħ ta' dawk is-setturi. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 66, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni tista' trawwem bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq l-art billi tagħti lill-SMEs u lil entranti ġodda fis-settur ferrovjarju aċċess aktar affordabbli għall-finanzjament biex jakkwistaw vetturi.

163. Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi nodfa (għal materjal fuq ir-roti u bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni) skont il-*Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022* ([142]).

Ħtieġa tal-għajnuna

164. Hemm bżonn flotot adegwati biex it-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni jinżamm kompetittiv ma' modi oħra tat-trasport u b'hekk tiġi promossa l-bidla għal modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art. Madankollu l-aċċess għall-finanzjament għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni bħalissa huwa l-

([141]) Fl-interess taċ-ċarezza, entranti ġodda fis-settur ferrovjarju jistgħu jkunu eliġibbli għal għajnuna għall-akkwist ta' materjal fuq ir-roti anki jekk ma jikkwalifikawx bħala SMEs.
([142]) Ara n-nota (71) f'qiegħ il-paġna.

ostaklu ewlieni għad-dħul fis-suq u/jew l-espansjoni għall-SMEs fis-setturi tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni u għal entranti ġodda fis-settur ferrovjarju.

165. Fir-rigward tat-trasport ferrovjarju, ir-restrizzjonijiet għall-kapaċità tal-impriżi ferrovjarji li jixtru materjal fuq ir-roti huma prinċipalment finanzjarji u l-SMEs b'mod partikolari jista' ma jkollhomx aċċess għal kreditu fuq termini kompetittivi ([143]). Dan minħabba li l-SMEs u l-entranti ġodda jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' finanzjament agħar meta mqabbla ma' dawk disponibbli għall-operaturi stabbiliti, li jibbenefikaw mill-pożizzjoni tagħhom fis-suq u, b'mod partikolari meta jkunu proprjetà pubblika, u jistgħu aktar faċilment juru l-affidabbiltà kreditizja tagħhom lill-investituri u l-banek. Bl-istess mod, is-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni jbati mill-kapaċità finanzjarja limitata tiegħu minħabba l-fatt li s-settur jikkonsisti l-aktar minn SMEs u negozji tal-familja, li jagħmilha diffiċli għalihom biex jinvolvu ruħhom f'investimenti għoljin ([144]). F'dak il-kuntest, l-ispiża dejjem akbar tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ([145]) tirrappreżenta ostaklu sinifikanti għad-dħul u/jew l-espansjonijiet fis-suq tat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni, speċjalment minħabba l-ħtieġa għal bastimenti speċjalizzati għal tipi differenti ta' merkanzija u rotot ([146]).

166. Wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 67, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-akkwist ta' materjal fuq ir-roti u bastimenti hija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport. Dan minħabba li s-suq waħdu ma jistax jiżgura li l-SMEs fis-setturi tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni u entranti ġodda fis-settur ferrovjarju jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjament għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni.

Adegwatezza tal-għajnuna

167. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni tista', fil-prinċipju, tkun strument xieraq jekk tieħu l-forma ta' garanziji pubbliċi. Il-garanziji pubbliċi fuq is-self għal perjodu limitat huma l-aktar strument ta' għajnuna xieraq biex jiġu restawrati l-kundizzjonijiet ekwi bejn l-SMEs u entranti ġodda, minn naħa l-waħda, u l-operaturi stabbiliti l-kbar, min-naħa l-oħra, f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-finanzjament għall-akkwist ta' vetturi. Tali garanziji huma maħsuba biex jippermettu lill-benefiċjarji tagħhom igawdu kundizzjonijiet ta' kreditu fis-suq aktar simili għal dawk li normalment igawdu minnhom l-operaturi stabbiliti.

168. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni fil-forma ta' garanziji pubbliċi hija xierqa biex tgħin lill-SMEs u entranti ġodda fis-settur ferrovjarju jiffinanzjaw l-ispiża għolja tax-

---

([143]) L-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ara n-nota (42) f'qiegħ il-paġna, it-taqsima 4.3.2.

([144]) Ara n-nota (58) f'qiegħ il-paġna.

([145]) Bħala riżultat tat-tendenzi inflazzjonarji, il-prezzijiet tal-azzar u l-prezzijiet għal materjali oħra li huma meħtieġa fil-bini tal-bastimenti żdiedu b'mod qawwi matul dawn l-aħħar snin. Sors: Osservazzjoni tas-Suq tas-CCNR [Rapport annwali 2023, 109].

([146]) Il-flotta tal-passaġġi fuq l-ilma interni tikkonsisti fi tliet kategoriji ewlenin ta' bastimenti skont it-tip ta' merkanzija trasportata: bastimenti tal-merkanzija xotta, bastimenti tal-merkanzija likwida u dgħajjes tal-irmonk u li jimbuttaw. Kull kategorija tinkludi tipi differenti ta' bastimenti skont il-klassi tal-passaġġi fuq l-ilma u l-kundizzjonijiet tat-tbaħħir. Sors: Osservazzjoni tas-Suq tas-CCNR, ara n-nota (145) f'qiegħ il-paġna.

xiri ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni jekk jiġu rrispettati l-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, kif iċċarat fil-punt 167.

L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna

169. L-għajnuna jenħtieġ li tinċentiva l-akkwist ta' vetturi ġodda jew użati għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv jekk il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 69 u 70 jiġu rrispettati.

Proporzjonalità

170. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti minn 71 sa 74, l-għajnuna fil-forma ta' garanziji pubbliċi għall-akkwist ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni minn SMEs u ta' materjal fuq ir-roti minn SMEs u/jew entranti ġodda fis-settur ferrovjarju tista' titqies trasparenti u proporzjonata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi ta' hawn taħt:

a) Il-garanzija hija pprovduta fuq self individwali ġdid għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni.

b) L-ammont nominali tas-self sottostanti ma jaqbiżx l-ispejjeż eliġibbli tal-akkwist megħjun, li jinkludi l-ispejjeż kollha marbuta mal-akkwist ta' vetturi ġodda jew użati għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni, inkluż il-prezz tal-vettura, l-ispejjeż tal-konsenja, u l-ispejjeż tal-istudji tad-disinn, il-konsultazzjoni jew l-inġinerija, dment li dawn ikunu marbuta mal-investiment u jagħmlu parti minnu.

c) Il-kopertura tal-garanzija ma taqbiżx id-90 % tas-self sottostanti.

d) Il-garanzija tingħata b'tariffa ta' mill-anqas 50 punt bażi jekk il-klassifikazzjoni sovrana tal-Istat Membru tal-għoti tkun ugwali għal AAA-A. Inkella l-Istati Membri huma liberi li japplikaw tariffa aktar baxxa.

e) It-tul ta' żmien tal-garanzija huwa limitat għal massimu ta' 15-il sena.

171. L-għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna għall-interoperabbiltà u/jew għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni jekk l-ispejjeż żejda netti għall-investimenti fl-interoperabbiltà u/jew l-investimenti ta' adattament tekniku u l-modernizzazzjoni jkunu esklużi mill-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fil-punt 170(b)). L-ispejjeż żejda netti għall-investimenti fl-interoperabbiltà u/jew l-investimenti ta' adattament u modernizzazzjoni tekniċi huma kkalkulati bħala d-differenza bejn, minn naħa l-waħda, l-ispiża totali tax-xiri tal-vettura ppjanata li tiġi akkwistata u li hija mgħammra b'tali investimenti, u min-naħa l-oħra l-ispiża totali tax-xiri fix-xenarju kontrofattwali, jiġifieri ta' vettura li mhijiex mgħammra b'investimenti fl-interoperabbiltà jew li teħtieġ adattament tekniku u modernizzazzjoni.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

172. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-Unjoni billi toħloq distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni trid tingħata f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 75 u 76.

173. L-għajnuna jenħtieġ li, fil-prinċipju, tingħata fil-forma ta' skemi ta' għajnuna minħabba li x'aktarx ikollhom effett distortiv aktar limitat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri minn għajnuna *ad hoc*.

174. Meta l-għajnuna tikkonċerna l-akkwist ta' materjal fuq ir-roti użat għall-forniment ta' servizzi pubbliċi fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li:

a) il-materjal fuq ir-roti ffinanzjat pubblikament jintuża biss fuq linji speċifiċi moqdija taħt obbligi ta' servizz pubbliku, jew f'reġjuni speċifiċi jew għat-tul tal-kuntratt ta' servizz pubbliku jew mill-anqas għal 10 snin (skont liema jkun l-itwal);

b) f'każ ta' trasferiment tal-kuntratt għal servizz pubbliku lil operatur ieħor, il-materjal fuq ir-roti ffinanzjat pubblikament jiġi ttrasferit lill-operatur il-ġdid bil-prezz tas-suq filwaqt li jitqies kwalunkwe finanzjament pubbliku rċevut mill-operatur li jkun se jispiċċa għax-xiri ta' dak il-materjal fuq ir-roti.

#### 4.2.2.4 Għajnuna għall-interoperabbiltà

175. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu regoli speċifiċi dwar l-għajnuna maħsuba biex tippromwovi investimenti f'teknoloġiji li jiżguraw flussi tat-traffiku mingħajr interruzzjoni ta' merkanzija u passiġġieri bejn in-networks nazzjonali u l-modi tat-trasport ("għajnuna għall-interoperabbiltà").

176. L-għajnuna għall-interoperabbiltà tista' tappoġġja investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, inklużi studji ta' fattibbiltà ([147]), li jikkontribwixxu għal flussi tat-traffiku bla waqfien ("investimenti fl-interoperabbiltà"). L-investimenti fl-interoperabbiltà jistgħu jikkonċernaw, b'mod partikolari, it-teknoloġiji u l-attivitajiet li ġejjin:

a) Is-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji (ETCS, European Train Control System), is-Sistema ta' Komunikazzjoni Mobbli Ferrovjarja Futura (FRMCS, Future Railway Mobile Communication System) u t-Tħaddim Awtomatiku tal-Ferroviji (ATO, Automated Train Operation) bħala parti mis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS, European Railway Traffic Management System) kif deskritt fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni ([148]);

([147]) Studji li għandhom l-għan li jivvalutaw il-fattibbiltà ta' bidla modali jew ta' trasport multimodali sostenibbli għall-merkanzija jew għall-passiġġieri fuq rotot li għalihom impriża attwalment tirrikorri għat-trasport bit-triq.

([148]) L-ERTMS hija sistema unika Ewropea ta' senjalazzjoni u ta' kontroll tal-veloċità li tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistemi ferrovjarji nazzjonali, tnaqqas l-ispejjeż tax-xiri u tal-manutenzjoni tas-sistemi ta' senjalar u żżid il-veloċità tal-ferroviji, il-kapaċità tal-infrastruttura u l-livell ta' sikurezza fit-trasport ferrovjarju. L-ERTMS hija magħmula mill-ETCS (jiġifieri sistema ta' senjalazzjoni tal-kabina li tinkorpora l-protezzjoni awtomatika tal-ferrovija), ir-Radju Mobbli Ferrovjarju (RMR, Railway Mobile Radio), it-Tħaddim Awtomatizzat tal-Ferroviji (ATO) u r-regoli operatorji. Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1695 tal-10 ta' Awwissu 2023 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistemi tal-kontroll-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2016/919 (ĠU L 222, 8.9.2023, p. 380). Is-sistema tal-RMR li bħalissa tintuża għall-operazzjonijiet ferrovjarji, jiġifieri s-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli – il-Ferroviji (GSM-R, Global System for Mobile Communications – Rail), hija bbażata fuq speċifikazzjonijiet li ġew iffinalizzati 20 sena ilu. Minħabba teknoloġiji li jkunu qed joħorġu mill-użu, l-appoġġ industrijali għall-GSM-R x'aktarx li ma jiġix iggarantit wisq wara l-2030. L-FRMCS se tieħu post il-GSM-R bħala waħda mill-partijiet essenzjali tal-ERTMS. Din se tappoġġja d-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji u l-innovazzjoni tas-servizzi. [*Għandha tiddaħħal referenza għal-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti tal-UE ladarba tiġi adottata*]

b) akkoppjament awtomatiku diġitali (DAC, digital automatic coupling) ([149]);

c) l-adattament tal-materjal fuq ir-roti għal sistemi elettriċi differenti;

d) l-adattament tal-materjal fuq ir-roti għal gauges tal-binarji differenti;

e) l-adattament tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni biex iservu l-portijiet tal-baħar;

f) l-adattament tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni għall-kundizzjonijiet ta' navigabbiltà li jinbidlu, inklużi l-kundizzjonijiet baxxi tal-ilma;

g) l-awtomatizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti u tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni;

h) l-adattament tal-vetturi għat-trasport tal-ILUs;

i) it-teknoloġiji ewlenin meħtieġa biex jiġu implimentati s-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS, river information services), bħall-pjattaforma tas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar ("il-Pjattaforma RIS") ([150]), is-Sistema tad-Displej tal-Mapep Elettroniċi u tal-Informazzjoni (ECDIS Interna, electronic chart display and information system), l-avviżi lill-kaptani, is-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika għan-Navigazzjoni Interna (AIS Interna, Inland Automatic Identification System) u r-Rappurtaġġ Elettroniku Internazzjonali (ERI, Electronic Reporting International);

j) applikazzjonijiet telematiċi u software ieħor sa fejn dawn jikkontribwixxu għal flussi tat-traffiku mingħajr interruzzjoni, b'mod partikolari sistemi ta' identifikazzjoni, traċċar u traċċabbiltà intermodali, u pjattaformi intermodali għall-iskambju tad-*data*.

177. Għal mill-anqas ħames snin wara li tingħata l-għajnuna, l-arranġamenti kuntrattwali għat-trasferiment jew l-użu b'pagamenti ta' assi ffinanzjati b'għajnuna għall-interoperabbiltà ([151]) jridu jinkludu klawżola li tispeċifika li l-investiment li jiżgura l-interoperabbiltà tal-assi kkonċernat kien iffinanzjat bl-għajnuna mill-Istat. Iridu jissemmew ukoll l-obbligi korrispondenti stabbiliti fil-punt 193 u jindikaw l-ammont tal-għajnuna.

178. Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għall-interoperabbiltà trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti f'din it-taqsima u fit-Taqsima 4.1.

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport

179. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 66, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-interoperabbiltà tista' trawwem bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq

---

([149]) Id-DAC huwa komponent interoperabbli biex awtomatikament jiġi akkoppjat u diżakkoppjat il-materjal fuq ir-roti f'ferroviji tal-merkanzija kemm fiżikament (eż. konnessjoni mekkanika u linja tal-arja għall-ibbrejkjar) kif ukoll b'mod diġitali (eż. potenza elettrika u konnessjoni tad-*data*). Id-DAC huwa faċilitatur għall-ħolqien ta' trasport ferrovjarju tal-merkanzija Ewropew modern u diġitali. Huwa maħsub biex iżid l-effiċjenza bis-saħħa tal-proċessi ta' awtomatizzazzjoni, iżda wkoll biex jiżgura provvista suffiċjenti tal-enerġija għall-applikazzjonijiet telematiċi, kif ukoll komunikazzjoni sikura tad-*data* fil-ferrovija kollha. [*Għandha tiddaħħal referenza għal-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti tal-UE ladarba tiġi adottata*]

([150]) L-Artikolu 1(3), il-punt (hh), tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/44/KE dwar is-Servizzi Armonizzati tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità COM(2024) 33 final, 26.1.2024.

([151]) Bħal kuntratti ta' kiri ta' materjal fuq ir-roti.

l-art billi tiżgura flussi tat-traffiku bla waqfien tal-passiġġieri u tal-merkanzija bejn in-networks tal-Istati Membri u bejn modi differenti tat-trasport. L-interkonnessjoni bla xkiel tan-networks u l-modi tat-trasport madwar l-UE tippermetti: (a) trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni biex jakkomoda t-tkabbir tat-traffiku mixtieq mill-SSMS billi jottimizza l-użu tal-kapaċità limitata tal-infrastrutturi tat-trasport ferrovjarju u fuq passaġġi tal-ilma interni; (b) it-trasport multimodali biex verament jikkompeti mal-modi tat-trasport unimodali li jniġġsu peress li jippermetti integrazzjoni bla xkiel tal-ktajjen tat-trasport u s-sinerġiji bejn modi differenti tat-trasport f'termini ta' infrastruttura, flussi ta' informazzjoni u proċeduri; u (c) it-tkabbir tat-traffiku tansfruntier.

Ħtieġa tal-għajnuna

180. Il-Kummissjoni tinnota li l-installazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-interoperabbiltà għandhom rwol sinifikanti fl-iżvilupp ta' modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art. Madankollu, huwa proċess għoli b'aktar benefiċċji pubbliċi meta mqabbel mal-benefiċċji privati għall-impriżi, b'mod partikolari fil-fażi inizjali tal-introduzzjoni. Għalhekk ftit hemm inċentivi għall-investiment privat. Dan jista' jkun dovut, b'mod partikolari, għal: (a) it-tnedija wiesgħa meħtieġa qabel ma jimmaterjalizzaw il-benefiċċji ta' ċerti teknoloġiji ("żvantaġġ ta' min jaġixxi l-ewwel") ([152]); (b) il-ħtieġa għal investimenti paralleli minn atturi differenti (eż. il-maniġer tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji) u fil-livell transfruntier; u (c) il-benefiċċji privati limitati li jirriżultaw mill-investimenti meta mqabbla mal-benefiċċji pubbliċi (eż. is-sikurezza).

181. Wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 67, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-interoperabbiltà hija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport. Dan għaliex is-suq waħdu ma jistax jintroduċi biżżejjed teknoloġiji li jikkontribwixxu għal flussi tat-traffiku mingħajr interruzzjoni ([153]).

Adegwatezza tal-għajnuna

182. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-interoperabbiltà fil-prinċipju tista' tkun strument xieraq ([154]) għall-promozzjoni ta' teknoloġiji li jippermettu flussi tat-traffiku mingħajr interruzzjoni ta' merkanzija u/jew passiġġieri bejn networks nazzjonali u/jew modi tat-trasport, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' miżuri regolatorji li jobbligaw l-introduzzjoni tal-istess teknoloġiji. L-għajnuna għall-interoperabbiltà mhijiex xierqa meta jkun hemm miżuri

([152]) Il-biċċa l-kbira tat-teknoloġiji u l-attivitajiet imsemmija fil-punt 176 huma kkaratterizzati mill-fatt li l-benefiċċji tagħhom jistgħu jinkisbu bis-sħiħ biss jekk jintlaħaq livell kritiku ta' introduzzjoni sinkronizzata. Minħabba l-ispejjeż għoljin tal-investiment bil-quddiem, l-ispejjeż diretti bħalissa huma ogħla għall-operaturi mill-iffrankar li sar mit-tranżizzjoni għal dawn it-teknoloġiji.

([153]) L-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ara n-nota (42) f'qiegħ il-paġna, taqsima 4.5.4.

([154]) Fir-rigward tal-forma tal-għajnuna, fil-prattika ta' deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, il-Kummissjoni ma qajmitx oġġezzjonijiet għall-għajnuna fil-forma ta' għotjiet diretti (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni *ex multis* tas-26 ta' Mejju 2023 fil-każ SA.102707, l-Italja, *Skema Taljana biex tappoġġja t-titjib tal-materjal fuq ir-roti b'tagħmir bl-ERTMS* (ĠU C 266, 28.7.2023, p. 4); u Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2019 fil-każ SA.55451, l-Olanda, *Appoġġ għall-aġġornament tal-ERTMS* (ĠU C 59, 21.2.2020, p. 1). L-għajnuna fil-forma ta' għotjiet diretti tippermetti lill-benefiċjarji jnaqqsu l-ispejjeż tal-investiment bil-quddiem tagħhom (l-ispejjeż tal-prototipi, it-telf tad-dħul matul l-immobilizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, l-investiment fl-interoperabbiltà nnifisha) li f'kundizzjonijiet normali tas-suq huma diffiċli li jiġu rkuprati, b'mod partikolari meta l-investiment isir profittabbli biss soġġett għal introduzzjoni wiesgħa ta' dawn it-teknoloġiji, li tista' tieħu żmien itwal mill-ħajja tal-assi.

regolatorji fis-seħħ li jirrikjedu l-introduzzjoni tal-istess teknoloġiji fi żmien simili għal dak ippjanat li jinkiseb bl-użu ta' tali għajnuna.

L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna

183. L-għajnuna jenħtieġ li tinċentiva investimenti f'teknoloġiji li jiżguraw flussi tat-traffiku bla waqfien ta' merkanzija u passiġġieri bejn networks nazzjonali differenti u modi differenti tat-trasport. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 69 u 70, sabiex l-għajnuna għall-interoperabbiltà jkollha effett ta' inċentiv, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi ta' hawn taħt:

a) il-benefiċjarju jkun applika għall-għajnuna qabel il-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment;

b) ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment jenħtieġ li jiġu ffinalizzati mill-anqas sena (1) qabel id-data li fiha l-investiment appoġġjat isir obbligatorju fil-livell tal-UE.

184. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv jekk ikun hemm konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 69 u 70, kif iċċarat fil-punt 183. L-għajnuna mogħtija biex tkopri l-ispejjeż tal-konformità mal-istandards tal-UE, fil-prinċipju, ma għandha l-ebda effett ta' inċentiv.

Proporzjonalità

185. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti minn 71 sa 74, fil-prinċipju, l-għajnuna tista' titqies proporzjonata jekk ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

186. L-ispejjeż eliġibbli huma:

a) l-ispejjeż kollha meħtieġa jew anċillari għall-implimentazzjoni tal-investimenti tal-interoperabbiltà; skont it-tip ta' investiment, tali spejjeż jistgħu jinkludu l-ispejjeż għax-xiri u l-installazzjoni tat-teknoloġija rilevanti ([155]), l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-proġett u l-ispejjeż tal-konsenja ([156]);

b) spejjeż relatati ma' studji, ittestjar u approvazzjoni, u installazzjonijiet pilota u prototipi; u

c) spejjeż relatati mal-modernizzazzjoni ta' teknoloġija installata qabel.

187. Fir-rigward tal-investimenti fl-interoperabbiltà relatati mal-ERTMS kif definit fil-punt 176(a), (l-ispejjeż relatati mal-integrazzjoni tal-funzjonijiet tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea (GNSS, European Global Navigation Satellite System)) fi ħdan l-ERTMS huma eliġibbli għall-appoġġ. L-ispejjeż relatati mal-GSM-R mhumiex eliġibbli għall-appoġġ.

188. Fir-rigward tal-investimenti fl-interoperabbiltà f'vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni li l-akkwist tagħhom huwa ppjanat, l-ispejjeż eliġibbli jridu jkunu limitati għall-ispejjeż żejda netti għall-interoperabbiltà ([157]). Dawn jiġu kkalkulati bħala d-differenza bejn, minn naħa, l-ispiża totali tax-xiri tal-vettura għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni li l-akkwist tagħha huwa ppjanat u li hija

---

([155]) It-teknoloġija rilevanti tista' tiġi akkwistata ġdida jew użata.

([156]) Fl-interess taċ-ċarezza, l-ispejjeż tal-manutenzjoni mhumiex eliġibbli għall-appoġġ.

([157]) Sakemm ma jkunux diġà koperti minn xi forma oħra ta' għajnuna, b'mod partikolari għajnuna taħt it-Taqsima 4.2.2.3.

mgħammra b'tali investimenti, u, min-naħa l-oħra, l-ispiża totali tax-xiri tal-istess vettura jew waħda simili mingħajr investimenti fl-interoperabbiltà fix-xenarju kontrofattwali.

189. Bħala eċċezzjoni, l-għajnuna għat-teknoloġiji elenkati fil-punt 176(a) u (b) tista' titqies proporzjonata jekk ma taqbiżx it-80 % tal-ispejjeż eliġibbli. Dan minħabba li dawk it-teknoloġiji huma partikolarment affettwati minn problemi ta' koordinament fl-istadju tal-introduzzjoni u jipproduċu benefiċċji esterni sinifikanti li ma jistgħux jiġu internalizzati.

190. Skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-miżura, l-Istat Membru jista' juri wkoll li hija meħtieġa intensità ogħla ta' għajnuna, abbażi ta' analiżi tal-ispariġġ tal-likwidità f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 71 sa 74. F'dak il-każ, il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna bħala proporzjonata jekk l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju jkun limitat għall-minimu meħtieġ għat-twettiq tal-investiment (jiġifieri jekk l-għajnuna tikkorrispondi għall-ispariġġ tal-likwidità meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura ta' għajnuna, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna). Fi kwalunkwe każ, l-għajnuna ma tistax taqbeż il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

191. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-Unjoni billi toħloq distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-għajnuna għall-interoperabbiltà trid tingħata f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 75 u 76.

192. L-għajnuna jenħtieġ li, fil-prinċipju, tingħata fil-forma ta' skemi ta' għajnuna minħabba li x'aktarx ikollhom effett distortiv aktar limitat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ minn għajnuna *ad hoc*.

193. Barra minn hekk, għall-materjal fuq ir-roti u għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, il-benefiċjarju tal-għajnuna, kif ukoll kwalunkwe sid jew detentur sussegwenti tal-materjal fuq ir-roti jew il-bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jibbenefikaw mill-investiment appoġġjat, iridu jżommuhom irreġistrati fir-reġistru nazzjonali rilevanti ta' kwalunkwe Stat Membru u/jew f'reġistru Ewropew tal-vetturi rilevanti għal ħames snin wara l-implimentazzjoni tal-investiment.

#### 4.2.2.5 Għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni

194. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu regoli speċifiċi biex jappoġġjaw investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli għall-adattament tekniku jew il-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli.

195. L-attivitajiet u t-teknoloġiji li ġejjin jistgħu, b'mod partikolari, jiġu appoġġjati:

a) il-modifika retroattiva u/jew ir-rinnovazzjoni tal-materjal fuq ir-roti;

b) il-modifika retroattiva u/jew ir-rinnovazzjoni ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, pereżempju biex jittejbu l-idrodinamika u l-effiċjenza;

c) il-modifika retroattiva u/jew ir-rinnovazzjoni ta' tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli;

d) l-adattament tekniku tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni għal tipi ġodda ta' merkanzija;

e) applikazzjonijiet telematiċi u software ieħor li ma jaqgħux taħt it-Taqsima 4.2.2.4 ta' dawn il-Linji Gwida, bħal sistemi li jipprovdu informazzjoni lill-passiġġieri esklużivament f'mod tat-trasport wieħed, jew sistemi diġitali ta' prenotazzjoni u pagament li ma jikkontribwixxux għal flussi tat-traffiku bla waqfien;

f) sistemi loġistiċi, bħal software għall-ottimizzazzjoni tat-tagħbija;

g) software għat-tbassir tat-traffiku (Ħin Stmat tat-Tluq/Ħin Stmat tal-Wasla) u software għall-ottimizzazzjoni tar-rotta.

196. Għal mill-anqas ħames snin wara l-għoti tal-għajnuna, l-arranġamenti kuntrattwali għat-trasferiment jew l-użu bi ħlas ta' assi ffinanzjati bl-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-tagħmir għal trasport multimodali ([158]) sostenibbli jridu jinkludu klawżola li tispeċifika li l-adattament jew il-modernizzazzjoni tal-assi kkonċernati kienu ffinanzjati bl-għajnuna mill-Istat, u jridu jindikaw l-ammont tal-għajnuna.

197. Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti f'din it-taqsima u fit-Taqsima 4.1.

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport

198. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 66, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli tista' trawwem bidla modali lejn trasport sostenibbli fuq l-art. L-adattament tekniku jippermetti li t-trasport sostenibbli fuq l-art jiġi aġġustat għad-domanda għal tipi ġodda ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija u jiżviluppa f'oqsma fejn għandu l-akbar potenzjal ta' tkabbir, bħat-trasport ta' oġġetti kbar wisq, tqal jew perikolużi u t-trasport tal-passiġġieri matul il-ħinijiet ta' billejl. B'kuntrast ma' dan, il-modernizzazzjoni żżid is-sikurezza, is-sigurtà, l-affidabbiltà u l-kwalità tat-trasport sostenibbli fuq l-art. L-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni jikkontribwixxu wkoll għall-aħjar użu kosteffettiv tal-materjal fuq ir-roti, tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-tagħmir eżistenti għal trasport multimodali sostenibbli.

199. Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-investiment f'vetturi nodfa (materjal fuq ir-roti u bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni) skont il-*Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022* ([159]). Bl-istess mod, l-għajnuna għall-investiment għat-tnaqqis tal-istorbju tat-trasport ferrovjarju mhijiex koperta minn dawn il-Linji Gwida iżda hija koperta mil-*Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022* (b'regoli speċifiċi dwar l-għajnuna għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tat-tniġġis minbarra gassijiet serra).

([158]) Bħal kuntratti ta' kiri ta' materjal fuq ir-roti.
([159]) Ara n-nota (71) f'qiegħ il-paġna.

Ħtieġa tal-għajnuna

200. L-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli jippermettu lil dawk il-prodotti jżommu l-ogħla livell ta' valur u utilità tagħhom. Dawk it-tipi ta' investiment mhux biss jappoġġjaw il-kompetittività tat-trasport sostenibbli fuq l-art iżda jippermettu wkoll l-iżvilupp ta' suq tal-oġġetti użati li jikkontribwixxi biex titrawwem bidla lejn modi sostenibbli tat-trasport fuq l-art. L-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni jistgħu jkunu għoljin ħafna minħabba li l-materjal fuq ir-roti, il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli ma jistgħux jintużaw għat-tul ta' żmien tal-intervent, u dan iwassal għal tnaqqis sinifikanti fid-dħul. Barra minn hekk, xi tipi ta' investimenti fl-adattament tekniku ul-modernizzazzjoni jeħtieġu l-iżvilupp ta' prototip biex il-bidliet strutturali meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-teknoloġija skont it-tip ta' vettura jew it-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli jkunu jinftiehmu. Dawk l-ispejjeż (l-ispiża tal-prototip u l-ispiża tal-modifika retroattiva) spiss jaqbżu l-valur tal-oġġett immodifikat ([160]).

201. Wara li kkunsidrat il-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 67, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli tista' tkun meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport sal-punt li s-suq waħdu ma jipprovdix livell suffiċjenti ta' investiment fl-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni li jappoġġja l-kompetittività tat-trasport sostenibbli fuq l-art.

Adegwatezza tal-għajnuna

202. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punt 68, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għall-investiment għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli tista', fil-prinċipju, tkun strument xieraq ([161]). Tali għajnuna tiżgura livell adegwat ta' investiment fl-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni li jappoġġjaw il-kompetittività tat-trasport sostenibbli fuq l-art, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' miżuri regolatorji li jobbligaw l-introduzzjoni tal-istess teknoloġiji. L-għajnuna għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni mhijiex xierqa għall-fini tal-implimentazzjoni ta' miżuri regolatorji li jeħtieġu l-introduzzjoni tal-istess teknoloġiji fi żmien simili għal dak ippjanat li jinkiseb bl-użu ta' tali għajnuna.

L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna

203. L-għajnuna jenħtieġ li tinċentiva l-investimenti fl-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli. Sabiex ikollha effett ta' inċentiv, l-għajnuna ma tridx tiffinanzja investimenti li huma meħtieġa għall-konformità ma'

---

([160]) L-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ara n-nota (42) f'qiegħ il-paġna, it-taqsima 3.5.

([161]) Fir-rigward tal-forma tal-għajnuna, fil-prattika ta' deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport, il-Kummissjoni ma qajmitx oġġezzjonijiet għall-għajnuna fil-forma ta' għotjiet diretti (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2021 fil-każ SA.57137, il-Ġermanja, *Skema ta' għajnuna mill-Istat għall-modernizzazzjoni tal-flotta tal-passaġġi fuq l-ilma interni* (ĠU C 317, 6.8.2021, p. 1). L-għajnuna fil-forma ta' għotjiet diretti tippermetti lill-benefiċjarji jnaqqsu l-ispejjeż tal-investiment bil-quddiem tagħhom (l-ispejjeż tal-prototipi, it-telf tad-dħul matul l-immobilizzazzjoni tal-materjal fuq ir-roti, l-investiment fl-interoperabbiltà nnifisha) li f'kundizzjonijiet normali tas-suq huma diffiċli biex jiġu rkuprati.

standard tal-UE, jew trid tiffinanzja investimenti li jippermettu konformità ma' standard tal-UE b'mod sinifikanti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ obbligatorju tal-istandard fil-livell tal-UE. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 69 u 70, sabiex l-għajnuna jkollha effett ta' inċentiv, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi ta' hawn taħt.

a) Il-benefiċjarju jkun applika għall-għajnuna qabel il-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment.

b) Ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment jenħtieġ li jiġu ffinalizzati mill-anqas sena (1) qabel id-data li fiha l-investiment appoġġjat isir obbligatorju fil-livell tal-UE.

204. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv jekk ikun hemm konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 69 u 70, kif iċċarat fil-punt 203.

Proporzjonalità

205. F'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti minn 71 sa 74, fil-prinċipju, l-għajnuna tista' titqies proporzjonata jekk ma taqbiżx l-20 % tal-ispejjeż eliġibbli.

206. L-ispejjeż eliġibbli huma:

a) l-ispejjeż kollha meħtieġa jew anċillari għall-implimentazzjoni tal-investimenti eliġibbli, skont it-tip ta' investiment, tali spejjeż jistgħu jinkludu l-ispejjeż meħtieġa għax-xiri u l-installazzjoni tat-teknoloġija rilevanti, l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-proġetti u l-ispejjeż tal-konsenja ([162]);

b) spejjeż relatati ma' studji, ittestjar u approvazzjoni, u installazzjonijiet pilota u prototipi; u

c) spejjeż relatati mal-modernizzazzjoni ta' teknoloġija installata qabel.

207. Skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-miżura, l-Istat Membru jista' juri wkoll, abbażi ta' analiżi tal-ispariġġ tal-likwidità kif stabbilit fil-punti minn 71 sa 74, li hija meħtieġa intensità ogħla ta' għajnuna. F'dak il-każ, il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna bħala proporzjonata jekk l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju jkun limitat għall-ammont meħtieġ għat-twettiq tal-investiment (jiġifieri jekk l-għajnuna tikkorrispondi għal-ispariġġ tal-likwidità meħtieġa biex jintlaħaq l-għan tal-miżura ta' għajnuna, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna). Fi kwalunkwe każ, l-għajnuna ma tistax taqbeż il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

208. Fir-rigward tal-investimenti fl-adattament tekniku u għall-modernizzazzjoni tal-vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni li l-akkwist tagħhom huwa ppjanat, l-ispejjeż eliġibbli jridu jkunu limitati għall-ispejjeż żejda netti għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni ([163]). Dawn jiġu kkalkulati bħala d-differenza bejn, minn naħa, l-ispiża totali tax-xiri tal-vettura għat-trasport ferrovjarju jew għat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni li l-akkwist tagħha jkun ippjanat u li hija mgħammra b'tali investimenti, u, min-naħa l-oħra, l-ispiża totali tax-xiri tal-istess vettura jew waħda simili

([162]) Fl-interess taċ-ċarezza, l-ispejjeż tal-manutenzjoni mhumiex eliġibbli għall-appoġġ.

([163]) Sakemm ma jkunux diġà koperti minn xi forma oħra ta' għajnuna, b'mod partikolari għajnuna taħt it-Taqsima 4.2.2.3.

mingħajr investimenti fl-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni fix-xenarju kontrofattwali.

L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

209. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-Unjoni billi toħloq distorsjonijiet bla bżonn fil-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-għajnuna għall-investiment għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni trid tingħata f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-punti 75 u 76.

210. L-għajnuna jenħtieġ li, fil-prinċipju, tingħata fil-forma ta' skemi ta' għajnuna minħabba li x'aktarx ikollhom effett distortiv aktar limitat fuq il-kompetizzjoni minn għajnuna *ad hoc*.

## 5. GĦAJNUNA LI TIRRAPPREŻENTA RIMBORŻ GĦAT-TWETTIQ TA' ĊERTI OBBLIGI INERENTI FIL-KUNĊETT TA' SERVIZZ PUBBLIKU FIS-SETTUR TAL-MERKANZIJA BIL-FERROVIJA

### 5.1 Dispożizzjonijiet ġenerali

211. L-Artikolu 93 TFUE jipprevedi l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku. F'dak il-kuntest, l-Artikolu 14 tat-Trattat u l-Protokoll Nru 26 dwar l-SGEI anness mat-Trattat jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali ta' kif l-Istati Membri jiddefinixxu u jipprovdu l-SGEI. Skont il-Protokoll Nru 26, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom rwol essenzjali u għandhom diskrezzjoni wiesgħa biex jipprovdu, jikkummissjonaw u jorganizzaw SGEI mfassla kemm jista' jkun qrib il-ħtiġijiet tal-utenti. L-ispeċifikazzjoni ta' obbligu ta' servizz pubbliku tista' tiġi kkontestata biss mill-Kummissjoni fil-każ ta' żball manifest fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri ([164]). Madankollu, is-setgħa tal-Istat Membru li jiddefinixxi SGEI hija limitata u ma tistax tiġi eżerċitata b'mod arbitrarju għall-iskop uniku li settur partikolari jitħalla jevita l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni ([165]).

212. Fil-Komunikazzjoni dwar l-SGEI ([166]), li tapplika wkoll għas-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, il-Kummissjoni ċċarat il-kundizzjonijiet li taħthom il-kumpens għal servizz pubbliku għandu jitqies bħala għajnuna mill-Istat.

213. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għall-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu SGEI ([167]) japplika wkoll għas-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Fir-Regolament, il-Kummissjoni stabbiliet il-kundizzjonijiet li taħthom ammonti żgħar ta' kumpens għal servizz pubbliku jitqiesu li ma jaffettwawx il-kummerċ bejn l-Istati Membri u/jew li ma joħolqux distorsjoni jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kumpens ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

---

([164]) Is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2018, *ARFEA vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-720/16, EU:T:2018:853, il-punt 88; is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020, *Viasat Broadcasting UK Ltd*, C-445/19, EU:C:2020:952, il-punt 33.

([165]) Is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, *BUPA et* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, IT-289/03, EU:T:2008:29, il-punt 168.

([166]) Ara n-nota (36) f'qiegħ il-paġna.

([167]) Ara n-nota (99) f'qiegħ il-paġna.

214. Jekk l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu miżuri li jirrappreżentaw rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza *Altmark* ([168]) u jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, huma jridu jinnotifikaw dawk il-miżuri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

215. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom l-għajnuna mill-Istat li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija tista' tinstab kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 93 tat-Trattat ([169]). Minkejja li l-Qafas SGEI ([170]) ma japplikax għas-settur tat-trasport fuq l-art, fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tiegħu, il-Kummissjoni se tqis il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 2.2 sa 2.10 tal-Qafas SGEI ([171]) aġġustati għall-ispeċifiċitajiet tas-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, kif stabbilit f'dan il-kapitolu.

### 5.2 Servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali

216. L-għajnuna trid tingħata għal SGEI ġenwin u definit b'mod korrett. Dan ifisser li s-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jistgħu jiġu kkwalifikati biss bħala SGEI meta l-Istat Membru kkonċernat jiddetermina li hemm ħtieġa ġenwina għal tali servizzi u tali ħtieġa ġenwina ma tkunx issodisfatta mis-suq jew ma tkunx biżżejjed.

217. Fir-rigward tad-definizzjoni ta' SGEI ġenwin, l-Istat Membru kkonċernat jeħtieġlu jistabbilixxi li s-servizz tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għandu karatteristiċi speċjali meta mqabbel ma' dawk ta' servizzi kummerċjali jekk tali servizzi jeżistu fis-suq. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni ċċarat li l-Istati Membri ma jistgħux jorbtu obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ma' servizzi li diġà huma pprovduti jew li jistgħu jiġu pprovduti b'mod sodisfaċenti minn impriżi li joperaw f'kundizzjonijiet normali tas-suq u taħt kundizzjonijiet, bħall-prezz, il-karatteristiċi oġġettivi tal-kwalità, il-kontinwità u l-aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku kif definit mill-Istat Membru ([172]).

218. L-Istati Membri jenħtieġ li juru li s-servizz speċifiku huwa fl-interess tas-soċjetà kollha kemm hi ([173]) u li jkunu qiesu kif xieraq il-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku appoġġjati permezz ta' konsultazzjoni pubblika jew strumenti xierqa oħra biex jitqiesu l-interessi tal-utenti u tal-fornituri ([174]). Skont il-qrati tal-UE, in-nuqqas ta' evidenza, ipprovduta mill-Istat Membru, li dawk il-kriterji huma ssodisfati (jiġifieri l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' servizz pubbliku huwa meħtieġ u proporzjonat għal ħtieġa reali ta' servizz

([168]) Is-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, C-280/00, EU:C:2003:415. Ara l-punti 42 *ff.* tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ara n-nota (36) f'qiegħ il-paġna).

([169]) L-Artikolu 93 tat-Trattat ma fihx ekwivalenti għat-tieni sentenza tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat, li skontha l-iżvilupp tal-kummerċ m'għandux jiġi affettwat b'tali mod li jmur kontra l-interessi tal-UE. Madankollu, il-Qorti diġà għamlitha ċara li l-Kummissjoni, meta tivvaluta miżura ta' għajnuna skont l-Artikolu 93 tat-Trattat, trid tivverifika li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-UE, ara s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1978, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Belġju*, 156/77, imsemmija fin-nota (30) f'qiegħ il-paġna, il-punt 10.

([170]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

([171]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

([172]) Il-paragrafu 13 tal-Qafas SGEI, ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

([173]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2023 fil-każ SA.32953, l-Italja, *Miżuri ta' għajnuna mill-Istat favur Trenitalia SpA* (għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU), il-premessi 443–445.

([174]) Il-paragrafu 14 tal-Qafas SGEI, ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

pubbliku) jew in-nuqqas ta' konformità magħhom jista' jikkostitwixxi żball manifest ta' valutazzjoni li l-Kummissjoni trid tqis ([175]).

219. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, meta tivverifika jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' servizz pubbliku huwiex meħtieġ u proporzjonat għal ħtieġa reali ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, il-Kummissjoni se tivverifika li l-awtorità kompetenti tkun ivvalutat b'mod kumulattiv: (i) il-ħtiġijiet tat-trasport involuti bbażati fuq l-għan pubbliku segwit mill-Istat Membru kkonċernat (jiġifieri l-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku); (ii) sa liema punt il-forzi tas-suq waħedhom jistgħu jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet (jiġifieri l-eżistenza ta' falliment tas-suq); u (iii) miżuri alternattivi li jistgħu jissodisfaw dawk l-istess ħtiġijiet filwaqt li jfixklu anqas il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

220. Meta jivvalutaw id-domanda għat-trasport, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw mhux biss id-domanda eżistenti iżda wkoll dik prospettiva mill-utenti (b'mod partikolari meta dik id-domanda mistennija tista' tirriżulta b'mod raġonevoli mit-twettiq ta' objettivi ta' politika bħall-promozzjoni tal-konnettività tat-trasport sostenibbli jew il-koeżjoni soċjali). Il-valutazzjoni *ex ante* tad-domanda għal servizz tat-trasport pubbliku tista' titwettaq permezz ta' metodi differenti, bħal pereżempju l-użu ta' *data* storika, stħarriġ rappreżentattiv jew konsultazzjoni pubblika tal-utenti biex jiġu identifikati l-aspettattivi tagħhom mis-servizzi pubbliċi.

221. Il-valutazzjoni tal-offerta tas-suq jenħtieġ li, bħala prinċipju, tinkludi l-konsultazzjoni tal-operaturi dwar l-interess tagħhom li joffru s-servizzi rilevanti permezz ta' servizzi ta' aċċess miftuħ u jivvalutaw ir-riżultati tagħha. L-operaturi tas-suq jistgħu, pereżempju, jiġu kkonsultati dwar in-natura, il-volum u l-frekwenza tas-servizzi li diġà jipprovdu jew jippjanaw li jipprovdu fiż-żona ġeografika kkonċernata jew dwar il-livell tat-tariffi li japplikaw jew li beħsiebhom japplikaw. Meta servizzi kummerċjali jiġu pprovduti jew mistennija jew imħabbra minn operatur tas-suq li se jiġu mnedija fi żmien ta' skadenza raġonevolment qasira (pereżempju bil-ferrovija, fejn l-operatur ikun informa lill-korp regolatorju u lill-maniġer tal-infrastruttura bl-intenzjoni tiegħu li jniedi s-servizz skont l-Artikolu 38(4) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([176])), l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidrawhom meta jispeċifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjonijiet oġġettivi biex dan ma jsirx. Sabiex tiġi evitata l-esklużjoni tal-offerta kummerċjali, is-servizzi li għalihom ma ntweriex li hemm falliment tas-suq ma jistgħux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' servizz pubbliku.

222. Meta jiġi kkunsidrat jekk l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti f'kuntratt għal servizz pubbliku humiex l-anqas distorsivi għall-kompetizzjoni u l-kummerċ, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkunsidra miżuri alternattivi f'konformità mal-liġi tal-UE. Pereżempju, jekk l-objettiv ewlieni ta' interess pubbliku segwit mill-miżura huwa t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tat-trasport tal-merkanzija (eż. minħabba li s-swieq ikkonċernati mill-miżura huma diġà moqdija minn modi tat-trasport li jniġġsu aktar), l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tispjega għaliex l-istess riżultat ma jistax jinkiseb permezz ta' miżuri anqas distorsivi għall-koordinament tat-trasport (eż. fil-forma ta' investiment u/jew skemi ta' għajnuna operatorja).

---

([175]) Is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2017, *Franza* vs *Il-Kummissjoni*, IT-366/13, EU:T:2017:135, il-punt 105.

([176]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

### 5.3 Il-ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens

223. L-operat tal-SGEI għandu jiġi fdat lill-impriża kkonċernata permezz ta' att wieħed jew aktar, li l-forma tagħhom tista' tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru ([177]).

224. L-att(i) ta' inkarigu jenħtieġ li jispeċifikaw, b'mod partikolari: (a) il-kontenut u t-tul tal-obbligi tas-servizz pubbliku; (b) l-impriża u t-territorju kkonċernati; (c) in-natura ta' kwalunkwe dritt esklużiv jew speċjali mogħtija lill-impriża mill-awtorità emittenti; (d) id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens u l-parametri għall-kalkolu, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-kumpens; u (e) l-arranġamenti biex jiġi evitat u rkuprat kwalunkwe kumpens żejjed.

### 5.4 It-tul tal-perjodu ta' inkarigu

225. It-tul tal-perjodu ta' inkarigu jenħtieġ li jkun limitat għal 15-il sena. Madankollu, jekk l-aktar assi sinifikanti meħtieġa biex jiġi pprovdut l-SGEI jikkonsistu f'materjal fuq ir-roti li kien kompletament jew parzjalment iffinanzjat pubblikament, it-tul tal-perjodu ta' inkarigu jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10 snin ([178]).

### 5.5 Konformità mad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea u d-Direttiva dwar it-Trasparenza

226. L-għajnuna li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija titqies kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 93 tat-Trattat biss jekk tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([179]) u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE (id-"Direttiva dwar it-Trasparenza") ([180]), fejn applikabbli.

227. Għajnuna li mhijiex f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk id-Direttivi, kif imfakkar fit-Taqsima 6, titqies li taffettwa l-iżvilupp tal-kummerċ sa punt li tolqot ħażin l-interessi ġenerali tal-UE.

### 5.6 Konformità mar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku

228. Għajnuna li tirrappreżenta rimborż għat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija titqies kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 93 tat-Trattat biss meta l-awtorità responsabbli, meta tafda l-forniment tas-servizz lill-impriża inkwistjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz pubbliku ([181]) jew

---

([177]) It-terminu "Stat Membru" jkopri l-awtoritajiet ċentrali, reġjonali u lokali tal-Istat Membru msemmi.

([178]) Fi tmiem il-perjodu ta' inkarigu, l-operatur jista' jittrasferixxi dak il-materjal fuq ir-roti lill-operatur li jkun se jibda jew lill-awtorità kompetenti, dment li t-trasferiment ikun bi prezz tas-suq u jqis kwalunkwe finanzjament pubbliku rċevut għax-xiri ta' dak il-materjal fuq ir-roti (ara l-punt 234).

([179]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

([180]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

([181]) L-Artikolu 2(1), il-punti (1), (2) u (5) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243) jiddefinixxi "kuntratti ta' servizz" bħala kuntratti għall-interess finanzjarju konklużi bil-miktub bejn entità kontraenti waħda jew aktar , li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli minn 8 sa 14 tad-Direttiva, u operatur ekonomiku wieħed jew aktar u li għandhom bħala objettiv il-provvista tas-servizzi. Meta dawn il-kuntratti jinvolvu "awtoritajiet kontraenti", skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), il-punt (1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65), li ma jeżerċitawx l-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli

kuntratti ta' konċessjoni ([182]), tkun ikkonformat jew timpenja ruħha li tikkonforma mar-regoli applikabbli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Dan jinkludi kwalunkwe rekwiżit għat-trasparenza, it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni li jirriżultaw direttament mit-Trattat u, fejn applikabbli, mil-liġi sekondarja tal-UE.

229. Għajnuna li ma tikkonformax ma' tali regoli u rekwiżiti titqies li taffettwa l-iżvilupp tal-kummerċ sa punt li tolqot ħażin l-interessi ġenerali tal-UE.

### 5.7 Nuqqas ta' diskriminazzjoni

230. Meta awtorità tassenja l-forniment tal-istess SGEI lil numru ta' impriżi, il-kumpens jenħtieġ li jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-istess metodu fir-rigward ta' kull impriża.

### 5.8 L-ammont tal-kumpens

231. L-ammont ta' kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispiża netta għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku, inkluż profitt raġonevoli.

232. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tapplika l-kriterji stabbiliti fil-paragrafi minn 21 sa 50 tal-Qafas SGEI ([183]), soġġetti għall-kjarifiki li ġejjin.

233. L-ewwel nett, l-ispiża netta meħtieġa, jew mistennija li tkun meħtieġa, għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku tista' tiġi ddeterminata jew abbażi tal-metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati, kif deskritt fil-paragrafi minn 25 sa 27 tal-Qafas SGEI ([184]), jew abbażi tal-metodoloġija tal-allokazzjoni tal-ispejjeż, kif deskritt fil-paragrafi minn 28 sa 31 tal-Qafas SGEI ([185]).

234. It-tieni, fir-rigward tax-xiri ta' materjal fuq ir-roti użat għall-forniment ta' servizzi pubbliċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

a) L-għajnuna mill-Istat diġà rċevuta u approvata, b'mod partikolari skont dawn il-Linji Gwida (taħt it-Taqsima 4.2.2.3) fir-rigward ta' materjal fuq ir-roti li se tintuża għall-forniment ta' servizzi pubbliċi titqies fil-kalkolu tal-kumpens għal servizz pubbliku;

b) jekk il-materjal fuq ir-roti użat għall-forniment tas-servizzi pubbliċi jiġi ttrasferit fi tmiem il-kuntratt lill-operatur li jkun se jibda jew lill-awtorità kompetenti, it-trasferiment jenħtieġ li jsir bil-prezz tas-suq u jqis kwalunkwe finanzjament pubbliku rċevut mill-operatur li jkun se joħroġ għax-xiri ta' dak il-materjal fuq ir-roti.

---

minn 8 sa 14 tad-Direttiva 2014/25/UE, dawn jitqiesu bħala "kuntratti ta' servizz pubbliku" f'konformità mal-punti (6) u (9) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE.

([182]) L-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1) jiddefinixxi "konċessjonijiet ta' servizzi" bħala kuntratti "b'interess pekunjarju konkluż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar tafda l-forniment u l-ġestjoni ta' servizzi li mhumiex twettiq ta' xogħlijiet kif imsemmi fil-punt (a) lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni tiegħu/tagħhom tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas".

([183]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

([184]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

([185]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

### 5.9 Rekwiżiti addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li l-għajnuna ma tolqotx ħażin l-interessi ġenerali tal-UE

235. Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi kundizzjonijiet jew titlob impenji mill-Istati Membri fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn ir-rekwiżiti stabbiliti hawn fuq ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw distorsjonijiet serji tal-kompetizzjoni fis-suq intern u l-għajnuna tista' taffettwa l-kummerċ b'mod li jipperikola l-interessi ġenerali tal-UE. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni se tapplika l-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 51 sa 59 tal-Qafas SGEI ([186]) bl-aġġustamenti meħtieġa.

236. Il-Kummissjoni tosserva li l-fallimenti tas-suq identifikati mill-Istati Membri (eż. għat-trasportazzjoni ta' tagħbijiet ta' vaguni uniċi) jista' jkollhom dimensjoni lokali jew reġjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta bir-reqqa li l-ambitu ġeografiku ta' kwalunkwe kuntratt ta' servizz pubbliku huwa ġġustifikat kif xieraq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax, fil-prinċipju, kuntratt ta' servizz pubbliku li jkopri t-territorju kollu jew in-network ferrovjarju ta' Stat Membru bħala mod proporzjonat sabiex jiġi indirizzat falliment potenzjali tas-suq minħabba d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni li tista' tirriżulta mill-għoti ta' tali kuntratt.

### 5.10 Trasparenza

237. Għal kumpens tal-SGEI li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, l-Istat Membru kkonċernat irid jippubblika l-informazzjoni li ġejja fuq l-internet jew b'mezzi xierqa oħra: (a) ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika jew ta' strumenti xierqa oħra msemmija fil-punt 218; (b) il-kontenut u t-tul tal-obbligi tas-servizz pubbliku; (c) l-impriża u, fejn applikabbli, it-territorju kkonċernat; u d) l-ammonti ta' għajnuna mogħtija lill-impriża fuq bażi annwali.

### 5.11 Kundizzjonijiet u obbligi marbuta mad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni

238. Skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([187]), il-Kummissjoni tista' tehmeż ma' deċiżjoni pożittiva kundizzjonijiet li skonthom l-għajnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq intern u tista' tistabbilixxi obbligi li jippermettu l-monitoraġġ tal-konformità mad-deċiżjoni. Tali kundizzjonijiet u obbligi jistgħu jkunu meħtieġa biex jiżguraw li l-għajnuna mogħtija lill-impriżi kkonċernati ma twassalx għal distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern. F'dak il-kuntest, jistgħu jkunu meħtieġa rapporti perjodiċi jew obbligi oħra bbażati fuq is-sitwazzjoni speċifika ta' kull SGEI.

## 6. FLUSSI FINANZJARJI F'IMPRIŻI FERROVJARJI INTEGRATI VERTIKALMENT

239. L-adozzjoni tal-pakketti ferrovjarji suċċessivi msemmija fil-punt 2 ta' dawn il-Linji Gwida wasslet għall-ftuħ gradwali tal-operazzjonijiet kollha tat-trasport ferrovjarju għall-kompetizzjoni. Dak il-proċess poġġa lill-impriżi ferrovjarji integrati vertikalment fis-sitwazzjoni fejn xi wħud mill-attivitajiet tagħhom (b'mod partikolari l-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja) xorta jistgħu jgawdu xi drittijiet esklużivi u/jew speċjali taħt ċerti kundizzjonijiet, filwaqt li l-attivitajiet tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-

([186]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

([187]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

passiġġieri issa huma soġġetti għall-kompetizzjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([188]) u r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 ([189]).

240. Kif imsemmi fil-punt 3 ta' dawn il-Linji Gwida, huwa kruċjali li l-qafas legali li jirregola t-tranżazzjonijiet finanzjarji ta' impriżi pubbliċi u integrati vertikalment fis-settur ferrovjarju jiġi rispettat u infurzat kif xieraq. Konformità mar-regoli applikabbli dwar it-trasparenza finanzjarja: (i) tiżgura li l-għajnuna mogħtija taħt dawn il-Linji Gwida ma tiġix devjata lejn attivitajiet oħra minbarra dawk li għalihom l-għajnuna hija awtorizzata; u (ii) ittaffi r-riskju li r-rikavati minn strumenti finanzjarji bbażati fuq is-suq (bħal bonds) użati minn impriżi integrati vertikalment biex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tagħhom, l-investimenti, u l-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja jintużaw għal rifinanzjament intragrupp għad-detriment ta' entranti ġodda u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-kompetizzjoni.

241. Dan il-kapitolu jfakkar il-prinċipji li jirregolaw it-tranżazzjonijiet finanzjarji tal-impriżi ferrovjarji pubbliċi u dawk integrati vertikalment. Il-konformità ma' dawk il-prinċipji hija importanti mhux biss biex jiġi żgurat li l-għajnuna għar-rimborżi għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija tkun kompatibbli mas-suq intern (ara t-Taqsima 5.5). Il-konformità hija importanti wkoll, b'mod aktar ġenerali, biex tiġi żgurata l-allokazzjoni korretta tal-ispejjeż u d-dħul għall-attivitajiet differenti ta' impriżi pubbliċi u integrati vertikalment, u b'hekk jiġi evitat is-sussidjar reċiproku.

242. It-tranżazzjonijiet finanzjarji tal-impriżi pubbliċi u integrati vertikalment huma rregolati mid-Direttiva dwar it-Trasparenza. Din id-Direttiva tirrigwarda kwalunkwe impriża pubblika ([190]) u kwalunkwe impriża meħtieġa li żżomm kontijiet separati, b'mod partikolari kwalunkwe impriża fdata b'servizz pubbliku ([191]). Skont l-Artikoli 1(2) u 4(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li: (i) impriżi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għandhom kontijiet separati għal attivitajiet differenti; (ii) dawk il-kontijiet jidentifikaw b'mod ċar l-ispejjeż u d-dħul assoċjati ma' attivitajiet differenti; u (iii) jipprovdu dettalji sħaħ tal-metodu li bih l-ispejjeż u d-dħul huma assenjati jew allokati għal attivitajiet differenti.

243. Fis-settur ferrovjarju, l-obbligu ta' hawn fuq ġie ċċarat u spjegat aktar fid-dettall fid-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([192]), li tapplika għall-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u għall-attivitajiet tat-trasport ferrovjarju tal-impriżi ferrovjarji.

244. Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([193]), is-separazzjoni tal-kontijiet hija obbligatorja: (i) bejn il-forniment ta' servizzi tat-trasport u n-negozju relatat

---

([188]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

([189]) Ara n-nota (31) f'qiegħ il-paġna.

([190]) Definita fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza bħala "kull impriża li fuqha l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw direttament jew indirettament influwenza dominanti bis-saħħa tal-pussess li għandhom tagħha, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha. Jitqies li hemm influwenza dominanti min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi meta dawn l-awtoritajiet, direttament jew indirettament fil-konfront tal-impriża: (i) ikollhom il-parti ewlenija tal-kapital sottoskritt tal-impriża; jew (ii) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti marbutin ma' ishma maħruġa mill-impriżi; jew (iii) jistgħu jaħtru aktar min-nofs il-membri tal-entità amministrattiva, ta' tmexxija jew ta' sorveljanza tal-impriża".

([191]) Definita fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza bħala "kull impriża li tgawdi minn dritt speċjali jew esklużiv mogħti minn Stat Membru skont l-Artikolu[106(1)] tat-Trattat, jew fdata bit-tħaddim ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali skont l-Artikolu [106(2)] tat-Trattat, li tirċievi kumpens ta' servizz pubbliku fi kwalunkwe forma fir-rigward ta' dan is-servizz u li twettaq attivitajiet oħra".

([192]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

([193]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

mal-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja; (ii) bejn is-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija; u (iii) bejn is-servizz pubbliku u attivitajiet kummerċjali. Barra minn hekk, f'termini ta' trasparenza finanzjarja, l-Artikolu 7(d) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([194]) jirrikjedi espressament li:

a) "is-self bejn entitajiet legali ta' impriżi integrati vertikalment, għandu jingħata, jitħallas u jiġi ġestit biss bir-rati tas-suq u l-kundizzjonijiet li jirriflettu l-profil individwali ta' riskju tal-entità kkonċernata" ([195]);

b) "[i]d-dejn attribwit lill-maniġer tal-infrastruttura għandu jkun separat b'mod ċar mid-dejn attribwit lill-entitajiet legali oħrajn fi ħdan impriża integrata vertikalment. Tali dejn għandu jiġu ġestit separatament [...]" ([196]); u

c) "[f]i ħdan impriżi integrati vertikalment, il-maniġer tal-infrastruttura għandu jżomm rekords dettaljati ta' kwalunkwe relazzjoni kummerċjali u finanzjarja mal-entitajiet legali l-oħrajn fi ħdan din l-impriża" ([197]). Is-setgħa li tiġi vverifikata l-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet hija primarjament tal-korpi regolatorji nazzjonali ([198]).

245. Fir-rigward tal-finanzjament tal-maniġer tal-infrastruttura, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea ([199]), il-maniġer tal-infrastruttura jenħtieġ li jadotta pjan ta' direzzjoni tan-negozju, inklużi investimenti u programmi finanzjarji. Il-pjan jenħtieġ li jitfassal biex jiżgura l-użu, il-forniment u l-iżvilupp ottimali u effiċjenti tal-infrastruttura filwaqt li jiżgura bilanċ finanzjarju u jipprovdi l-mezzi biex jintlaħqu dawn l-objettivi ([200]).

## 7. PJAN TA' EVALWAZZJONI *EX POST*

246. Biex tiżgura ulterjorment li distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-kummerċ ikunu limitati, il-Kummissjoni tista' tirrikjedi li l-iskemi identifikati fil-punt 247 ikunu soġġetti għal evalwazzjoni *ex post*. Dan se jivverifika: (a) l-effettività tal-miżura ta' għajnuna bbażata fuq l-għanijiet tagħha definiti minn qabel; (b) l-impatt tal-miżura ta' għajnuna fuq il-kompetizzjoni; u l-kummerċ u jekk (c) hux se jinqalgħu effetti distorsivi bla bżonn matul it-tul tal-iskema ta' għajnuna li jmorru kontra l-interessi tal-UE.

247. Hija meħtieġa evalwazzjoni *ex post* għal skemi fejn id-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni u l-kummerċ hija partikolarment għolja, jiġifieri li tista' tirriskja b'mod sinifikanti li tirrestrinġi jew tfixkel il-kompetizzjoni jekk l-implimentazzjoni ma tiġix rieżaminata fi żmien xieraq. Pereżempju, dan huwa l-każ għal skemi b'baġits kbar għall-għajnuna, li fihom karatteristiċi ġodda, jew meta jkunu mistennija bidliet sinifikanti fis-suq, fit-teknoloġija jew fir-regolamentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, hija meħtieġa

([194]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.
([195]) L-Artikolu 7d(4) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea, ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.
([196]) L-Artikolu 7d(7) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea, ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.
([197]) L-Artikolu 7d(9) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea, ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.
([198]) Skont l-Artikolu 56(12) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea, il-korp regolatorju nazzjonali għandu s-setgħa li jwettaq awditi jew jibda awditi esterni mal-maniġers tal-infrastruttura, mal-operaturi tal-faċilitajiet ta' servizz u, fejn rilevanti, mal-impriżi ferrovjarji sabiex jivverifika l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni tal-kontabbiltà stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva u mad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 7d tad-Direttiva. Fil-każ ta' impriżi integrati vertikalment, dawk is-setgħat jestendu għall-entitajiet ġuridiċi kollha.
([199]) Ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.
([200]) L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva Ferrovjarja Unika Ewropea, ara n-nota (8) f'qiegħ il-paġna.

evalwazzjoni *ex post* għal kwalunkwe skema b'baġit għall-għajnuna mill-Istat jew nefqa kontabbilizzata ta' aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun fil-tul ta' żmien totali tagħha. It-tul ta' żmien totali tal-iskema jinkludi t-tul ta' żmien ikkombinat tal-iskema u kwalunkwe skema preċedenti li tkopri għan u żona ġeografika simili, li tibda mill-pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Minħabba l-għanijiet tal-evalwazzjoni u sabiex ma jiġix impost piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri, l-evalwazzjonijiet *ex post* huma meħtieġa biss għal skemi ta' għajnuna li t-tul totali tagħhom jaqbeż it-tliet snin, li jibdew mill-pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida.

248. Ir-rekwiżit ta' evalwazzjoni *ex post* jista' jiġi rinunzjat fir-rigward ta' skemi ta' għajnuna li huma s-suċċessuri immedjati ta' skemi li jkopru għan u żona ġeografika simili li kienu soġġetti għal evalwazzjoni, li jkunu ppreżentaw rapport ta' evalwazzjoni finali f'konformità mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni u li ma ġġeneraw l-ebda sejba negattiva. Kwalunkwe skema fejn ir-rapport ta' evalwazzjoni finali ma jikkonformax mal-pjan ta' evalwazzjoni approvat trid tiġi sospiża b'effett immedjat.

249. Fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna soġġetti għar-rekwiżit ta' evalwazzjoni msemmi fil-punt 247, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, li se jifforma parti integrali mill-valutazzjoni tal-iskema mill-Kummissjoni. Il-pjan irid jiġi nnotifikat:

a) flimkien mal-iskema ta' għajnuna jekk il-baġit tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema jaqbeż EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun fit-tul ta' żmien totali tagħha;

b) fi żmien 30 jum ta' xogħol wara bidla sinifikanti li permezz tagħha l-baġit tal-iskema jiżdied għal aktar minn EUR 150 miljun f'xi sena partikolari jew EUR 750 miljun fit-tul ta' żmien kollha tal-iskema;

c) għal skemi li ma jaqgħux taħt il-punt (a) jew (b), fi żmien 30 jum ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali tan-nefqa taħt l-iskema b'baġit tal-iskema li jaqbeż EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena.

250. L-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni jrid ikun f'konformità mal-prinċipji metodoloġiċi komuni pprovduti mill-Kummissjoni ([201]). L-Istati Membri jridu jippubblikaw il-pjan ta' evalwazzjoni approvat mill-Kummissjoni.

251. L-evalwazzjoni *ex post* trid titwettaq minn espert, indipendenti mill-awtorità li tagħti l-għajnuna, abbażi tal-pjan ta' evalwazzjoni. Kull evalwazzjoni trid tinkludi mill-anqas rapport ta' evalwazzjoni interim u wieħed finali. L-Istati Membri jridu jippubblikaw iż-żewġ rapporti.

252. Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tivvaluta kwalunkwe estensjoni tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn disa' xhur qabel l-iskadenza tagħha. Dak il-perjodu jista' jitnaqqas għal skemi li jiskattaw ir-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-arranġamenti preċiżi ta' kull evalwazzjoni jiġu stabbiliti fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-iskema ta' għajnuna. In-notifika ta' kwalunkwe miżura ta'

([201]) Id-Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Metodoloġija komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, 28 ta' Mejju 2014, (SWD(2014) 179 final), jew kwalunkwe wieħed mis-suċċessuri tiegħu.

għajnuna sussegwenti b'għan simili trid tiddeskrivi b'liema mod tqiesu r-riżultati tal-evalwazzjoni.

## 8. IR-RAPPURTAR U L-MONITORAĠĠ

253. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([202]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([203]), l-Istati Membri huma meħtieġa jissottomettu rapporti annwali lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kull miżura ta' għajnuna approvata skont dawn il-Linji Gwida.

254. L-Istati Membri jridu jżommu rekords dettaljati tal-miżuri kollha ta' għajnuna. Dawk ir-rekords irid ikun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida huma ssodisfati. L-Istati Membri jridu jżommu dawn ir-rekords għal 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna u jeħtiġilhom jipprovduhom lill-Kummissjoni meta jintalbu jagħmlu dan.

255. Barra minn hekk, fir-rigward tal-għajnuna li tirrappreżenta rimborżi għat-twettiq ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku msemmi fil-Kapitolu 5, il-Kummissjoni se tapplika wkoll il-Kapitolu 3 tal-Qafas SGEI ([204]) bl-aġġustamenti meħtieġa (ħlief il-punti 62, l-aħħar inċiż, u 65).

## 9. APPLIKAZZJONI

256. Dawn il-Linji Gwida jissostitwixxu l-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 ([205]).

257. Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-Linji Gwida għall-għajnuna nnotifikata li dwarha hija mitluba tieħu deċiżjoni wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, anke meta l-għajnuna tkun ġiet innotifikata qabel dik id-data.

258. F'konformità mal-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat illegali ([206]), f'każ ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni se tapplika r-regoli fis-seħħ meta ngħatat l-għajnuna. Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-Linji Gwida kif xieraq jekk tingħata għajnuna illegali wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom.

259. Il-Kummissjoni tipproponi l-miżuri xierqa ta' hawn taħt lill-Istati Membri skont l-Artikolu 108(1) tat-Trattat.

a) L-Istati Membri jemendaw, fejn meħtieġ, l-iskemi ta' għajnuna eżistenti awtorizzati skont il-Linji Gwida dwar il-Ferroviji tal-2008 jew direttament skont l-Artikolu 93 tat-Trattat sabiex iġibuhom f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida sa mhux aktar tard mill-[*31 ta' Diċembru 2026*];

---

([202]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([203]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([204]) Ara n-nota (70) f'qiegħ il-paġna.

(205) Ara n-nota (38) f'qiegħ il-paġna.

(206) ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

b) L-Istati Membri jaqblu espliċitament u mingħajr kundizzjonijiet mal-miżuri xierqa proposti fil-punt 259(a) fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fin-nuqqas ta' tweġiba, il-Kummissjoni tassumi li l-Istat Membru inkwistjoni ma jaqbilx mal-miżuri proposti.

## 10. REVIŻJONI

260. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrieżamina jew temenda dawn il-Linji Gwida fi kwalunkwe ħin jekk dan ikun meħtieġ għal raġunijiet assoċjati mal-politika tal-kompetizzjoni, biex jitqiesu politiki oħra tal-UE jew impenji internazzjonali jew għal kwalunkwe raġuni ġustifikata oħra.

***

ANNESS I

**Għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinament tat-trasport – miżuri koperti mir-REKT u miżuri li għandhom jiġu nnotifikati skont dawn il-Linji Gwida**

| **Għan primarju** | **REKT** | | **Linji Gwida għat-trasport multimodali u fuq l-art** | |
|---|---|---|---|---|
| | Miżura | Intensità permessa | Miżura | Intensità permessa |
| Għajnuna operatorja biex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni tat-trasport | Skemi ta' għajnuna | *50 % tal-ispejjeż eliġibbli*<br><br>*[60]% tal-ispejjeż eliġibbli għall-għajnuna mogħtija għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat* | Għajnuna *ad hoc*<br><br>Skemi ta' għajnuna b'intensitajiet ogħla minn dawk awtorizzati skont ir-REKT<br><br>Skemi ta' għajnuna li ma jużawx il-Manwal tal-Kummissjoni | *75 % tal-ispejjeż eliġibbli* |
| Għajnuna operatorja għat-tnedija ta' konnessjonijiet kummerċjali ġodda | Skemi ta' għajnuna<br><br>Ammont ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skema għal kull proġett ta' anqas minn EUR 15-il miljun | *80 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-ewwel sena ta' operazzjoni, 70 % għat-tieni sena, 60 % għat-tielet sena, 50 % għar-raba' sena, u 40 % għall-ħames sena* | Għajnuna *ad hoc*<br><br>Ammont ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skema għal kull proġett ta' EUR 15-il miljun jew aktar | *80 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-ewwel sena ta' operazzjoni, 70 % għat-tieni sena, 60 % għat-tielet sena, 50 % għar-raba' sena, u 40 % għall-ħames sena* |
| Għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet tat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni unimodali jew multimodali | Skemi ta' għajnuna<br><br>Ammont ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skema għal kull proġett ta' anqas minn EUR 20 miljun<br><br>Għajnuna *ad hoc* għal terminali multimodali sostenibbli tal-merkanzija ta' anqas minn EUR 10 miljun | *50 % tal-ispejjeż eliġibbli* jekk l-għajnuna tkun ta' anqas minn EUR 3 miljun għal kull proġett<br><br>*50 % tal-ispejjeż eliġibbli iżda taħt il-limitu tad-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli u l-profitt operatorju tal-investiment tul il-ħajja tiegħu u l-valur terminali* tiegħu jekk l-għajnuna tkun ta' EUR 3 | Għajnuna *ad hoc*<br><br>Għajnuna *ad hoc* għal terminali multimodali sostenibbli tal-merkanzija ta' EUR 10 miljun jew aktar<br><br>Ammont ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skema għal kull proġett ta' EUR 20 miljun jew aktar<br><br>Skemi ta' għajnuna b'intensitajiet ogħla minn dawk awtorizzati skont ir-REKT | *L-ispariġġ tal-likwidità limitat għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli*<br><br>*L-ebda limitu jekk għajnuna ad hoc tkun mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | miljun jew aktar għal kull proġett | | |
| Għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' sidings privati | Skemi ta' għajnuna<br><br>Ammont ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skema għal kull proġett ta' anqas minn EUR 2 miljun | *50 % tal-ispejjeż eliġibbli* jekk l-għajnuna tkun ta' anqas minn EUR 500,000 għal kull proġett<br><br>*50 % tal-ispejjeż eliġibbli iżda fil-limitu tad-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli u l-profitt operatorju tal-investiment tul il-ħajja tiegħu u l-valur terminali tiegħu* jekk l-għajnuna tkun ta' EUR 500,000 jew aktar għal kull proġett | Għajnuna *ad hoc*<br><br>Ammont ta' għajnuna individwali mogħtija taħt skema għal kull proġett ta' EUR 2 miljun jew aktar<br><br>Skemi ta' għajnuna b'intensitajiet ogħla minn dawk awtorizzati skont ir-REKT | *L-ispariġġ tal-likwidità limitat għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli* |
| Għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport ferrovjarju jew fuq passaġġi tal-ilma interni | Skemi ta' għajnuna | *Ammont nominali tas-self sottostanti tal-ispejjeż eliġibbli jew anqas. Kopertura tal-garanzija ta' 80 % jew anqas tas-self sottostanti.* | Għajnuna *ad hoc*<br><br>Skemi ta' għajnuna b'intensitajiet ogħla minn dawk awtorizzati skont ir-REKT | *Ammont nominali tas-self sottostanti tal-ispejjeż eliġibbli jew anqas. Kopertura tal-garanzija ta' 90 % jew anqas tas-self sottostanti.* |
| Għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' ILUs u krejnijiet abbord il-bastimenti | Skemi ta' għajnuna | *30 % tal-ispejjeż eliġibbli (għal ILUs)*<br><br>*20 % tal-ispejjeż eliġibbli (għal krejnijiet abbord il-bastimenti)* | mhux applikabbli | |
| Għajnuna għall-investiment għall-interoperabbiltà | Skemi ta' għajnuna | *50 % tal-ispejjeż eliġibbli*<br><br>*80 % tal-ispejjeż eliġibbli (għall-ERTMS u d-DAC)* | Għajnuna *ad hoc*<br><br>Skemi ta' għajnuna b'intensitajiet ogħla minn dawk awtorizzati skont ir-REKT jew għal investimenti mhux inklużi fil-lista koperta mir-REKT | *50 % tal-ispejjeż eliġibbli*<br><br>*80 % tal-ispejjeż eliġibbli (għall-ERTMS u d-DAC)* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | *L-ispariġġ tal-likwidità limitat għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli* |
| Għajnuna għall-investiment għall-adattament tekniku u l-modernizzazzjoni ta’ vetturi u tagħmir għal trasport multimodali sostenibbli | Skemi ta’ għajnuna | *20 % tal-ispejjeż eliġibbli* | Għajnuna *ad hoc*<br><br>Skemi ta’ għajnuna b’intensitajiet ogħla minn dawk awtorizzati skont ir-REKT jew għal investimenti mhux inklużi fil-lista koperta mir-REKT | *20 % tal-ispejjeż eliġibbli*<br><br>*L-ispariġġ tal-likwidità limitat għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli* |

## ANNESS II

### Informazzjoni msemmija fil-punt 82(b)

L-informazzjoni dwar għotjiet individwali msemmija fil-punt 82(b) ta’ dawn il-Linji Gwida trid tinkludi dan li ġej:

a) L-identità tal-benefiċjarju tal-għajnuna individwali ([207]):

– l-isem

– l-identifikatur tal-benefiċjarju tal-għajnuna

b) It-tip ta’ benefiċjarju tal-għajnuna fiż-żmien tal-applikazzjoni:

– SME

– kumpanija kbira

c) Ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju tal-għajnuna (fil-livell II tan-NUTS jew anqas)

d) Is-settur jew l-attività prinċipali tal-benefiċjarju tal-għajnuna għall-għajnuna partikolari, identifikata mill-grupp NACE (kodiċi numeriku bi tliet ċifri) ([208])

e) Element ta’ għajnuna espress bis-sħiħ fil-munita nazzjonali

f) Fejn differenti mill-element tal-għajnuna, l-ammont nominali tal-għajnuna espress bis-sħiħ fil-munita nazzjonali ([209])

g) L-istrument tal-għajnuna ([210]):

– għotja, sussidju tar-rata tal-imgħax, maħfra tad-dejn

– self, self bil-quddiem ripagabbli, għotja rimborżabbli

– garanzija

– vantaġġ tat-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa

– finanzjament ta’ riskju

([207]) Bl-eċċezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra f’każijiet ġustifikati kif dovut u soġġett għall-qbil tal-Kummissjoni (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1.12.2003 dwar is-segretezza professjonali fid-deċiżjonijiet tal-għajnuna mill-Istat, C(2003) 4582 (ĠU C 297, 9.12.2003, p. 6)).

([208]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta’ attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

([209]) Ekwivalenti ta’ għotja gross, jew fejn applikabbli, l-ammont tal-investiment. Għall-għajnuna operatorja, jista’ jingħata l-ammont annwali ta’ għajnuna għal kull benefiċjarju tal-għajnuna. Għall-iskemi fiskali, dan l-ammont jista’ jiġi pprovdut mill-meded stabbiliti fil-punt 84. L-ammont li għandu jiġi ppubblikat huwa l-benefiċċju massimu tat-taxxa permess u mhux l-ammont imnaqqas kull sena (eż. fil-kuntest ta’ kreditu ta’ taxxa, il-kreditu ta’ taxxa massimu permess irid jiġi ppubblikat aktar milli l-ammont attwali, li jista’ jiddependi fuq id-dħul taxxabbli u jvarja kull sena).

([210]) Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta’ diversi strumenti ta’ għajnuna, irid jiġi speċifikat l-ammont tal-għajnuna għal kull strument.

– oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)

h) Id-data tal-għoti u d-data tal-pubblikazzjoni

i) Għan tal-għajnuna

j) L-identità tal-awtorità jew l-awtoritajiet tal-għoti

k) Fejn applikabbli, l-isem tal-entità fdata u l-ismijiet tal-intermedjarji finanzjarji magħżula

l) Referenza tal-miżura ta' għajnuna ([211])

([211]) Kif previst mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' notifika msemmija fil-Kapitolu 3.